PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0362/2013**

5.11.2013

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni
(COM(2011)0625finali/2 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Luis Manuel Capoulas Santos

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ....................5

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA.................................................................231

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP.......................................................................232

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS ..........................................................................239

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT...............................................246

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL....................................................................................................................................260

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI..................................................286

PROĊEDURA...............................................................................................................................294

PROĊEDURA...............................................................................................................................295

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni;**
**(COM(2011)0625final/2 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0625) u l-proposta emendata (COM(2012)0552),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0336/2011),

– wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-1979, u partikolarment il-paragrafu 6 tal-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton mehmuż miegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni 1/2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-8 ta' Marzu 2012[1],

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' April 2012 u tat-12 ta' Diċembru 2012[2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-4 ta' Mejju 2012[3],

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013 dwar il-ftuħ tan-negozjati internazzjonali dwar il-proposta u l-mandat għalihom[4],

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill fl-ittra tal-7 ta' Ottubru 2013 biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0362/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

---

[1] Għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU C 191, 29.6.2012, p. 116 u ĠU C 44, 15.2.2013, p. 159.
[3] ĠU C 225, 27.7.2012, p. 174.
[4] Testi adottati, P7_TA(2013)0084.

2. Jieħu nota tal-istqarrijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

EMENDI MILL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

---------------------------------------------------------

**REGOLAMENT**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta'**

**li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni *u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u (KE) Nru 73/2009***

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni tal-1979, u b'mod partikolari l-paragrafu 6 tal-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton anness miegħu,

* Emendi: it-test il-ġdid hu enfasizzat b'tipa grassa u korsiva; it-tħassir huwa indikat bis-simbolu ▌.

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea▌,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

***Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[1],***

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

▌

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja[4],

---

[1] ***ĠU C …***

[2] ***ĠU C 191, 29.6.2012, p. 116 u ĠU C 44, 15.2.2013, p. 159.***

[3] ***ĠU C 225, 27.7.2012, p. 174.***

[4] ***Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill ta' ....***

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali" tistabbilixxi sfidi, objettivi u orjentazzjonijiet potenzjali għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) wara l-2013. Fid-dawl tad-dibattitu dwar dik il-Komunikazzjoni, il-PAK għandha tiġi riformata b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Din ir-riforma għandha tkopri l-istrumenti ewlenin kollha tal-PAK, inkluż ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 [1]. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni tar-riforma, ikun adatt li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 u jiġi sostitwit b'test ġdid. Ir-riforma għandha wkoll tagħmel id-dispożizzjonijiet konformi u sempliċi.

***(1a) Wieħed mill-objettivi ċentrali u r-rekwiżiti ewlenin tar-riforma tal-PAK huwa t-tnaqqis fil-piż amministrattiv. Dan l-għan għandu jitqies sew meta jitfasslu d-dispożizzjonijiet rilevanti għall-iskema ta’ appoġġ dirett.***

[1] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (***ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16***)***.

*(2)* L-elementi bażiċi ***kollha*** relatati mal-pagamenti f'appoġġ mill-Unjoni lill-bdiewa ***għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament li għandu wkoll jiffissa*** l-kondizzjonijiet ta' aċċess għall-▌pagamenti li huma intrinsikament marbuta ma' dawk l-elementi bażiċi.

(3) Għandu jkun iċċarat li r-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ▌[1] u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan għandhom ikunu applikati b'rabta mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex ikun hemm konsistenza ma' strumenti legali oħra relatati mal-PAK, xi regoli li huma previsti bħalissa fir-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma issa stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru[…][HZR], b'mod partikolari r-regoli ***stabbiliti sabiex*** jiggarantixxu l-konformità mal-obbligi stabbiliti b'dispożizzjonijiet dwar il-pagamenti diretti, inklużi l-kontrolli u l-applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi u ta' penalitajiet amministrattivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità, regoli relatati mal-kondizzjonalità bħar-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni, il-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' miżuri u regoli rilevanti relatati mal-***ħlas tal-avvanzi u*** mal-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti.

---

[1] ***Ir-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (***ĠU L ...*.).*

(4) Sabiex ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati jew emendati, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)*** għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u ***lill***-Kunsill.

▌

***(8) Dan ir-Regolament għandu jinkludi lista ta' skemi ta' appoġġ ta' pagamenti diretti koperti minnu. Sabiex jieħu kont ta' leġislazzjoni ġdida dwar skemi ta' appoġġ li jistgħu jiġu adottati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda ta' dik il-lista.***

(9) Sabiex tiġi ***żgurata ċ-ċertezza legali***, is-setgħa li jiġu adottati ***ċerti*** atti ▌ għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tal-***istabbiliment tal-qafas li fih l-Istati Membri ***għandhom jiddefinixxu l-kriterji li għandhom jintlaħqu mill-bdiewa sabiex iwettqu l-obbligu li jżommu l-erja agrikola fi stat adatt għar-ragħa jew il-kultivazzjoni u*** l-attivitajiet minimi li għandhom jitwettqu f'erjas miżmuma b'mod naturali fi stat xieraq għar-ragħa jew kultivazzjoni kif ukoll il-kriterji li ▌ jiddeterminaw il-predominanza għall-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor ***u l-kriterji li jiddeterminaw il-prattiki lokali stabbiliti*** fir-rigward tal-bwar permanenti ***u mergħa permanenti ("bwar permanenti").***

▌

(11) Bil-għan li jkun żgurat li l-ammonti għall-finanzjament tal-PAK ikunu konformi mal-limiti massimi annwali stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], għandu jinżamm aġġustament tal-livell ta' appoġġ dirett f'kull sena kalendarja ***kif previst taħt l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li tikkontribbwixxi fil-kisba tal-objettiv ta' distribuzzjoni aktar ibbilanċjata ta' pagamenti bejn benefiċjarji żgħar u kbar, l-*** aġġustament tal-pagamenti diretti għandu jkun applikat biss għal pagamenti li għandhom jingħataw lill-bdiewa f'aktar minn EUR ***2 000*** fis-sena kalendarja korrispondenti. Filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' pagamenti diretti lill-bdiewa fil-Bulgarija, fil-Kroazja u fir-Rumanija fil-qafas tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' introduzzjoni progressiva għall-pagamenti diretti kollha mogħtija f'dawk l-Istati Membri, dan l-istrument ta' dixxiplina finanzjarja għandu japplika biss fil-Bulgarija u fir-Rumanija mill-1 ta' Jannar 2016 u fil-Kroazja mill-1 ta' Jannar 2022. ***Għandhom jiġu maħsuba regoli speċifiċi għall-fini ta' din id-dispożizzjoni u ċerti dispożizzjonijiet oħra f'każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi għal membri individwali d-drittijiet u l-obbligi li jistgħu jitqabblu ma' dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' impriża sabiex jissaħħu l-istrutturi agrikoli u jiġi promoss l-istabbiliment tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.***

(*11a)* ***Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-aġġustament tal-pagamenti diretti fir-rigward tad-dixxiplina finanzjarja, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' regoli abbażi tal-kalkolu ta' tnaqqis li għandu jiġu applikat minn Stati Membri fuq bdiewa skont l-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja.***

(13) L-esperjenza mill-applikazzjoni tad-diversi skemi ta’ appoġġ għall-bdiewa uriet li, f'għadd ta' każijiet, l-appoġġ ingħata lil ***persuni fiżiċi u ġuridiċi*** li l-fini tan-negozju tagħhom ma kinitx jew kienet biss marġinalment immirata lejn attività ▌ agrikola. Sabiex jiġi żgurat ***immirar aħjar tal-appoġġ***, l-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jagħtu pagamenti diretti lil ***ċerti persuni fiżiċi u ġuridiċi sakemm tali persuni ma jkunux jistgħu juru li l-attività agrikola tagħhom mhix marġinali. L-Istati Membri għandu jkollhom ukoll il-possibbiltà li ma jagħtux pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi oħra li l-attività agrikola tagħhom hija marġinali. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħtu pagamenti diretti lil bdiewa part-time żgħar billi dawk il-bdiewa jikkontribwixxu direttament għall-vitalità tal-erjas rurali. L-Istati Membri għandhom ukoll iżommu lura milli jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi li l-erjas agrikoli tagħhom huma prinċipalment miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għar-ragħa jew il-kultivazzjoni u li ma jwettqux ċertu attività minima.***

(13a) ***Sabiex tkun iggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bdiewa, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kriterji fl-istabbiliment tal-każijiet fejn erja agrikola ta' bidwi hija meqjusa bħala erja miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għar-ragħa jew il-kultivazzjoni, tal-kriterji li jistabbilixxu d-distinzjoni bejn riċevuti li jirriżultaw minn attivitajiet agrikoli u attivitajiet mhux agrikoli u l-ammont ta' pagamenti diretti rilevanti għall-applikazzjoni tat-test ta' marġinalità, u tal-kriterji li għandhom jintlaħqu mill-bdiewa sabiex jagħtu prova li l-attività agrikola tagħhom ma tkunx marġinali.***

(14) Biex ikun evitat piż amministrattiv eċċessiv ikkawżat mill-ġestjoni ta' pagamenti ta' ammonti żgħar, l-Istati Membri għandhom b'mod ġenerali jibqgħu lura milli jagħtu pagamenti diretti fejn il-pagament ikun anqas minn EUR 100 jew l-erja eliġibbli tal-impriża li għaliha tintalab għajnuna tkun anqas minn ettaru. Madankollu, minħabba li ▌ l-***istrutturi ta' biedja*** tal-Istati Membri jvarjaw konsiderevolment u jistgħu jkunu differenti b'mod sinifikanti mill-istruttura ***ta' biedja*** medja fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitħallew japplikaw livelli ta' limitu minimi li jirriflettu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Minħabba l-istruttura ta' biedja speċifika ħafna fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u fil-gżejjer minuri tal-Eġew, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk f'dawk ir-reġjuni għandhomx japplikaw xi livell minimu ta' limitu. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu l-implimentazzjoni ta' wieħed miż-żewġ tipi ta' livell minimu ta' limitu wara li jqisu l-partikolaritajiet tal-istrutturi tas-setturi tal-biedja tagħhom. Minħabba li pagament jista' jingħata lill-bdiewa li jkollhom l-hekk imsejħin impriżi 'mingħajr art', l-applikazzjoni tal-livell minimu ta' limitu abbażi ta' ettaru tkun mingħajr effett. L-ammont minimu relatat mal-appoġġ għandu, għalhekk, japplika għal bdiewa bħal dawn. LBiex ikun żgurat trattament indaqs ta' bdiewa li l-pagamenti diretti għalihom ikunu soġġetti għal introduzzjoni progressiva fil-Bulgarija, fil-Kroazja u fir-Rumanija, il-livell minimu ta' limitu għandu jkun ibbażat fuq l-ammonti finali li għandhom jingħataw fi tmiem il-proċess ta' introduzzjoni progressiva.

(15) Id-distribuzzjoni ta' appoġġ dirett għad-dħul fost il-bdiewa hija kkaratterizzata mill-allokazzjoni ta' ammonti sproporzjonati ta' pagamenti lil għadd relattivament żgħir ta' benefiċjarji kbar. Minħabba ekonomiji tal-qies, benefiċjarji akbar ma jeħtiġux l-istess livell ta' appoġġ unitarju biex l-objettiv ta' appoġġ għad-dħul jintlaħaq b'mod effiċjenti. Barra minn hekk, il-potenzjal għall-adattament jagħmilha eħfef għal benefiċjarji akbar biex joperaw b'livelli aktar baxxi ta' appoġġ unitarju. ***L-Istati Membri għandhom għalhekk inaqqsu l-parti tal-pagament bażiku/pagament uniku skont l-erja li għandu jingħata lill-bdiewa li teċċedi l-EUR 150 000 b'mill-inqas 5 %.*** Sabiex ***jiġu evitati effetti sproporzjonati fuq azjendi agrikoli kbar b'ħafna impjegati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jieħdu kont tal-intensità tax-xogħol bil-paga meta japplikaw il-mekkaniżmu. Biex tali tnaqqis fil-livell ta' appoġġ ikun effettiv, ma għandu jingħata l-ebda vantaġġ lil bdiewa li artifiċjalment joħolqu l-kondizzjonijiet biex jevitaw*** l-effetti tiegħu. Ir-rikavati mit-tnaqqis ▌ ta' pagamenti lil benefiċjarji kbar għandu jibqa' fl-Istati Membri fejn kienu ġġenerati.▌

(16) Limiti massimi ***netti*** għandhom jiġu determinati għal kull Stat Membru biex jillimitaw il-pagamenti li għandhom isiru lill-bdiewa wara ***tnaqqis fil-livell ta' appoġġ***. Biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' appoġġ mill-PAK mogħti skont ▌ ir-Regolament tal-Kunsill (***UE***) Nru ***228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013*** li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni ***u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006***[1] u ▌ r-Regolament ***(UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013*** li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri tal-Eġew ***u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006***[2], u l-fatt li dawn il-pagamenti diretti mhumiex soġġetti għal ***tnaqqis fil-livell ta' appoġġ***, il-limitu massimu nett għall-Istati Membri kkonċernati ma għandux jinkludi dawk il-pagamenti diretti.

---

1 ***ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23.***
2 ***ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41.***

***(16a) Sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi marbuta mal-ammonti massimi totali ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw, inklużi dawk li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet li jkollhom jittieħdu mill-Istati Membri dwar it-trasferimenti bejn l-ewwel u t-tieni pilastru [u l-applikazzjoni tat-tnaqqis progressiv u, fejn applikabbli l-limitu massimu], kif ukoll dawk li jirriżultaw min-notifiki li għandhom isiru mill-Kroazja dwar l-art li tneħħewlha l-mini li reġgħet lura għall-użu ta' attivitajiet agrikoli, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandu jiġi ddelegat lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami tal-limiti massimi nazzjonali u netti stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

(17) Għandu jiġi speċifikat li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jistgħu jwasslu għal imġiba ta' Stat Membru possibbilment kostituttiv ta' għajnuna mill-Istat huma esklużi mill-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat minħabba li d-dispożizzjonijiet ikkonċernati jinkludu kondizzjonijiet xierqa għall-għoti ta' appoġġ, jew jinkludu l-adozzjoni ta' tali kondizzjonijiet mill-Kummissjoni, sabiex jevitaw distorsjoni bla bżonn fil-kompetizzjoni.

*(17a)* ***Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-politika tal-iżvilupp rurali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jittrasferixxu fondi mil-limitu massimu tagħhom tal-pagamenti diretti għall-appoġġ assenjat għall-iżvilupp rurali. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jittrasferixxu fondi mill-appoġġ tagħhom assenjat għall-iżvilupp rurali għal-limitu massimu tagħhom tal-pagamenti diretti. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-għodda, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jirrieżaminaw id-deċiżjoni inizjali tagħhom darba b'effett mis-sena ta' talba 2018 sakemm dan ir-rieżami ma jinvolvix kwalunkwe tnaqqis fl-ammonti assenjati għall-iżvilupp rurali.***

(18) Biex jinkisbu l-objettivi tal-PAK, l-iskemi ta' appoġġ jista' jinħtiġilhom ikunu adattati għal żviluppi li qed jinbidlu, jekk ikun meħtieġ f'limiti ta' żmien qosra. Għalhekk jeħtieġ li tkun prevista analiżi possibbli tal-iskemi, partikolarment fid-dawl ta' żviluppi ekonomiċi jew tas-sitwazzjoni baġitarja, li jfisser li l-benefiċjarji ma jistgħux joqogħdu fuq kondizzjonijiet għall-appoġġ li jibqgħu ma jinbidlux.

(19) Il-bdiewa fl-Istati Membri li ssieħbu mal-▌ Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara, irċevew pagamenti diretti wara li kien hemm mekkaniżmu ta' introduzzjoni progressiva previst fl-Atti ta' Adeżjoni rispettivi. Għall-Bulgarija u r-Rumanija, tali mekkaniżmu ser ikun għadu fis-seħħ fl-***2015,*** u ***għall-Kroazja, sal-2021.*** Barra minn hekk, dawk l-Istati Membri kienu tħallew jagħtu pagamenti diretti nazzjonali komplementari. Il-possibbiltà li jingħataw tali pagamenti għandha tinżamm għall-***Kroazja u, biex tikkumplementa l-iskema ta' pagament bażiku għall-***Bulgarija u għar-Rumanija sakemm ikunu ġew introdotti progressivament b'mod sħiħ. ▌

(19a) Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009***,*** kif emendat bl-Att tal-Adeżjoni tal-2011***, jipprevedi*** riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini għall-Kroazja sabiex tiffinanzja***,*** għal perijodu ta' għaxar snin wara l-***adeżjoni*** mal-Unjoni***,*** l-allokazzjoni kull sena ta' drittijiet għall-pagament għall-art li minnha ser jitneħħew il-mini u li ser tingħata lura għall-użu agrikolu. Huwa adatt li jiġu stipulati r-regoli biex jiġu ddeterminati l-ammonti ddedikati għall-finanzjament ta’ appoġġ għal dik l-art fil-qafas tal-iskemi ta’ appoġġ ***previsti*** f'dan ir-Regolament u għall-ġestjoni ta’ dik ir-riżerva. Sabiex jitqiesu l-ammonti li jirriżultaw min-notifiki li għandhom isiru mill-Kroazja fir-rigward tal-art li jkunu tneħħew il-mini minn fuqha u tkun ingħatat lura għall-użu agrikolu, il-Kummissjoni għandha tingħatha s-setgħa li tadotta ***ċerti*** ▌ atti ***fir-rigward*** tar-rieżami ta’ ċerti dispożizzjonijiet finanzjarji li japplikaw għall-Kroazja.

(20) Biex tkun żgurata distribuzzjoni aħjar ta' appoġġ fost artijiet agrikoli fl-Unjoni, inkluż f'dawk l-Istati Membri li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 73/2009, skema ġdida ta' pagament bażiku għandha tissostitwixxi l-iskema ta' pagament uniku stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ▌[1],u li ssoktat bir-Regolament (KE) Nru 73/2009, li għaqqad mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti qabel fi skema waħda ta' pagamenti diretti diżakkoppjati. Pass bħal dan għandu***, fil-prinċipju,*** jġib miegħu l-iskadenza ta' drittijiet għall-pagament miksubin skont dawk ir-Regolamenti u l-allokazzjoni ta' oħrajn ġodda, għalkemm ikunu għadhom ibbażati***, bħala regola ġenerali,*** fuq l-għadd ta' ettari eliġibbli għad-dispożizzjoni tal-bdiewa fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema. ***Madankollu, l-Istati Membri li attwalment joperaw l-iskema ta' pagament uniku fuq bażi reġjonali jew bażi reġjonali ibrida għandu jkollhom il-possibbiltà li jżommu d-drittijiet eżistenti tagħhom għall-pagament. Sabiex jiġi evitat li fi Stat Membru partikolari żieda fl-erja eliġibbli tnaqqas b'mod sproporzjonat l-ammont ta' pagament diretti għal kull ettaru u b'hekk taffettwa l-proċess ta' konverġenza interna, l-Istati Membri għandhom ikunu permessi, meta jkunu qed iwettqu l-ewwel allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament, li japplikaw koeffiċjent ta' tnaqqis bil-għan li jistabbilixxu l-għadd ta' drittijiet għall-pagament.***

---

[1] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (***ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1***)***. Regolament imħassar u sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(21) Minħabba l-integrazzjoni suċċessiva ta' diversi setturi fl-iskema ta' pagament uniku u l-perijodu ta' wara ta' aġġustament mogħti lill-bdiewa, sar dejjem iżjed diffiċli biex wieħed jiġġustifika l-preżenza ta' differenzi individwali sinifikanti fil-livell ta' appoġġ għal kull ettaru li jirriżulta mill-użu ta' referenzi storiċi. Għalhekk l-appoġġ għad-dħul dirett għandu jkun imqassam b'mod iktar ekwu bejn l-Istati Membri, billi titnaqqas ir-rabta mar-referenzi storiċi u jiġi kkunsidrat il-kuntest kumplessiv tal-baġit tal-Unjoni. Biex jiġi żgurat tqassim iktar ekwu tal-appoġġ dirett, filwaqt li jitqiesu d-differenzi li għad hemm fil-livelli salarjali u l-ispejjeż tad-dħul, il-livelli tal-appoġġ dirett għal kull ettaru għandhom jiġu aġġustati b'mod progressiv. L-Istati Membri b'pagamenti diretti inqas minn 90 % tal-medja għandhom jagħlqu terz mid-distakk bejn il-livell attwali tagħhom u dan il-livell***, fejn l-Istati Membri kollha għandhom jilħqu livell minimu sas-sena finanzjarja 2020.*** Din il-konverġenza għandha tiġi ffinanzjata b'mod proporzjonali mill-Istati Membri kollha b'pagamenti diretti 'l fuq mill-medja tal-Unjoni.

*(21a)* Barra minn hekk, ***bħala regola ġenerali,*** id-drittijiet kollha għall-pagament attivati fl-2019 fi Stat Membru jew f'reġjun għandu jkollhom valur ta' unità uniformi ▌. Madankollu, sabiex jiġu evitati konsegwenzi finanzjarji ta' xkiel għall-bdiewa, l-Istati Membri ▌ għandhom jitħallew ▌ jikkunsidraw fatturi storiċi meta jikkalkulaw il-valur ta' drittijiet għall-pagament ***li l-bdiewa għandu jkollhom fl-2019 dment li l-ebda dritt għall-pagament fl-2019 ma jkollu valur aktar baxx minn 60 % tal-medja. Din il-konverġenza għandha tkun iffinanzjata bit-tnaqqis tal-valur ta' dawk id-drittijiet għall-pagament li għandhom valur ogħla mill-medja tal-2019 abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri. F'dan il-kuntest u sabiex jiġi evitat telf li jxekkel b'mod inaċċettabbli għal ċerti bdiewa, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw dan it-tnaqqis għal 30 % tal-valur inizjali tad-drittijiet ikkonċernati, anke jekk din id-deċiżjoni ma tippermettix li d-drittijiet għall-pagament kollha jilħqu 60 % tal-valur medju għall-2019. Ħlief għal dawk l-Istati Membri li jagħżlu valur ta' unità uniformi sa mill-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema u dawk li diġà ddeterminaw passi ta' konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, din il-konverġenza għandha sseħħ f'passi ugwali. Il-konverġenza tad-drittijiet għall-pagament b'valur ogħla mill-medja għandha tieħu wkoll kont tar-riżorsi stmati disponibbli għad-drittijiet***.

(22) L-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku turi li xi wħud mill-elementi ewlenin tagħha għandhom jinżammu, inkluża d-determinazzjoni ta' limiti massimi nazzjonali biex ikun żgurat li l-livell totali ta' appoġġ ma jaqbiżx ir-restrizzjonijiet baġitarji attwali. L-Istati Membri għandhom ukoll ikomplu joperaw riżerva nazzjonali***, u għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu riżervi reġjonali***, ***li għandhom jintużaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u bdiewa li għadhom jibdew l-attività agrikola tagħhom fl-iskema u għandhom jitħallew jintużaw biex jitqiesu ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi oħra***. Għandhom jinżammu regoli dwar it-trasferiment u l-użu ta' drittijiet għall-pagament ▌.

***(22a) L-esperjenza skont ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 wriet li l-Istati Membri ma użawx l-ammont kollu tal-fondi disponibbli skont il-limiti nazzjonali stabbiliti f'dak ir-Regolament. Filwaqt li dan ir-Regolament inaqqas ir-riskju ta' fondi li ma jintużawx meta mqabbel mas-sistema taħt ir-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-Istati Membri madankollu għandu jkollhom il-possibbiltà li jiddistribwixxu d-drittijiet għall-pagament għal valur ogħla mill-ammont disponibbli għall-iskema tagħhom ta' pagament bażiku, sabiex ikun iffaċilitat użu aktar effiċjenti tal-fondi. L-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu jistgħu, fi ħdan ċerti limiti komuni u b'rispett għal-limiti netti għal pagamenti diretti, jikkalkulaw l-ammont neċessarju li bih jista' jiżdid il-limitu massimu bażiku tagħhom ta' pagament.***

*(22b)* ***Sabiex jiġi evitat li fi Stat Membru partikolari żieda fl-erja eliġibbli tnaqqas b'mod sproporzjonat l-ammont ta' pagamenti diretti għal kull ettaru u b'hekk taffettwa l-proċess ta' konverġenza interna, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw koeffiċjent ta' tnaqqis biex jiddeterminaw l-erja eliġibbli ta'bwar permanenti fejn il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor tradizzjonalment mhuwiex predominanti fl-erja tar-ragħa, iżda b'hekk jifforma parti mill-prattiki lokali stabbiliti***.

(23) Sabiex tiġi garantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-benefiċjarji u sabiex jiġu ċċarati s-sitwazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, is-setgħa li jiġu adottati ***ċerti*** atti ▌ għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tar-***regoli dwar l-eliġibbiltà u l-aċċess fir-rigward tal-iskema ta' pagament bażiku għall-bdiewa***,*** fil-każ ta' wirt u wirt antiċipat, wirt taħt kiri, bidla fl-istatus jew denominazzjoni***, trasferiment ta' drittijiet għall-pagament*** u fil-każ ta' amalgamazzjoni jew diviżjoni tal-impriża ***u fil-każ ta' klawsola tal-kuntratt dwar id-dritt li jiġu riċevuti drittijiet għall-pagament fl-ewwel sena ta' allokazzjoni għad-drittijiet għall-pagament***; ▌ regoli dwar il-kalkolu tal-valur u tan-numru jew dwar il-***bidla*** fil-valur tad-drittijiet għall-pagament f'rabta mal-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament, inklużi r-regoli dwar il-possibbiltà ta' valur proviżorju u n-numru jew iż-żieda proviżorja tad-drittijiet għall-pagament allokati abbażi tal-applikazzjoni mill-bidwi, fuq il-kondizzjonijiet għall-istabbiliment tal-valur proviżorju u definittiv u n-numru ta' drittijiet għall-pagament u fil-każijiet fejn kuntratt ta' bejgħ jew kiri jista' jaffettwa l-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament; ▌ ir-regoli dwar l-istabbiliment u l-kalkolu tal-valur u n-numru ta' drittijiet għall-pagament riċevuti mir-riżerva nazzjonali ***jew reġjonali***; ▌ ir-regoli dwar il-modifika tal-valur ta' unità tad-drittijiet għall-pagament fil-każ ta' frazzjonijiet tad-drittijiet għall-pagament u ***t-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament mingħajr art;*** il-kriterji għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament ***lil bdiewa li ma rċevewx pagament diretti fl-2013 jew*** skont l-użu ***tar-riżerva*** nazzjonali ***jew reġjonali; il-kriterji għall-applikazzjoni tal-limitazzjonijiet fuq in-numru ta' drittijiet għall-pagament li għandhom jiġu allokati; u l-kriterji biex jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' tnaqqis għall-konverżjoni ta' ċerti bwar permanenti għal ettari eliġibbli.***

(24) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġar tajjeb tad-drittijiet għall-pagament, is-setgħa li jiġu adottati ***ċerti*** atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward ta' regoli dwar il-kontenut ta***d-dikjarazzjoni u ***r-rekwiżiti għall***-attivazzjoni tad-drittijiet għall-pagament.

*(24a) Bħala regola ġenerali, kull erja agrikola tal-impriża, inklużi erjas li ma kinux f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003 fl-Istati Membri li aderixxew mal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 li mal-adeżjoni għażlu li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, li tintuża għal attività agrikola li hija eliġibbli li tibbenefika minn skema ta' pagament bażiku. Peress li attivitajiet mhux agrikoli jistgħu jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni fid-dħul tal-impriżi agrikoli u għall-vitalità ta' erjas rurali, erja agrikola ta' impriża li tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli għandha tkun ikkunsidrata eliġibbli taħt il-kondizzjoni li tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli. Għall-finijiet ta' vvalutar dan il-karattru predominanti, kriterji komuni għandhom jiġu stabbiliti għall-Istati Membri kollha. F'dan il-kuntest u sabiex jiġi żgurat immirar aħjar tal-pagamenti diretti, l-Istati Membri jistgħu jfasslu, għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, lista ta' erjas li jintużaw b'mod predominanti għal attivitajiet mhux agrikoli u għalhekk mhux eliġibbli. Barra minn hekk, sabiex tinżamm l-eliġibbiltà ta' art li kienet eliġibbli bil-għan li tattiva drittijiet għas-serħan tal-artijiet qabel it-tneħħija tal-obbligu għas-serħan tal-artijiet, għandu jiġi previst li ċerti erjas afforestati, inklużi dawk afforestati taħt skemi nazzjonali konformi mar-regoli rilevanti fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew ir-Regolament (UE) Nru [...] [RŻR], jew erjas soġġetti għal ċerti impenji ambjentali jkunu eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament bażiku.*

(25) Fir-rigward tal-qanneb, għandhom jinżammu miżuri speċifiċi biex ikun żgurat li prodotti tal-uċuħ tar-raba' illegali ma jkunux jistgħu jinħbew qalb il-prodotti tal-uċuħ tar-raba' eliġibbli għall-pagament bażiku, u b'hekk tintlaqat b'mod ħażin l-organizzazzjoni tas-suq komuni tal-qanneb. Għalhekk, il-pagamenti għandhom ikomplu jingħataw biss għal erjas miżrugħin b'varjetajiet ta' qanneb li joffru ċerti garanziji fir-rigward tal-kontenut ta' sustanzi psikotropiċi.

***(25a)*** Sabiex tiġi ppreservata s-saħħa pubblika, is-setgħa biex jiġu adottati ***ċerti*** atti ▌ għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward ta'*** regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti fuq kondizzjonijiet skont l-użu ta' żrieragħ iċċertifikati ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u li jistabbilixxu l-proċedura għad-determinazzjoni ta' varjetajiet ta' qanneb u għall-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom.

***(25b)*** ***Fid-dawl tad-diffikultajiet amministrattivi, tekniċi u loġistiċi konsiderevoli li t-transizzjoni għall-iskema ta' pagament bażiku tirrappreżenta għall-Istati Membri li qed japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja taħt ir-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma għandhom jitħallew japplikaw tali skema bil-għan li jagħtu l-pagament bażiku għal perijodu ulterjuri ta' transizzjoni sa mhux aktar tard minn tmiem l-2020. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jintroduċi l-iskema ta' pagament bażiku sa mhux aktar tard mill-2018, huwa jista' jagħżel li jiddiferenzja l-pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja skont il-livell ta' ċerti pagamenti mogħtija fl-2014 taħt l-appoġġ speċifiku u pagamenti separati taħt ir-Regolament (KE) Nru 73/2009, jew fil-każ ta' Ċipru taħt l-oqsma skont is-settur għal għajnuna nazzjonali transitorja.***

*(25c)* ***Sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-benefiċjarji u sabiex jiġu ċċarati s-sitwazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jinqalgħu fl-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli dwar l-eliġibbiltà u l-aċċess fir-rigward tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja tal-bdiewa.***

*(25d)* ***Fl-Istati Membri li qed japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja li tħallew jagħtu għajnuniet nazzjonali transitorji, din l-għajnuna kellha rwol importanti fl-appoġġ tad-dħul tal-bdiewa f'setturi speċifiċi. Għal dik ir-raġuni, u sabiex jiġi evitat tnaqqis f'daqqa waħda u sostanzjali ta' appoġġ mill-2015 f'dawk is-setturi li jibbenifikaw, sal-2014, mill-għajnuniet nazzjonali transitorji, huwa xieraq li jiġi pprevist, f'dawk l-Istati Membri, li jkun hemm il-possibbiltà li tingħata din l-għajnuna biex tikkumplementa l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ bl-għajnuniet nazzjonali li ngħataw s'issa, huwa xieraq li jiġu limitati l-kondizzjonijiet għal dawk applikabbli għal dawk l-għajnuniet fl-2013, jew fil-każ tal-Bulgarija u r-Rumanija pagament nazzjonali diretti kumplementari, kif awtorizzati mill-Kummissjoni wara t-talbiet mill-Istati Membri. Huwa wkoll xieraq li jiġu limitati l-ammonti massimi skont is-settur ta' għajnuniet meta mqabbla mil-livelli tagħhom fl-2013 biex jiżguraw it-tnaqqis stabbli tal-livelli ta' għajnuniet u l-kompattibiltà tagħhom b'mekkaniżmu ta' konverġenza.***

*(25e) Regoli speċifiċi għandhom jiġu previsti għall-ewwel allokazzjoni u l-kalkolu tal-valur tad-drittijiet għall-pagament meta l-Istati Membri li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja skont dan ir-Regolament jintroduċu l-iskema ta' pagament bażiku. Sabiex tiġi żgurata transizzjoni mingħajr xkiel bejn dawk l-iskemi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' regoli ulterjuri dwar l-introduzzjoni ta' skema ta' pagament bażiku fl-Istati Membri li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.*

*(25f) B'kont meħud li l-appoġġ unitarju għall-bdiewa b'impriżi iżgħar għandu jkun suffiċjenti sabiex jinkiseb l-objettiv tal-appoġġ tad-dħul b'mod effettiv, l-Istati Membri għandhom ikunu permessi jiddistribwixxu mill-ġdid l-appoġġ dirett bejn il-bdiewa billi jagħtuhom pagament żejjed għall-ewwel ettari li fuqhom jattivaw id-drittijiet għall-pagament.*

(26) Wieħed mill-objettivi tal-PAK il-ġdida huwa t-titjib ta' prestazzjoni ambjentali permezz ta' komponent ta' “titjib ekoloġiku” obbligatorju ta' pagamenti diretti li għandu jkun ta' appoġġ għall-prattiki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent applikabbli fl-Unjoni kollha. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali flimkien mal-pagament bażiku, l***i jista' jieħu kont tal-konverġenza interna fl-Istat Membru jew reġjun,*** għal prattiki obbligatorji li għandhom ikunu segwiti mill-bdiewa li jindirizzaw, bħala prijorità, miri ta' politika kemm dwar il-klima kif ukoll dwar l-ambjent. Dawk il-***prattiki*** għandhom jieħdu l-għamla ta' azzjonijiet sempliċi, ġeneralizzati, mhux kuntrattwali u annwali li jmorru lil hinn mill-kondizzjonalità u għandhom rabta mal-agrikoltura bħad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-manutenzjoni ta' bwar permanenti ***– li tinkludi ġonna tas-siġar tal-frott tradizzjonali fejn is-siġar tal-frott jitkabbru fi bwar permanenti b'densità baxxa u – u erjas ta' fokus ekoloġiku u japplikaw fuq l-erja eliġibbli kollha tal-impriża sabiex jinkisbu aħjar l-objettivi tal-miżura u biex jippermettu amministrazzjoni effiċjenti u kontroll tat-titjib ekoloġiku***. In-natura obbligatorja ta' dawk ***il-prattiki*** għandha tikkonċerna wkoll lill-bdiewa li l-azjendi tagħhom ikunu kompletament jew parzjalment f'erjas ta' “Natura 2000” koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ▌[1]u bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ▌[2]***, jew erjas koperti bid-Direttiva jew f'erjas koperti mid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], sakemm dawn il-prattiki*** jkunu kompatibbli mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi.

---

[1] ***Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (***ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7***).***

[2] ***Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (***ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7***).***

[3] ***Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1)***.

***(26a)*** Il-bdiewa li jissodisfaw b'mod sħiħ il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ▌[1] għandhom jibbenefikaw mill-komponent ta' "titjib ekoloġiku" mingħajr ma jħarsu xi obbligu ieħor, meta jitqiesu l-benefiċċji ambjentali rikonoxxuti tas-sistemi ta' biedja organika.

***(26b)*** In-nuqqas ta' ħarsien tal-komponent ta'"titjib ekoloġiku" għandu jwassal għal penali abbażi tar-▌ Regolament (UE) Nru [...] [HZR].

---

[1] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (*ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1*).***

*(26c) Sabiex tiġi akkomodata d-diversità tas-sistemi agrikoli u s-sitwazzjonijiet ambjentali differenti madwar l-Unjoni, huwa ġġustifikat li jiġu rikonoxxuti, minbarra t-tliet miżuri ta' titjib ekoloġiku stabbiliti fir-Regolament attwali, prattiki koperti mill-miżuri jew skemi ta' ċertifikazzjoni agroambjentali klimatiċi li huma simili għat-titjib ekoloġiku u li jġibu livell ekwivalenti jew ogħla ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Għal raġunijiet ta' ċarezza legali dawn il-prattiki għandhom jitniżżlu f'Anness għal dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk joffrux lill-bdiewa l-possibbiltà li jużaw prattiki ekwivalenti u l-prattiki ta' titjib ekoloġiku stabbiliti f'dan ir-Regolament sabiex jitolbu lill-bidwi jsegwi l-aħjar prattiki li huma l-aktar adatti biex jiżguraw l-objettivi tal-miżura u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet tagħhom. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-prattiki koperti mill-miżuri ekwivalenti notifikati humiex koperti mill-Anness. Sabiex tippermetti implimentazzjoni aktar sempliċi ta' ekwivalenza u għal raġunijiet ta' kontrollabbiltà, għandhom jitniżżlu regoli fir-rigward tal-qasam kopert minn miżuri ekwivalenti, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-miżuri agroambjentali klimatiċi u tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-prattiki ekwivalenti huma applikati kif suppost u jkun evitat finanzjament doppju, is-setgħa ta' adozzjoni ta' ċerti atti għandha tkun delegata lill-Kummissjoni bil-għan li jiżdiedu prattiki mal-lista ta' prattiki ekwivalenti, li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali jew reġjonali u, fejn meħtieġ, jistabbilixxu regoli dettaljati għall-kalkolu tal-ammonti relatati.*

(27) ***L-obbligi taħt il-miżura tad-diversifikazzjoni ta' uċuħ tar-raba' għandhom ikunu applikati b'mod li jikkunsidra d-diffikultà għal azjendi agrikoli iżgħar li jiddiversifikaw waqt li jkunu għadhom qed imexxu protezzjoni ambjentali msaħħa, u b'mod partikolari t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija. Għandhom jiġu previsti eċċezzjonijiet għal azjendi agrikoli li diġà jissodisfaw l-objettivi tad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' billi huma koperti b'medda sinifikanti bi bwar jew raba' mhux maħdum, għal azjendi agrikoli speċjalizzati li jdawru l-ħbula raba' kull sena jew għal azjendi agrikoli li minħabba l-lokalizzazzjoni ġeografika tagħhom jkollhom diffikultajiet eċċessivi fl-introduzzjoni tat-tielet wiċċ tar-raba'.*** Sabiex jiġi żgurat li l-obbligi msemmija għall-miżura ta' diversifikazzjoni ta' uċuħ tar-raba' jiġu applikati b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorju u li jwassal għal protezzjoni ambjentali msaħħa, is-setgħa ta' adozzjoni ***ta' ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' rikonoxximent ta' ġeneri u speċi ulterjuri u l-istabbiliment ta' regoli li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' kalkolu preċiż ta' kwoti ta' uċuħ tar-raba' differenti.***

*(27a) F'ġieħ il-protezzjoni ambjentali tal-bwar permanenti u b'mod partikolari s-sekwestru tal-karbonju, għandhom isiru dispożizzjonijiet għall-manutenzjoni tal-bwar permanenti. Din il-protezzjoni għandha tikkonsisti fi projbizzjoni tal-ħart u l-konversjoni tal-aktar erjas ambjentali sensittivi ta' "Natura 2000" koperti mid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, u ta' salvagwardja aktar ġenerali, ibbażata fuq proporzjon ta' bwar permanenti, kontra l-konversjoni għal użu ieħor. L-Istati Membri għandu jkollhom il-kompetenza li jiddelinjaw ulterjorment l-erjas ambjentalment sensittivi mhux koperti mid-Direttivi. Barra minn hekk, huma għandhom jagħżlu f'liema livell territorjali il-proporzjon għandu japplika. Sabiex tkun assigurata protezzjoni effiċjenti tal-bwar permanenti, is-setgħa ta' adozzjoni ta' ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-għan li tiddefinixxi l-qafas għad-desinjazzjoni, mill-Istati Membri, tal-bwar permanenti mhux koperti mid-Direttivi 92/43/KEE jew 2009/147/KE.*

▌

*(28) Sabiex ikun żgurat li l-proporzjon tal-bwar permanenti mal-erja totali agrikola huwa ddeterminat u miżmum b'mod korrett , is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' metodi ddettaljati għad-determinazzjoni ta' dak il-proporzjoni, regoli dettaljati dwar il-manutenzjoni ta' bwar permanenti u l-perijodu rilevanti għal obbligu tal-bdiewa individwali li jikkonverti l-art mill-ġdid.*

(29) ***Għandhom jiġu stabbiliti erjas ta' fokus ekoloġiku, b'mod partikolari, sabiex jissalvagwardjaw u jtejbu l-bijodiversità fl-azjendi agrikoli. L-erjas ta' fokus ekoloġiku għandhom għalhekk jikkonsistu f'erjas li jolqtu direttament il-biodiversità bħal art mistrieħa, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, art imtarrġa, biċċiet ta' art ta' lqugħ, erjas afforestati u erjas ta' agrosilvikultura jew li jolqtu indirettament il-biodiversità permezz ta' użu mnaqqas ta' inputs fl-azjenda agrikola, bħal uċuħ li jikbru malajr u kopertura veġetali tax-xitwa. L-obbligi stabbiliti fir-rigward tal-miżura tal-erja ta' fokus ekoloġiku għandhom ikunu applikati b'mod li jiġi evitat li jkun applikat piż sproporzjonat fuq azjendi agrikoli iżgħar fl-istabbiliment ta' tali erjas meta mqabbel mal-protezzjoni ambjentali addizzjonali msaħħa. Għandhom ikunu previsti eċċezzjonijiet għal azjendi agrikoli li diġà jissodisfaw l-objettivi ta' erjas ta' fokus ekoloġiku billi jkunu koperti b'medda sinifikanti minn bwar jew art mhux maħduma u għall-bdiewa li jagħmlu attività agrikola f'erjas li qed jiffaċċjaw tfixkil naturali f'ċerti erjas bi predominanza ta' foresti fejn hemm riskju sinifikanti ta' art abbandunata fi Stati Membri bi predominanza ta' foresti. Għandhom isiru dispożizzjonijiet għall-possibbiltà li Stati Membri u azjendi agrikoli jissodisfaw f'livell reġjonali jew kollettiv il-livell ta' obbligi sabiex jiksbu erjas ta' fokus ekoloġiku biswithom li jkunu ta' benefiċċju akbar għall-ambjent. F'ġieħ is-simplifikazzjoni, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jistandardizzaw il-kejl tal-erjas ta' fokus ekoloġiku.***

***(29a)*** Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-miżura tal-erja ta' fokus ekoloġiku b'mod effiċjenti u koerenti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri, is-setgħa ta' adozzjoni ta' ***ċerti*** atti ▌ għandha tkun ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tal-istabbiliment ulterjuri ta' kriterji għall-kwalifikazzjoni ta' erjas bħala erjas ta' fokus ekoloġiku; ir-rikonoxximent ta' tipi oħrajn ta' erjas ta' fokus ekoloġiku; l-istabbiliment ta' fatturi ta' konverżjoni u ta' ppeżar għal ċerti erjas ta' fokus ekoloġiku; l-istabbiliment ta' regoli għall-implimentazzjoni, mill-Istati Membri, ta' parti mill-erja ta' fokus ekoloġiku fil-livell reġjonali; l-istabbiliment ta' regoli għall-istabbiliment tal-implimentazzjoni kollettiva tal-obbligu li jinżammu fil-viċin ħafna erjas ta' fokus ekoloġiku minn impriżi, l-istabbiliment tal-qafas għall-kriterji, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, għall-identifikazzjoni ta' tali viċinanza; u l-istabbiliment tal-metodi għad-determinazzjoni tal-proporzjon ta' foresti ma' art agrikkola. Meta żżid tipi oħrajn ta' erjas b'fokus ekoloġiku, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn għadhom l-għan li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-impriża, b'mod partikolari fir-rigward tal-bijodiversità, it-titjib tal-kwalità tal-ħamrija u tal-ilma, il-preservazzjoni tal-pajsaġġ u biex jintlaħqu l-objettivi ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima.***

(30) Biex issir promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura f'erjas b'restrizzjonijiet naturali speċifiċi, l-Istati Membri għandhom ikun jistgħu jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għall-pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali abbażi tal-erja flimkien mal-pagament bażiku, lill-bdiewa kollha li joperaw f'***dawk l-erjas jew f'uħud minn dawk l-erjas, fejn ikun ġie deċiż mill-Istat Membru***. Dak il-pagament ma għandux jissostitwixxi l-appoġġ mogħti taħt ***programmi*** ta' żvilupp rurali u ma għandux jingħata lil bdiewa f'erjas li ġew magħżula skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ▌[1] iżda li ma ġewx magħżula skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.▌[2].

---

[1] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (***ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1***)***. Regolament imħassar u sostitwit bir-Regolament (UE) Nru...[RŻR]

[2] ***Ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' .... dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (***ĠU L......***)***.

(31) Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attività ekonomika ġdida fis-settur agrikolu minn bdiewa żgħażagħ hija finanzjarjament ta' sfida u tikkostitwixxi element li għandu jitqies fl-allokazzjoni u fl-identifikazzjoni ta' pagamenti diretti. Dan l-iżvilupp huwa essenzjali għall-kompetittività tas-settur agrikolu fl-Unjoni u, għal dik ir-raġuni, għandu jkun stabbilit appoġġ għad-dħul għall-bdiewa żgħażagħ li jkunu qed jibdew l-attivitajiet agrikoli tagħhom biex ikun iffaċilitat it-twaqqif inizjali tal-bdiewa żgħażagħ u jsir l-aġġustament strutturali tal-azjendi tagħhom wara t-twaqqif inizjali. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw ***għal dak il-għan*** parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għall-pagamenti diretti biex jagħtu ***lill-bdiewa żgħażagħ*** pagament annwali abbażi tal-erja, flimkien mal-pagament bażiku***. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu dwar metodu ta' kalkolu ta' dak il-pagament u, jekk dak il-metodu jimplika obbligu li jistabbilixxi limitu fuq pagament għal kull bidwi, dan il-limitu għandu jiġi stabbilit fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni***. Dak il-pagament għandu jingħata matul perijodu ***massimu*** ta' ▌ ħames snin, minħabba li għandu jkopri biss il-perijodu inizjali tal-ħajja tan-negozju u ma għandux isir għajnuna operattiva***, u dan għandu jkun disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ li jkunu ser jibdew l-attività agrikola tagħhom u li ma jkollhomx aktar minn 40 sena fis-sena tal-ewwel sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-iskema tal-pagament bażiku jew l-iskema tal-pagament uniku skont l-erja***.

(32) Sabiex tkun iggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-benefiċjarji u tiġi evitata d-diskriminazzjoni ***bejniet***hom, is-setgħa li jiġu adottati ***ċerti*** atti ▌ għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward*** tad-definizzjoni tal-kondizzjonijiet li taħthom persuna ġuridika tista' tiġi kkunsidrata eliġibbli li tirċievi l-pagament għal bdiewa żgħażagħ ▌.

(33) L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti għal appoġġ akkoppjat f'ċerti setturi ***jew reġjuni*** f'każijiet definiti b'mod ċar. Ir-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati għal livell xieraq, waqt li appoġġ bħal dan jitħalla jingħata fl-Istati Membri ▌ fis-***setturi jew*** ir-reġjuni speċifiċi tagħhom li jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet partikolari, fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi, ambjentali u/jew soċjali. L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa ***8*** % mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal dan l-appoġġ, jew ***13*** % fil-każ li l-livell tagħhom ta' appoġġ akkoppjat f'tal-inqas waħda mis-snin tal-perijodu 2010- ***2014 jeċċedi l-5 %. Barra minn hekk, sabiex tinżamm l-awtonomija ta' settur tat-tgħammir ibbażat fuq il-proteini, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw tal-anqas 2 % tal-limiti nazzjonali tagħhom biex jagħtu appoġġ lill-produzzjoni ta' uċuħ tar-raba' tal-proteini għandhom jitħallew iżidu dawk il-perċentwali b'mhux aktar minn żewġ punti perċentwali***. Madankollu, f'każijiet debitament ġustifikati fejn jintwerew ċerti ħtiġijiet sensittivi f'reġjun ***jew f'settur***, u wara approvazzjoni mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw aktar minn ***13*** % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom***. Bħala alternattiva għal dawk il-perċentwali, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw sa EUR 3 miljuni fis-sena għall-finanzjamenti tal-appoġġ akkopjat***. L-appoġġ akkoppjat għandu jingħata biss sakemm ikun meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali ta' produzzjoni f'dawk ir-reġjuni. Dan l-appoġġ għandu wkoll ikun disponibbli għall-bdiewa li jkollhom, fil-31 ta' Diċembru 2013, drittijiet speċjali għall-pagamenti allokati skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-Regolament (KE) Nru 73/2009 u li ma jkollhomx ettari eliġibbli għall-attivazzjoni ta' drittijiet għall-pagament. Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-għajnuna akkoppjata volontarja li jkun aktar minn ***13*** % tal-limitu massimu nazzjonali ffissat għal kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa biex tadotta atti ta' implimentazzjoni mingħajr ma tapplika r-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(34) Biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u mmirat tal-fondi tal-Unjoni u biex ikun evitat finanzjament doppju taħt strumenti ta' appoġġ simili, is-setgħa tal-adozzjoni ta' ***ċerti*** atti ▌ għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tal-istabbiliment*** tal-kondizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna akkoppjata volontarja***, kif ukoll ta'*** regoli dwar il-konsistenza tagħhom ma' miżuri oħra tal-Unjoni u dwar l-akkumulazzjoni tal-appoġġ.

(35) ***Parti mill***-appoġġ għas-settur tal-qoton ***taħt*** ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 ▌ kompliet tkun marbuta mal-kultivazzjoni tal-qoton permezz ta' pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għal kull ettaru eliġibbli biex ikun żgurat li ma jkunx hemm riskju ta' tfixkil fil-produzzjoni fir-reġjuni li jipproduċu l-qoton, filwaqt li tqiesu l-fatturi kollha li jinfluwenzaw din l-għażla. Din l-għażla għandha tinżamm skont l-objettivi stabbiliti fil-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton mehmuż mal-Att ta' Adeżjoni tal-1979.

(36) Sabiex tiġi ***żgurata*** l-applikazzjoni effiċjenti tal-pagament speċifiku għal uċuħ tar-raba' għall-qoton, is-setgħa li jiġu adottati ***ċerti*** atti ▌ għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward*** tal-***istabbiliment*** tar-regoli u l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet ***bil-għan ta'*** pagament speċifiku għal uċuħ tar-raba' għall-qoton***;*** ir-regoli dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' dak ▌ il-pagament, dwar ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà u l-prassi agronomika***;*** il-kriterji għall-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali***;*** l-obbligi għall-produtturi***;*** u ***r-regoli ji jirregolaw*** is-sitwazzjoni fejn l-organizzazzjoni interprofessjonali approvata ma ***tissodisfax*** dawk il-kriterji.

(37) Il-Kapitolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 ▌[1] ppreveda li kull Stat Membru li jipproduċi l-qoton għandu ***jippreżenta lill-Kummissjoni*** jew kull erba' snin u għall-ewwel darba sal-1 ta' Jannar ***2009*** abbozz ta' programm ta' ristrutturar ta' erba' snin***,*** jew sal-▌ 31 ta' Diċembru 2009, abbozz uniku ta' programm ta' ristrutturar modifikat ta' tmien snin. L-esperjenza wriet li r-ristrutturar tas-settur tal-qoton ikun servut aħjar permezz ta' miżuri oħra, inklużi dawk ta' programmar ta' żvilupp rurali ffinanzjat skont ir-Regolament (UE) Nru […] [RDR], li jkun jippermetti wkoll għal koordinazzjoni akbar ma' miżuri f'setturi oħra. ***Madankollu,*** għandhom jitħarsu ***d-***drittijiet miksuba u l-aspettattivi leġittimi ta' impriżi diġà involuti fi programmi ta' ristrutturar. Għalhekk, il-programmi li għaddejjin ta' erba' jew tmien snin għandhom ikunu jistgħu jkomplu sat-tmiem tagħhom ***mingħajr estensjoni***. ***F***ondi disponibbli mill-programi ta' erba' snin wara jkunu jistgħu jiġu integrati fil-fondi disponibbli tal-Unjoni għal miżuri taħt l-iżvilupp rurali mill-2014. ***Minħabba l-perijodu ta' programmar, il-f***ondi disponibbli wara tmiem il-programmi ta' tmien snin ma jkunux utli għal programmi ta' żvilupp rurali fl-2018 ▌ u jistgħu, għalhekk ikunu aktar utli jekk ikunu ttrasferiti għal skemi ta' appoġġ skont dan ir-Regolament, kif diġà previst fir-Regolament (KE) Nru 637/2008. Ir-Regolament (KE) Nru 637/2008 ma għandux, għalhekk, jintuża aktar mill-1 ta' Jannar 2014 jew mill-1 ta' Jannar 2018 fir-rigward tal-Istati Membri li, rispettivament, ikollhom ***programmi*** ta' erba' jew tmien snin ***u*** għalhekk għandu jitħassar.

---

[1] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u li jistabbilixxi programmi ta' ristrutturazzjoni nazzjonali għas-settur tal-qoton (***ĠU L 178, 5.7.2008, p. 1***).***

(38) ***L-Istati Membri għandhom jitħallew jistabbilixxu*** skema sempliċi u speċifika għall-bdiewa żgħażagħ ▌ sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-ġestjoni u l-kontroll tal-appoġġ dirett. Għal dak il-għan, ***l-Istati Membri għandhom jitħallew jistabbilixxu jew*** pagament ta' ammont f'daqqa li jissostitwixxi l-pagamenti diretti kollha***, jew pagament ibbażat fuq l-ammont dovut lill-bdiewa kull sena.*** Għandhom jiġu introdotti ***regoli li jissimplifikaw*** il-formalitajiet permezz li jitnaqqsu, ***inter alia***, l-obbligi imposti fuq il-bdiewa żgħar bħal dawk relatati mal-applikazzjoni għall-appoġġ, ma' prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent, ma' kundizzjonalità u ma' kontrolli kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], mingħajr ma jkun hemm periklu għall-kisba tal-objettivi globali tar-riforma, waqt li jkun mifhum li l-leġislazzjoni tal-Unjoni kif imsemmija fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR] tapplika għall-bdiewa żgħar. L-objettiv ta' dik l-iskema għandu jkun li tappoġġa l-istruttura agrikola eżistenti tal-azjendi agrikoli żgħar fl-Unjoni mingħajr ma tmur kontra l-iżvilupp lejn strutturi aktar kompetittivi. Għal dik ir-raġuni, l-aċċess għall-iskema għandu***, fil-prinċipju,*** ikun limitat għall-impriżi eżistenti. ***Il-parteċipazzjoni ta' bdiewa fl-iskema għandu jkun b'għażla, madankollu, sabiex l-impatt tal-iskema jiżdied aktar f'termini ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jitħallew jinkludu ċerti bdiewa fl-iskema b'mod awtomatiku bil-possibbiltà għalihom li joħorġu minnha.***

(39) Sabiex tiġi ***żgurata ċ-ċertezza legali***, ***is-setgħa li jiġu adottati ċerti*** atti ▌ għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tal-kondizzjonijiet*** għall▌ -parteċipazzjoni fl-iskema tal-bdiewa żgħażagħ fejn is-sitwazzjoni tal-bidwi parteċipanti tinbidel.

(40) Fl-interess tas-simplifikazzjoni u biex titqies is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-pagamenti diretti f'dawk ir-reġjuni għandhom ikunu mmaniġġati fil-programmi ta' appoġġ stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru ***228/2013.*** Bħala konsegwenza, id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament relatati mal-pagament bażiku ▌ u ma' pagamenti relatati**,** ma' appoġġ akkoppjat ***u mal-iskema għall-bdiewa żgħar*** ma għandhomx japplikaw għal dawk ir-reġjuni.

(41) Huma meħtieġa notifiki mingħand l-Istati Membri għall-fini ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u għall-fini tal-monitoraġġ, l-analiżi u l-ġestjoni ta' pagamenti diretti. [...] Sabiex tiġi żgurata ***l***-applikazzjoni ***korretta*** tar-regoli ***stabbiliti*** f'dan ir-Regolament ***u sabiex dawn in-notifiki ikunu rapidi, effiċjenti, preċiżi, kosteffettivi u kompatibbli mal-protezzjoni tad-data personali***, is-setgħa li jiġu adottati ***ċerti*** atti ▌ għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tal***-miżuri meħtieġa rigward in-notifiki li għandhom isiru mill-Istati Membri ***lill-Kummissjoni*** jew bil-għan ta' ċċekkjar, ikkontrollar, monitoraġġ, evalwar u awditjar tal-pagamenti diretti ***u għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fi*** ftehimiet internazzjonali, inkluż rekwiżiti ta' notifika taħt dawk il-ftehimiet u ***fir-rigward*** ta' regoli ***ulterjuri dwar*** in-natura u t-tip tal-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata, ***il-kategoriji tad-data li għandhom jiġu proċessati u l-perijodu massimu li jistgħu jinżammu***, id-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni jew is-sistemi u l-kondizzjonijiet ta' informazzjoni ▌ tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni**.**

(42) ***Data personali miġbura għall-fini tal-applikazzjoni ta' pagamenti diretti għandha tiġi pproċessata b'mod li jkun kompatibbli ma' dawk il-finijiet, tkun anonima u aggregata meta pproċessata għal finijiet ta' monitoraġġ jew ta' evalwazzjoni u protetta skont il-liġi tal-Unjoni*** li tikkonċerna l-ħarsien tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u tal-moviment liberu ta' tali data, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ▌[1] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ▌[2]***. Is-suġġetti tad-data għandhom jiġu infurmati dwar tali pproċessar u dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tad-data.***

▌

***(42a) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat u ta opinjoni fl-14 ta' Diċembru 2011[3].***

(44) Sabiex tiġi żgurata transizzjoni mingħajr xkiel mill-arranġamenti previsti fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' ***ċerti*** atti ▌ għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tal-***istabbiliment tal-miżuri meħtieġa biex ikun protett ***kwalunkwe*** dritt miksub u l-aspettattiva leġittima tal-bdiewa.

---

[1] ***Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (***ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31***).***

[2] ***Regoament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali data (***ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1***).***

[3] ***ĠU C 35, 9.2.2012, p. 1.***

*(46) Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tevita kompetizzjoni inġusta jew diskriminazzjoni fost il-bdiewa, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta': l-awtorizzazzjoni ta' pagamenti diretti nazzjonali komplementari għall-Kroazja; l-istipular tal-ammont li għandu jiġi inkluż fir-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini fil-Kroazja; l-iffissar tal-limiti massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku; l-adozzjoni ta' regoli dwar l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament; l-adozzjoni ta' regoli dwar l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament; l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward tar-riverżjoni tad-drittijiet għall-pagament mhux attivati għar-riżerva nazzjonali; l-adozzjoni ta' modalitajiet tan-notifika ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pagament lill-awtoritajiet nazzjonali u d-dati ta' skadenza li fihom għandha sseħħ notifika bħal din; l-iffissar tal-limiti massimi annwali għall-pagament ridistributtiv; l-iffissar tal-limiti massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja; l-adozzjoni ta' regoli dwar l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament ppreżentati fis-sena ta' allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament fejn l-Istati Membri jaqilbu għall-iskema ta' pagament bażiku; il-modalitajiet u l-iskedi ta' żmien għal notifiki rigward l-impenji jew l-iskemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi; l-adozzjoni ta' regoli dwar il-proċedura għan-notifiki tal-Istati Membri u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prattiki ekwivalenti; l-adozzjoni ta' ċerti limiti li fi ħdanhom l-obbligu li jinżammu bwar permanenti huwa kkunsidrat li huwa konformi;***

***l-istabbilment tal-limitu massimu annwali għall-pagament għall-prattiki agrikoli li huma benefiċjali għall-klima u l-ambjent; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-pagament għal erjas b'restrizzjonijiet naturali; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-pagament għall-bdiewa żgħażagħ; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-għajnuna akkoppjata volontarja; l-adozzjoni ta' regoli dwar il-proċedura tal-awtorizzazzjoni u dwar in-notifiki għall-produtturi relatati mal-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton; l-adozzjoni ta' regoli dwar il-kalkolu tat-tnaqqis tal-ammont tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton; l-adozzjoni ta' regoli li jirrigwardaw rekwiżiti u metodi ġenerali ta' notifika; u l-adozzjoni ta' miżuri meħtieġa u ġustifikabbli biex jissolvew problemi speċifiċi f'emerġenza. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].***

[1] *Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).*

(47) *Sabiex jissolvew problemi urġenti f'xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tas-sistema ta' pagamenti diretti, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament meta, f'każijiet iġġustifikati b'mod dovut ċirkostanzi straordinarji jaffettwaw l-għoti ta' appoġġ u jipperikolaw l-implimentazzjoni effettiva tal-pagamenti taħt l-iskemi ta' appoġġ elenkati f'dan ir-Regolament.*

(48) *Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri filwaqt li jaġixxu waħedhom u għalhekk jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni permezz tal-garanzija pluriennali tal-finanzjament tal-Unjoni u permezz ta' konċentrazzjoni fuq prijoritajiet identifikati b'mod ċar, minħabba r-rabtiet bejn dan ir-Regolament u strumenti oħrajn tal-PAK, id-differenzi bejn diversi erjas rurali u r-riżorsi finanzjarji limitati tal-Istati Membri f'Unjoni mkabbra, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jeċċedix dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

▌

**TITOLU I**
**KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*
**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) regoli komuni dwar il-pagamenti mogħtija direttament lill-bdiewa skont l-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I (▌ "pagamenti diretti");

(b) regoli speċifiċi dwar:

(i) pagament bażiku għall-bdiewa ( ***"l-iskema ta' pagament bażiku" u skema transizzjonali simplifikata ('l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja'));***

***(ia) pagament ridistributtiv volontarju ('pagament ridistributtiv');***

***(iaa) għajnuna nazzjonali transitorja volontarja għall-bdiewa***;

(ii) pagament għall-bdiewa li jħarsu ***prattiki*** agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent;

(iii) pagament volontarju għall-bdiewa f'erjas ***b***'restrizzjonijiet naturali;

(iv) pagament għall-bdiewa żgħażagħ li jibdew l-attività agrikola tagħhom;

(v) skema ta' għajnuna akkoppjata volontarja;

(vi) pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton;

(vii) skema ***volontarja*** ssimplifikata għall-bdiewa żgħar;

(viii) qafas biex il-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija jkunu jistgħu jikkomplementaw l-pagamenti diretti.

*Artikolu 2*

**Emenda tal-Anness I**

***Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali, il-***Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 55 ▌ li jemendaw il-lista ta' skemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I, ***sa fejn meħtieġ biex jittieħed kont ta' kwalunkwe att leġislattiv ġdid dwar l-iskemi ta' appoġġ li jista' jiġi adottat wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament***.

*Artikolu 3*
**Applikazzjoni għar-reġjuni ultraperiferiċi u għall-gżejjer minuri tal-Eġew**

L-Artikolu 11 ma għandux japplika għar-reġjuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 349 tat-***TFUE (*** "***ir***-reġjuni l-aktar imbiegħda"***)*** u għall-pagamenti diretti mogħtija fil-gżejjer minuri tal-Eġew skont ir-Regolament (KE) Nru ***229/2013.***

It-Titoli III, IV u V ma għandhomx japplikaw għar-reġuni ultraperiferiċi.

*Artikolu 4*
**Definizzjonijiet *u dispożizzjonijiet reletati***

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

 (a) "bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ***ikun x'ikun l***-istatus legali ▌ mogħti lil ***tali*** grupp u l-membri tiegħu bil-liġi nazzjonali, li l-impriża tiegħu/tagħhom tkun fl-***ambitu territorjali tat-Trattati***, kif iddefinit fl-Artikolu 52 tat-***TUE***, flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-***TFUE***, u li jeżerċita attività agrikola;

(b) "impriża" tfisser l-unitajiet kollha użati għall-attivitajiet agrikoli mmexxija minn bidwi li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

(c) "attività agrikola" tfisser:

– ***il-produzzjoni,*** it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, it-taħlib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għall-finijiet ta' biedja, ***jew***

– iż-żamma ***ta'*** erja agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr ▌ azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u makkinarji agrikoli ***tas-soltu***, ***abbażi ta' kriterji stabbiliti mill-Istati Membri abbażi ta' qafas stabbilit mill-Kummissjoni,*** jew

– it-twettiq ta' attività minima, ▌***,*** stabbilita mill-Istati Membri***,*** fuq erjas agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni;

(d) "prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti ▌, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, ***elenkati fl-Anness I għat-Trattati*** kif ukoll il-qoton;

(e) "erja agrikola" tfisser kull erja meħuda minn raba’ li jinħarat, bwar permanenti ***u mergħat permanenti*** jew uċuħ tar-raba’ permanenti;

(f) " raba' " tfisser art li hija kkultivata għall-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' jew erjas disponibbli għall-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' iżda ***li hija mistrieħa***, inklużi erjas mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru [...] [RDR], irrispettivament jekk l-art tinsabx taħt serer jew taħt kopertura fissa jew mobbli;

(g) "uċuħ tar-raba' permanenti" tfisser uċuħ tar-raba' li mhumiex taħt sistema ta' rotazzjoni ħlief bwar permanenti ***u mergħat permanenti*** li jokkupaw l-art għal ħames snin ***jew iżjed*** u jagħtu ħsad repetut, inklużi mixtliet ▌ u msaġar b'rotazzjoni qasira;

(h) "bwar permanenti ***u mergħat permanenti", (flimkien imsemmija "bwar permanenti")*** tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor naturali (li jitla’ waħdu) jew permezz ta’ kultivazzjoni (li jkun inżera’) u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba’ tal-impriża għal ħames snin jew ***iktar***; tista' tinkludi speċi oħra, ***bħal arbuxelli u/jew siġar li jista' jsir ir-ragħa fuqhom*** dment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti ***kif ukoll, soġġett għal deċiżjoni mill-Istati Membri, art li tista' tintuża għar-ragħa u li hija parti minn prattiki lokali stabbiliti, fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor mhumiex tradizzjonalment predominanti f'erjas tar-ragħa***;

(i) "ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor" tfisser il-pjanti kollha erbaċej tradizzjonalment misjuba f'mergħat naturali u normalment inklużi f'taħlitiet ta' żrieragħ għall-mergħat jew meded tal-art għar-ragħa fl-Istat Membru**,** kemm jekk jintużaw għall-annimali li jirgħu jew le;

(j) "mixtliet" tfisser l-erjas li ġejjin ta' pjanti li għadhom żgħar tal-għuda (għudin) li jitkabbru fil-miftuħ biex wara jinqalgħu u jitħawlu band'oħra:

– mixtliet ta' dwieli u għeruq**,**

– mixtliet ta' siġar tal-frott u frott tal-bosk**,**

– mixtliet ornamentali**,**

– mixtliet kummerċjali ta' siġar tal-foresti esklużi dawk għar-rekwiżiti tal-impriża stess imkabbra f'art imsaġġra**,**

– ***mixtliet ta'*** siġar u sġajriet biex jitħawlu f'ġonna, parks, mat-toroq u fuq ċnut (pereżempju pjanti ta' sġajriet li jagħmlu sies, siġar tal-ward u sġajriet ornamentali oħrajn, koniferi ornamentali), inklużi fil-każijiet kollha z-zkuk tagħhom u n-nebbieta żgħar***;***

(k) "msajġar ta' rotazzjoni qasira" tfisser erjas mħawlin b'dawk l-ispeċijiet ta' siġar tal-kodiċi NM ***06029041*** li għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri ▌ li jikkonsistu minn uċuħ tar-raba' għudin, perenni, li r-riżomi jew l-għeruq ***tagħhom jibqgħu*** fl-art wara l-ħsad, b'rimjiet ġodda li joħorġu fl-istaġun ta' wara u b'ċiklu ta' ħsad massimu li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri***;***

***(l) "bejgħ" tfisser il-bejgħ jew kwalunkwe trasferiment ieħor definittiv tal-proprjetà ta' art jew ta' drittijiet għall-ħlas, ma jinkludix il-bejgħ ta' art fejn l-art tkun ġiet trasferita lil awtoritajiet pubbliċi u/jew għall-użu fl-interess pubbliku u fejn it-trasferiment jitwettaq għal finijiet mhux agrikoli;***

***(m) "kiri" tfisser ftehim tal-kiri jew transazzjoni temporanja simili;***

***(n) "trasferiment" tfisser il-kiri jew il-bejgħ jew il-wirt proprju jew il-wirt antiċipat ta' art jew drittijiet għal pagamenti jew kwalunkwe trasferiment definittiv ieħor ta' dan; dan ma jkoprix ir-riverżjoni ta' drittijiet mal-iskadenza ta' kirja***.

***1a. L-Istati Membri għandhom:***

***(a) jistabbilixxu kriterji li għandhom jiġu rrispettati mill-bdiewa sabiex jissodisfaw l-obbligu li l-erja agrikola tinżamm fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) it-tieni inċiż, tal-paragrafu 1;***

***(b) jiddefinixxu l-attività minima li għandha titwettaq fuq erjas agrikoli li jinżammu b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) it-tielet inċiż, tal-paragrafu 1;***

***(c) jiddefinixxu l-ispeċijiet ta' siġar li jikkwalifikaw għal msajġar b'rotazzjoni qasira u jiddeterminaw iċ-ċiklu ta' ħsad massimu fir-rigward ta' dawk l-ispeċijiet ta' siġar, kif imsemmi fil-punt (k) tal-paragrafu 1.***

***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dik l-art li tista' tintuża għar-ragħa u li tifforma parti minn prattiki lokali stabbiliti fejn ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor huma tradizzjonalment mhux predominanti fl-erjas tar-ragħa, għandha tiġi kkunsidrata bħala bwar permanenti, kif imsemmi fil-punt (h) tal-paragrafu 1.***

2. ***Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali, il-***Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 ***li jistabbilixxi:***

***(aa)*** il-qafas li fih l-Istati Membri ***għandhom jiddefinixxu*** l-kriterji li għandhom jiġu rrispettati mill-bdiewa sabiex ***jissodisfaw*** l-obbligu li l-erja agrikola ***tinżamm*** fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni kif imsemmi fil-punt (c), ***it-tieni inċiż, tal-***paragrafu 1;

***(b) jiddefinixxu l-qafas li fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-attivitajiet minimi li jridu jitwettqu fuq erjas li jinżammu b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni kif imsemmi fil-punt (c) it-tielet inċiż, tal-paragrafu 1;***

(d) il-kriterji li jiddeterminaw il-predominanza tal-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor ***u l-kriterji biex jiġu determinati l-prattiki lokali stabbiliti msemmija fil-*** punt (h) tal-paragrafu 1.

## TITOLU II
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR PAGAMENTI DIRETTI

### KAPITOLU 1
### Regoli komuni dwar il-pagamenti diretti

*Artikolu 5*
***Dispożizzjonijiet ġenerali tal-politika agrikola komuni (PAK)***

▌ **Ir-Regolament (UE) Nru […] [HZR]** ***u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan għandhom japplikaw għall-iskemi previsti f'dan ir-Regolament***.

*Artikolu 6*
**Limiti massimi nazzjonali**

1. Għal kull Stat Membru***, għal*** kull sena, il-limitu massimu nazzjonali li jkun jinkludi l-valur totali tad-drittijiet allokati kollha, tar-riżerva nazzjonali ***jew tar-riżervi reġjonali*** u tal-limiti massimi ffissati skont l-Artikoli ***28h,*** 33, 35, 37 u 39 għandu jkun kif stabbilit fl-Anness II.

***Fejn Stat Membru juża l-għażla prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), il-limitu massimu stabbilit fl-Anness II għal dak l-Istat Membru għas-sena rispettiva jista' jinqabeż bl-ammont ikkalkulat skont dak is-subparagrafu.***

***1a. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għal kull Stat Membru li japplika l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja u kull sena, il-limitu nazzjonali li jinkludi l-limiti stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 28c, 28h, 33, 35, 37 u 39 għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II.***

2. Biex tqis l-iżviluppi relatati mal-ammonti massimi totali ta’ pagamenti diretti li jistgħu jingħataw, inklużi dawk li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14 u dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 17b, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu55 ***li jadatta*** l-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 7*
**Limiti massimi netti**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, l-ammont totali tal-pagamenti diretti li jistgħu jingħataw fi Stat Membru skont it-Titoli III, IV u V fir-rigward ta' sena kalendarja, wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 11, ma għandux ikun ogħla mil-limiti massimi stipulati fl-Anness III ▌.

***Fejn*** l-ammont totali ta' pagamenti diretti ***li għandhom jingħataw*** ikun ogħla mil-limiti massimi stabbiliti fl-Anness III, l-Istati Membri għandhom iwettqu tnaqqis lineari fl-ammonti tal-pagamenti diretti kollha bl-eċċezzjoni ta' pagamenti diretti mogħtija skont ir-Regolamenti ***(UE) Nru 228/2013 u (UE) Nru 229/2013***.

2. Għal kull Stat Membru***, għal*** kull sena, il-prodott stmat ***tat-tnaqqis*** kif imsemmi fl-Artikolu 11***, (***li jkun rifless fid-differenza bejn il-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fl-Anness II, li magħhom jiżdied l-ammont disponibbli skont l-Artikolu 44, u l-limiti massimi netti stabbiliti fl-Anness III) ***għandu*** jsir disponibbli bħala appoġġ tal-Unjoni għal miżuri skont programmar ta' żvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [RDR].

3. ***Sabiex tqis l-iżviluppi relatati mal-ammonti massimi totali ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw, inklużi dawk li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet magħmulin mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14, il-***Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 ***li jadattaw*** il-limiti massimi stabbiliti fl-Anness III.

*Artikolu 8*

**Dixxiplina finanzjarja**

1. Ir-rata ta' aġġustament iddeterminata skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR] għandha tapplika biss għall-pagamenti diretti li jkunu aktar minn EUR ***2 000*** li għandhom jingħataw lill-bdiewa fis-sena kalendarja korrispondenti.

2. ***B'riżultat*** tal-introduzzjoni gradwali ta’ pagamenti diretti ▌ previsti fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu japplika għall-Bulgarija u r-Rumanija mill-1 ta’ Jannar ***2016. B'riżultat tal-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti kif imsemmi fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu japplika għall-Kroazja*** mill-1 ta’ Jannar 2022.

3. ***Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-aġġustamenti tal-pagamenti diretti fir-rigward tad-dixxiplina finanzjarja, il-***Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu55 ***li jistabbilixxu*** regoli abbażi tal-kalkolu ta' tnaqqis li għandu jiġi applikat mill-Istati Membri għall-bdiewa skont il-***paragrafu 1*** ta' dan l-Artikolu.

***4.	Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw it-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 1 fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli għal dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni, bil-kundizzjoni li huma jkunu kkontribwixxew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.***

*Artikolu 9*

**Bidwi attiv**

1.	Ma għandu jingħata l-ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi ▌

***li*** ż-żoni agrikoli tagħhom huma fil-biċċa l-kbira żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u li ma jwettqux l-attività minima stabbilita mill-Istati Membri skont il-punt (c) tal-Artikolu 4(1)▌ f'dawk iż-żoni.

▌

2. ***Ma għandu jingħata l-ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li jħaddmu ajruporti, kumpanniji tal-ferrovija, sistemi tal-infrastruttura tal-ilma, kumpanniji li jbigħu l-proprjetà, postijiet permanenti fejn isiru sports u attivitajiet rikreattivi.***

***Fejn adegwat, l-Istati Membri għandhom, abbażi ta' kriterji oġġettivi u-nondiskriminatorju, jiddeċiedu li jżidu mal-lista fl-ewwel subparagrafu kwalunkwe negozju jew attività simili oħra li mhix agrikola, u jistgħu sussegwentement ineħħu żidiet bħal dawn.***

***Persuna jew grupp imsemmi fl-ewwel jew it-tieni subparagrafu għandu, madankollu, jitqies bħala bidwi attiv jekk dan jipprovdi evidenza verifikabbli, fil-forma meħtieġa mill-Istati Membri, li turi kwalunkwe minn dawn li ġejjin:***

***(i) li l-ammont annwali tal-pagamenti diretti huwa mill-inqas 5 % tal-irċevuti totali li kiseb minn attivitajiet mhux agrikoli fis-sena fiskali l-aktar reċenti li għaliha hija disponibbli tali evidenza;***

***(ii) li l-attivitajiet agrikoli tiegħu mhumiex insinifikanti;***

***(iii) li l-objettivi prinċipali tan-negozju jew tal-kumpannija tiegħu jikkonsistu fl-eżerċitar ta' attività agrikola.***

3. ***Barra minn hekk, l-Istati Memberi jistgħu jiddeċiedu, abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, li l-ebda pagament dirett ma għandu jingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi:***

***(i) li l-attivitajiet agrikoli tagħhom ikunu biss jagħmlu parti insinifikanti mill-attivitajiet ekonomiċi ġenerali tagħhom, u/jew***

***(ii) li l-attività prinċipali jew l-objettivi tal-kumpannija tagħhom ma jikkonsistux fl-eżerċizzju ta' attività agrikola.***

***4. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal bdiewa li rċevew biss pagamenti diretti li ma jaqbżux ċertu ammont fis-sena ta' qabel. Tali ammont għandu jiġi deċiż mill-Istati Membri abbażi ta' kriterji oġġettivi għall-karatteristiċi nazzjonali jew reġjonali tagħhom u ma għandux jaqbeż ammont ta' EUR 5 000.***

5. ***Sabiex jiġi garantit il-ħarsien tad-drittijiet tal-bdiewa, il-***Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 ▌ li jistabbilixxu:

(a) ***kriterji biex jiġu ddeterminati l-każijiet fejn żona agrikola ta' bidwi għandha titqies bħala żona li prinċipalment hija miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni;***

***(b) kriterji biex tiġi stabbilita d-distinzjoni bejn riċevuti li jirriżultaw minn attivvitajiet agrikoli u mhux agrikoli;***

***(ba) kriterji biex jiġi stabbilit*** l-ammont ta’ pagamenti diretti ***msemmija*** fil-paragrafi ***2 u 4***, b’mod partikolari fl-ewwel sena tal-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti fejn il-valur tad-drittijiet għall-pagamenti għadu mhux stabbilit b'mod definittiv kif ukoll għall-bdiewa żgħażagħ;

▌

***(c) kriterji li għandhom jilħqu l-bdiewa biex għall-għanijiet tal-paragrafi 2 u 3 jagħtu prova li l-attivitajiet agrikoli tagħhom mhumiex insinifikanti u li n-negozju ewlieni tagħhom jew l-oġġetti tal-kumpannija jikkonsistu mill-eżerċitazzjoni ta' attività agrikola.***

***6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 sal-1 ta' Awwissu 2014 u, f'każ li tiġi emendata, fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha tittieħed id-deċiżjoni.***

*Artikolu 10*

**Rekwiżiti minimi biex wieħed jirċievi pagamenti diretti**

1. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu li ma jagħtux pagamenti diretti lil bidwi f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-ammont totali ta' pagamenti diretti mitlub jew li jkun imissu jingħata qabel ***l-applikazzjoni tal-***Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru[...] [HZR] f'sena kalendarja partikolari jkun anqas minn EUR 100;

(b) fejn l-erja eliġibbli tal-impriża li għaliha jintalbu pagamenti diretti jew li jkun imisshom jingħataw qabel ***l-applikazzjoni ta***l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR] tkun anqas minn ettaru.

Biex iqisu l-istruttura tal-ekonomiji agrikoli tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-livelli limiti ***stabbiliti*** fil-punti (a) u (b) fil-limiti stabbiliti fl-Anness IV.

2. ***Meta Stat Membru jkun iddeċieda li japplika livell limitu għal żona skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu madankollu japplika l-punt (a) ta' dak il-paragrafu għal dawk*** il-bdiewa li qed jirċievu l-appoġġ akkoppjat relatat mal-annimali msemmi fit-Titolu IV ***li*** għandhom anqas ettari mil-***livell limitu għaż-żona***.

3. L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 1 fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

4. Fil-Bulgarija u fir-Rumanija, għas-***sena*** 2015, l-ammont mitlub jew li jkun imissu jingħata kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-ammont stabbilit fil-***punt A tal***-Anness V ▌. Fil-Kroazja, għas-snin ***2015***-2021, l-ammont mitlub jew li jkun imissu jingħata kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-ammont stabbilit fil-***punt A tal***-Anness Va. ▌

*Artikolu 11*
***Tnaqqis* tal-pagament**

1. ***L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-***ammont ta' pagamenti diretti li għandhom jingħataw lill-bdiewa ***skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta'*** dan ir-Regolament f'sena kalendarja partikolari ***għall-inqas b'5% għall-parti tal-ammont li taqbeż EUR 150 000.***

0 ▌

2. ***Qabel ma japplikaw il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom inaqqsu s-salarji marbuta ma' attività agrikola li tkun fil-fatt*** tħallset jew ġiet iddikjarata mill-bidwi fis-sena preċedenti, inkluż it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali relatati mal-impjieg, mill-***ammont tal-pagamenti li għandu jingħata lil bidwi*** skont il-Kapitolu ***1*** tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament ***f'sena kalendarja partikolari. Meta ma tkun disponibbli l-ebda data dwar is-salarji li fil-fatt tħallsu u ġew iddikjarati mill-bidwi fis-sena ta' qabel, għandha tintuża l-aktar data reċenti disponibbli.***

3. ***L-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħtu pagament ridistributtiv lill-bdiewa skont il-Kapitolu 1a tat-Titolu III u jużaw aktar minn 5 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II għal dak il-għan jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan l-Artikolu. Meta l-applikazzjoni tal-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 28g(4) tipprevjeni Stat Membru milli jilħaq dan il-perċentwal, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax dan l-Artikolu.***

***4. Ma għandu jingħata l-ebda vantaġġ billi jiġi evitat it-tnaqqis għall-pagament favur bdiewa, li fir-rigward tagħhom jiġi stabbilit li, mid-19 ta' Ottubru 2011, ħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet biex jevitaw l-effetti ta' dan l-Artikolu.***

***4a.*** ***Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw it-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 1 fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli għal dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni, bil-kundizzjoni li huma jkunu kkontribwixxew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.***

***5.*** ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2014 bid-deċiżjonijiet li jittieħdu skont dan l-Artikolu u l-prodott stmat tat-tnaqqis għas-snin 2015 sa 2019.***

*Artikolu 12*
**Talbiet multipli**

L-erja li tkun taqbel mal-għadd ta' ettari eliġibbli li fir-rigward tagħha tkun saret applikazzjoni għal pagament bażiku minn bidwi skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III tista' tkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal kwalunkwe pagament dirett ieħor kif ukoll għal kwalunkwe għajnuna oħra mhux koperta b'dan ir-Regolament, ħlief kif espliċitament previst xort'oħra f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*
**Għajnuna mill-Istat**

B'deroga mill-Artikolu 146(1) tar-Regolament [sCMO], l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-***TFUE*** ma għandhomx japplikaw għal pagamenti magħmulin mill-Istati Membri ▌ f'konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*
**Flessibbiltà bejn il-pilastri**

1. Qabel il-***31 ta' Diċembru*** 2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għal miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR kif speċifikat skont ir-Regolament (UE) Nru [...] [RDR], sa ***15***% tal-limiti nazzjonali annwali tagħhom għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2019 kif stipulat fl-Anness II għal dan ir-Regolament. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-għoti tal-pagamenti diretti.

   Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel ***subparagrafu*** għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni sal-***31 ta' Diċembru 2013. Dik id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi l-perċentwal kif*** imsemmi fi dak is-***subparagrafu li jista' jvarja bi sena kalendarja***.

***L-Istati Membri li ma jagħmlux użu mill-ewwel subparagrafu għas-sena kalendarja 2014 jistgħu jieħdu d-deċiżjoni msemmija fih, fir-rigward is-snin kalendarji 2015 sa 2019, qabel l-1 ta' Awwissu 2014 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan sal-1 ta' Awwissu 2014.***

***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrevedu d-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu b'effett mis-sena 2018. Tali reviżjoni ma għandhiex tirriżulta fi tnaqqis fil-perċentwal innotifikat lill-Kummissjoni f'konformità mal-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'deċiżjonijiet bħal dawn li ssir reviżjoni sal-1 ta' Awwissu 2017.***

2. ***Qabel il-31 ta' Diċembru 2013, l-Istati Membri li ma jużawx il-possibbiltà skont il-paragrafu 1 jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti skont dan ir-Regolament sa 15% jew, fil-każ*** tal-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit***, sa 25 %*** tal-ammont allokkat bħala appoġġ għall-miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR għall-perjodu 2015-2020 kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [RDR].***/*** B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-miżuri ta' appoġġ skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali.

***Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013. Dik id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi l-perċentwal kif imsemmi f'dak is-subparagrafu li jista' jvarja b'sena kalendarja.***

***L-Istati Membri li ma jagħmlux użu mid-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu għas-sena finanzjarja 2015 jistgħu jieħdu d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-perijodu 2016-2020, qabel l-1 ta' Awwissu 2014 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan sal-1 ta' Awwissu 2014.***

***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrevedu d-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu b'effett għas-snin finanzjarji 2019 u 2020. Tali reviżjoni ma għandhiex tirriżulta f'żieda fil-perċentwal innotifikat lill-Kummissjoni f'konformità mal-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'deċiżjonijiet bħal dawn li ssir reviżjoni sal-1 ta' Awwissu 2017.***

*Artikolu 15*
**Reviżjoni**

L-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal reviżjoni possibbli fi kwalunkwe żmien ***minn atti leġislattivi, atti idelegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jew atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE*** fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi u s-sitwazzjoni baġitarja.

**KAPITOLU 2**
**Dispożizzjonijiet li japplikaw għall-Bulgarija, għall-Kroazja u għar-Rumanija**

*Artikolu 16*
**Introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti fil-Bulgarija u r-Rumanija**

Fil-Bulgarija u fir-Rumanija, il-limiti massimi nazzjonali għall-pagamenti msemmija fl-Artikoli ***28h,*** 33, 35, 37, 39 u 51 għandhom ▌ jiġu stabbiliti fl-2015 abbażi tal-***ammont stipulat fil-punt A tal-***Anness ***V***.

*Artikolu 16a*

**Introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti fil-Kroazja**

Fil-Kroazja, il-pagamenti diretti għandhom jiddaħħlu skont l-iskeda ta' żidiet li ġejja, espressi bħala perċentwal tal-livell korrispondenti tal-pagamenti diretti, kif applikati mill-2022:

0 25 % fl-2013,

1 30 % fl-2014,

2 35 % fl-2015,

3 40 % fl-2016,

4 50 % fl-2017,

5 60 % fl-2018,

6 70 % fl-2019,

7 80 % fl-2020,

8 90 % fl-2021,

100 % mill-2022 'il quddiem.

*Artikolu 17*

**Pagament dirett nazzjonali komplementari u pagamenti diretti fil-Bulgarija u r-Rumanija**

1. ▌Fl-2015, il-Bulgarija u r-Rumanija jkunu jistgħu jużaw pagamenti diretti nazzjonali biex jikkomplementaw pagamenti mogħtija skont l-iskema ta' pagament bażiku msemmija fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III u, fil-każ tal-Bulgarija, biex tikkomplementa wkoll pagamenti mogħtija skont il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton imsemmi fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV.

2. L-ammont totali ta' pagamenti diretti nazzjonali komplementari għall-iskema ta' pagament bażiku li jista' jingħata ▌ għall-2015 ma għandux ikun aktar mill-***ammont*** stipulat fil-***punt B*** tal-Anness ***V*** għal ***dik is-sena***.

3. Għall-Bulgarija, l-ammont totali ta' pagamenti diretti nazzjonali komplementari għall-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton ***li jista' jingħata għall-2015*** ma għandux ikun aktar mill-***ammont stipulat*** fil-***punt C tal-Anness V għal dik is-sena***.

4. Il-pagamenti diretti nazzjonali komplementari għandhom jingħataw skont kriterji oġġettivi u b'mod li jkun żgurat trattament indaqs bejn il-bdiewa u li jkunu evitati distorsjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni.

*Artikolu 17a*

**Pagamenti diretti nazzjonali komplementari għall-Kroazja**

1. Soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni ▌***,*** il-Kroazja ***tista' tikkomplementa*** kwalunkwe waħda mill-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I, fejn rilevanti.

2. L-ammont komplementari li jista' jingħata f'sena partikolari u għal skema ta' appoġġ partikolari għandu jkun limitat b'pakkett finanzjarju speċifiku. Dan il-pakkett għandu jiġi stabbilit bħala d-differenza bejn:

(a) l-ammont ta' appoġġ dirett disponibbli għal kull skema ta' appoġġ ikkonċernata wara l-introduzzjoni sħiħa tal-pagamenti diretti ***f'konformità mal-***Artikolu 16a għas-sena kalendarja 2022

u

(b) l-ammont ta' appoġġ dirett disponibbli għal kull skema ta' appoġġ ikkonċernata wara l-applikazzjoni tal-iskeda ta' żidiet ***f'konformità mal-***Artikolu 16a fis-sena kkonċernata.

3. L-ammont totali tal-pagamenti diretti nazzjonali komplementari mogħtija ma għandux jaqbeż il-limitu massimu stipulat fil-***punt B*** tal-Anness ***Va*** għal sena kalendarja korrispondenti.

4. Il-Kroazja tista' tiddeċiedi, abbażi ta' kriterji oġġettivi u wara awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, dwar l-ammonti tal-għajnuna nazzjonali komplementari li għandha tingħata.

5. L-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni ***skont dan l-Artikolu*** għandha tispeċifika l-iskemi ta' appoġġ rilevanti, u għandha tiddefinixxi sa liema livell jistgħu jitħallsu l-pagamenti diretti nazzjonali komplementari.

Fir-rigward tal-pagamanti diretti nazzjonali komplementari maħsubin biex jikkumplementaw l-appoġġ akkoppjat volontarju msemmi fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV, l-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika wkoll it-tipi speċifiċi ta' biedja jew is-setturi agrikoli speċifiċi msemmija fl-Artikolu 38(2) li jistgħu jirrelataw magħhom il-pagamenti diretti nazzjonali komplementari.

***L-awtorizzazzjoni għandha tingħata permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat mingħajr l-applikazzjoni tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2) jew (3).***

6. Il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-pagamenti diretti nazzjonali komplementari ***għall-Kroazja*** għandhom ikunu dawk għall-appoġġ skont skemi ta' appoġġ korrispondenti, kif stipulat f'dan ir-Regolament.

7. ***Pagamenti diretti nazzjonali komplementari għall-Kroazja*** għandhom ikunu soġġetti għal kwalunkwe aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba żviluppi fil-***PAK*** ▌. Huma għandhom jingħataw skont kriterji oġġettivi u b'mod li jkun żgurat trattament ugwali bejn il-bdiewa, u b'mod li jiġu evitati ***distorsjonijiet tas***-suq u ***tal***-kompetizzjoni▌.

8. Il-Kroazja għandha tressaq rapport li jipprovdi tagħrif dwar il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-pagamenti diretti nazzjonali komplementari qabel it-30 ta' Ġunju tas-sena wara l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rapport għandu jkopri mill-inqas dan li ġej:

(a) kull bdil fis-sitwazzjoni li tkun taffettwa l-pagamenti diretti nazzjonali komplementari;

(b) ammont totali ta' għajnuna nazzjonali komplementari mogħtija, kif ukoll ▌ l-ettari, l-għadd ta' annimali, jew unitajiet oħra li għalihom ingħatat l-għajnuna;

(c) rapport dwar il-miżuri ta' kontroll applikati b'rabta mal-pagamenti diretti nazzjonali komplementari mogħtija.

Artikolu 17b

**Riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini fil-Kroazja**

1. Mill-***2015*** 'il quddiem, il-Kroazja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, ***sal-***31 ta' Jannar ta' kull sena, biż-żoni li jkunu ġew identifikati skont l-Artikolu 57a(10) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u li ngħataw lura għall-użu agrikolu, fis-sena kalendarja ta' qabel.

Il-Kroazja għandha tinnotifika wkoll l-għadd ta' drittijiet għall-pagament disponibbli lill-bdiewa fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja ta' qabel, kif ukoll l-ammont li baqa' ma ntefaqx fir-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini fl-istess data.

***Fejn*** applikabbli, in-notifiki previsti fl-ewwel u t-tieni ***subparagrafi*** għandhom isiru għal kull reġjun, kif iddefinit skont l-Artikolu 20(1).

2. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula kull sena l-ammont li għandu jiżdied mal-ammonti stipulati għall-Kroazja fl-Anness II, meta tiġi biex tirrevedi dak l-Anness skont l-Artikolu 6(2), għall-finanzjament tal-appoġġ li għandu jingħata skont l-iskemi elenkati fl-Anness I għaż-żoni msemmija fl-ewwel ***subparagrafu*** tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan l-ammont għandu jiġu kkalkulat abbażi tad-data nnotifikata mill-Kroazja f'konformità mal-paragrafu 1 u l-istima tal-pagament dirett medju għal kull ettaru fil-Kroazja għas-sena kkonċernata.

L-ammont massimu li għandu jiżdied skont l-ewwel ***subparagrafu,*** abbażi taż-żoni kollha nnotifikati mill-Kroazja skont il-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu sal-2022,*** għandu jkun ta' EUR 9 600 000, u għandu jkun**,** soġġett għall-iskeda tal-introduzzjoni tal-pagamenti diretti skont l-Artikolu 16a, ▌ stipulat fl-Anness Vb.

3. Permezz ta' atti implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistipula s-sehem tal-ammont li għandu jiżdied skont il-paragrafu 2 li l-Kroazja għandha tinkludi fir-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini, sabiex jiġu allokati drittijiet ta' pagamenti għaż-żona msemmija fl-ewwel ***subparagrafu*** tal-paragrafu 1. ***Dak*** is-sehem għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-proporzjon bejn il-***livell massimu tal-iskema*** ta' pagament bażiku u l-ammont stipulat fl-Anness II qabel iż-żieda tiegħu skont il-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

4. Għas-snin ***2015*** sal-2022, il-Kroazja għandha tuża r-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini biex talloka d-drittijet għall-pagament lill-bdiewa abbażi tal-art li minnha jkunu tneħħew il-mini, iddikjarati mill-bdiewa fis-sena inkwistjoni, skont il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali art hija eliġibbli fit-tifsira tal-Artikolu 25(2),

(b) l-art inkwistjoni ngħatat lura għall-użu agrikolu tul is-sena kalendarja ta’ qabel,

(c) l-art tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni skont il-paragrafu ***1 ta' dan l-Artikolu.***

5. Il-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbiliti skont dan l-Artikolu għandu jkun il-valur medju nazzjonali jew reġjonali tad-drittijiet għall-pagament fis-sena tal-allokazzjoni, fil-limiti tal-ammont disponibbli fir-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini.

6. ***Sabiex jittieħed kont tal-konsegwenzi ta' meta l-art li minnha jkunu tneħħew il-mini terġa' tibda tintuża għal attivitajiet agrikoli kif innotifikat mill-Kroazja f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-***Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 55 ▌ biex jiġu adattati l-ammonti stabbiliti fl-Anness Va ▌.

## TITOLU III
## SKEMA TA' PAGAMENT BAŻIKU*, SKEMA TA' PAGAMENT UNIKU SKONT L-ERJA U PAGAMENTI RELATATI*

### KAPITOLU I
### Skema ta' pagament bażiku***u skema ta' pagament uniku skont l-erja***

### Taqsima 1
### Stabbiliment tal-iskema ta’ pagament bażiku

*Artikolu 18*

**Drittijiet għall-pagament**

1. Għandu jkun disponibbli appoġġ taħt l-iskema ta’ pagament bażiku għall-bdiewa ▌***:***

***(a)*** ***li*** jakkwistaw drittijiet għall-pagament skont dan ir-Regolament permezz ta' allokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 17b(4), tal-ewwel allokazzjoni skont l-Artikolu ***21 jew l-Artikolu 28e,*** mir-riżerva nazzjonali ***jew reġjonali*** skont l-Artikolu ***23*** jew permezz ta’ trasferiment skont l-Artikolu ***27,***

***jew***

***(b) li jkunu konformi mal-Artikolu 9 u li għandhom bi sjieda jew b'kirja drittijiet għall-pagament fi Stat Membru li ddeċieda, f'konformità mal-paragrafu 3, li jżomm id-drittijiet għall-pagament eżistenti tiegħu.***

2. Id-drittijiet għall-pagament miksubin skont l-iskema ta' pagament uniku skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandhom jiskadu fil-31ta' Diċembru ***2014.***

***3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri li stabbilixxew l-iskema ta' pagament uniku skont it-Taqsima I tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III jew il-Kapitolu 6 tat-Titolu III tar-Regolament (KE)Nru 1782/2003 jew il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jistgħu, sal-1 ta' Awwissu 2014, jiddeċiedu li jżommu d-drittijiet għall-pagament. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni sal-1 ta' Awwissu 2014.***

***3a. Fl-Istati Membri li japplikaw il-paragrafu 3, meta l-għadd ta' drittijiet għall-pagament stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-Regolament (KE) Nru 73/2009 li jkollu bidwi fid-data li għandha tiġi stabbilita skont il-punt (b) tal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru […] [HRZ] jaqbeż l-għadd ta' ettari eliġibbli li l-bidwi jiddikjara fl-applikazzjoni għall-għajnuna f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru [...][HRZ] għall-2015 u li huma disponibbli għalih f'data stabbilita mill-Istat Membru li m'għandhiex tkun aktar tard mid-data stabbilita f'dak l-Istat Membru għall-emendi tal-imsemmija applikazzjoni għall-għajnuna, l-għadd ta' drittijiet għall-pagament li jaqbżu l-għadd ta' ettari eliġibbli għandhom jiskadu f'dik id-data.***

*Artikolu 19*

**Limitu massimu għall-iskema ta' pagament bażiku**

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi***, għal kull Stat Membru,*** il-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku billi jitnaqqsu mil-limitu massimu nazzjonali annwali ***li jinsab*** fl-Anness II l-ammonti annwali li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikoli ***28h,*** 33, 35, 37 u 39. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

***L-ammont ikkalkolat skont l-ewwel subparagrafu jista' jiżdied b'massimu ta' 3% tal-limitu massimu annwali kif stabbilit fl-Anness II wara t-tnaqqis tal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-perċentwal stabbilit fl-Artikolu 33(1) għas-sena rilevanti. Meta Stat Membru jagħmel użu minn dik l-għażla, tali żieda għandha titqies mill-Kummissjoni meta tistabbilixxi l-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku skont l-ewwel subparagrafu. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2014 bil-perċentwal annwali li bihom għandu jiżdied l-ammont ikkalkolat skont l-ewwel subparagrafu.***

***L-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjoni tagħhom imsemmija fit-tieni subparagrafu fuq bażi annwali u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tali rieżami sal-1 ta' Awwissu tas-sena ta' qabel.***

2. Għal kull Stat Membru u għal kull sena, il-valur totali tad-drittijiet kollha ▌ għall-pagamenti u r-riżerva nazzjonali ***jew ir-riżervi reġjonali*** għandu jkun ugwali għal-limitu massimu nazzjonali rispettiv adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1.

3. ***Jekk*** il-limitu massimu adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 ***ikun differenti minn dak tas-sena ta' qabel, bħala riżultat tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Istati Membri f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-aħħar żewġ subparagrafi tal-Artikolu 14(1), l-aħħar żewġ subparagrafi tal-Artikolu 14(2), l-Artikolu 28g(1), l-Artikolu 35(1), l-Artikolu 37(1), u/jew l-Artikolu 39,*** Stat Membru għandu b'mod lineari inaqqas jew iżid il-valur tad-drittijiet kollha għall-pagament biex tkun żgurata konformità mal-paragrafu 2.

▌

*Artikolu 20*

**Allokazzjoni reġjonali tal-limiti massimi nazzjonali**

1. ***Sal-31 ta' Lulju 2014,*** l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-iskema ta' pagament bażiku f'livell reġjonali. F'dak il-każ huma għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji bħall-karatteristiċi agronomiċi u ***soċjo***ekonomiċi tagħhom u l-potenzjal agrikolu reġjonali tagħhom, jew l-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom.

***L-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c jistgħu jieħdu d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu sal-31 ta' Lulju tas-sena qabel l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 28d.***

2. L-Istati Membri għandhom jaqsmu l-limitu massimu nazzjonali ***għall-iskema ta' pagamanet bażiku*** msemmi fl-Artikolu 19(1) bejn ir-reġjuni skont kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.

***Fil-każ tal-pajjiżi li ma japplikawx l-Artikolu 23(2), dik id-diviżjoni għandha ssir wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fl-Artikolu 23(1).***

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-limiti massimi reġjonali għandhom ikunu soġġetti għal modifiki progressivi annwali f'konformità mal-istadji annwali stabbiliti minn qabel u kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji ▌ bħall-potenzjonal agrikolu jew kriterja ambjentali.

4. Sakemm ikun meħtieġ għall-ħarsien tal-limiti massimi reġjonali applikabbli stabbiliti skont il-paragrafu 2 jew 3, l-Istati Membri għandhom iwettqu tnaqqis jew żieda lineari fil-valur tad-drittijiet għall-pagament f'kull wieħed mir-reġjuni ***rilevanti***.

***4a. Kwalunkwe Stat Membru li japplika l-paragrafu 1 jista' jiddeċiedi li jwaqqaf l-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku fil-livell reġjonali minn data li għandha tiġi stabbilita minn dak l-Istat Membru.***

5. L-Istati Membri ***li japplikaw il-paragrafu 1*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu ***2014*** bid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu ***1 u bil-***miżuri meħuda għall-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3. ***L-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu tas-sena rilevanti bid-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 u bil-miżuri meħuda għall-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3.***

***L-Istati Membri li japplikaw il-paragrafu 1 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4a sal-1 ta' Awwissu tas-sena qabel l-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni .***

*Artikolu 21*

**L-ewwel allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament**

1. ***Id-drittijiet għall-pagament għandhom jiġu allokati lill-bdiewa li huma intitolati għal pagamenti diretti skont l-Artikolu 9 jekk japplikaw għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament taħt l-iskema ta' pagament bażiku sad-data fl-2015 li għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR] b'eċċezzjoni fil-każ ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali, dment li jkunu intitolati li jirċievu pagamenti, qabel kull tnaqqis jew esklużjoni prevista fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, fir-rigward ta' applikazzjoni għall-għajnuna għall-pagamenti diretti jew għajnuna nazzjonali transitorja jew pagamenti diretti nazzjonali komplementari, jew, fil-każ ta' Ċipru, għajnuna mill-Istat, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għall-2013.***

▌

***L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fl-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 18(3).***

***Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jallokaw drittijiet għall-pagament lil:***

(***a***) ***Bdiewa li, fl-2013, ma rċevewx pagamenti fir-rigward ta' applikazzjoni għall-għajnuna kif msemmija fl-ewwel subparagrafu u li, sad-data stabbilita mill-Istat Membru skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 għas-sena ta' talba 2013:***

***(i)*** ***fl-Istati Membri li qed japplikaw l-iskema ta' pagament uniku, li pproduċew frott, ħaxix, patata għall-konsum, patata taż-żriegħ, pjanti ornamentali, jekk ikun ġie deċiż hekk mill-Istat Membru kkonċernat dwar l-erja minima f'termini ta' ettari, u/jew vinji kkultivati; jew***

***(ii)*** ***fl-Istati Membri li qed japplikaw*** l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, ***kellhom*** art agrikola li ma kinitx f'kondizzjonijiet agrikoli tajba fit-30 ta' Ġunju 2003 kif previst fl-Artikolu 124(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/***2009; jew***

***(b)*** ***bdiewa li, fl-2014, ġew allokati drittijiet għall-pagament mir-riżerva nazzjonali taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-Artikolu 41 jew 57 tar-Regolament (KE)Nru73/2009; jew***

*(c)* ***bdiewa li qatt ma kellhom drittijiet għall-pagament stabbiliti taħt ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 jew ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u li ppreżentaw evidenza verfikabbli li sad-data stabbilita mill-Istat Membru skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 għas-sena ta' talba 2013, huma pproduċew, rabbew jew kabbru prodotti agrikoli, inkluż permezz tal-ħsad, it-taħlib, it-tgħammir tal-annimali u ż-żamma ta' annimali għal skopijiet ta' trobbija. L-Istati Membri jistgħu jżidu l-objettiv tagħhom stess u kriterji ta' eliġibbiltà nondiskriminatorji għal din il-kategorija ta' bdiewa fir-rigward ta' ħiliet, esperjenza jew edukazzjoni xierqa.***

***2.*** Ħlief fil-każ ta' *force majeure* jew ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, l-għadd ta' drittijiet għall-pagament allokati għal kull bidwi ***fl-2015*** għandu jkun ugwali għan-numru ta' ettari eliġibbli, ***li*** l-bidwi jiddikjara ***fl-applikazzjoni tiegħu għall-għajnuna*** skont ***il-punt (a) tal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […][HZR] għall-2015 u li huma għad-dispożizzjoni tiegħu f'data stabbilita mill-Istat Membru. Dik id-data ma għandhiex tkun aktar tard mid-data stabbilita f'dak l-Istat Membru għall-emendar ta' tali applikazzjoni għall-għajnuna.***

***L-Istati Membri jistgħu madankollu japplikaw waħda mil-limitazzjonijiet li ġejjin jew aktar fuq in-numru ta' drittijiet għall-pagament li għandhom jiġu allokati:***

***(aa)*** ***Stat Membru jista' jiddeċiedi li n-numru ta' drittijiet għall-pagament għandu jkun ugwali jew għan-numru ta' ettari eliġibbli li l-bidwi ddikjara skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 fl-2013, jew in-numru ta' ettari msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont liema numru jkun l-iżgħar. Għall-Kroazja, din il-possibbiltà għandha tapplika mingħajr preġudizzju għall-ettari li tneħħewlhom il-mini li għandhom jiġu allokati lilhom id-drittijiet għall-pagament f'konformità mal-Artikolu 17(b)(4).***

***(a)*** ***meta n-numru totali ta' ettari eliġibbli msemmija fl-ewwel subparagrafu ddikjarat fi Stat Membru jġib żieda ta' aktar minn 35% tan-numru totali ta' ettari eliġibbli ddikjarati skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 fl-2009, jew fil-każ tal-Kroazja fl-2013, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru ta' drittijiet għall-pagament li għandhom jiġu allokati fl-2015 għal minimu ta' jew 135% jew 145% tan-numru totali ta' ettari ddikjarati fl-2009, jew fil-każ tal-Kroazja n-numru totali ta' ettari eliġibbli ddikjarati fl-2013, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament(KE)Nru73/2009.***

*Meta tintuża din l-għażla, l-Istati Membri għandhom jallokaw għadd imnaqqas ta' drittijiet għall-pagament lill-bdiewa. Dak l-għadd għandu jiġi kkalkolat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis proporzjonali għall-għadd addizzjonali ta' ettari eliġibbli ddikjarati minn kull bidwi fl-2015 meta mqabbel man-numru ta' ettari eliġibbli skont is-sens tal-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE)Nru73/2009 li l-bidwi ddikjara fl-applikazzjoni tiegħu għall-għajnuna fl-2011, jew fil-każ tal-Kroazja fl-2013, mingħajr preġudizzju għall-ettari li tneħħewlhom il-mini li għalihom għandhom jiġu allokati drittijiet għall-pagament skont l-Artikolu 17b(4);*

*(b) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw, għall-fini tal-istabbiliment ta' għadd ta' drittijiet għall-pagament li bidwi għandu jirċievi, koeffiċjent ta' tnaqqis għal dawk l-ettari eliġibbli msemmija fl-ewwel subparagrafu li jikkonsistu minn bwar permanenti ġo żoni b'kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli, speċjalment minħabba l-altitudini, u restrizzjonijiet naturali oħrajn bħal kwalità fqira ta' ħamrija, l-inklinazzjoni tal-art u l-provvista tal-ilma;*

*(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li għadd ta' drittijiet għall-pagament li għandhom jiġu allokati lill-bidwi għandhom ikunu ugwali għan-numru ta' ettari eliġibbli msemmija fl-ewwel subparagrafu li ma kinux ettari ta' vinji sad-data stabbilita mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 għas-sena ta' talba 2013 jew ettari ta' raba' b'serer permanenti.*

3. ***Fil***-każ tal-bejgħ jew kiri tal-azjenda tagħhom jew parti minnha, persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jikkonformaw mal-paragrafu ***1*** jistgħu, b'kuntratt iffirmat qabel ***id-data fl-2015 li għandha tiġi stabbilita skont il-punt (b) tal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR],*** jittrasferixxu d-dritt li jirċievu drittijiet għall-pagament ▌ imsemmija fil-paragrafu 1 lil ***bidwi wieħed jew aktar*** sakemm dan tal-aħħar ***jikkonforma*** mal-kundizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 9.

***3a. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi daqs minimu għal kull impriża, espress f'termini ta' ettari eliġibbli li fir-rigward tiegħu jista' jkun li tintalab l-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament. Dak id-daqs minimu ma għandux ikun ogħla mil-limiti stabbiliti fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) flimkien mat-tieni subparagrafu ta' dak l-Artikolu.***

***3b. L-Istati Membri għandhom, fejn rilevanti, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet msemmija f'dan l-Artikolu sal-1 ta' Awwissu 2014.***

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament ppreżentati fis-sena tal-allokazzjoni tad-drittijiet tal-pagament fejn dawk id-drittijiet għall-pagamenti ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti b'mod definittiv sa dak il-waqt u fejn dik l-allokazzjoni hija affettwata minn ċirkostanzi speċifiċi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 22*
**Valur tad-drittijiet għall-pagament u l-konverġenza**

1. ***Fl-2015, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-valur ta' unità tad-drittijiet għall-pagament billi perċentwal fiss tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għal kull sena rilevanti jiġi diviż bin-numru ta' drittijiet għall-pagament fl-2015 fil-livell nazzjonali jew reġjonali, esklużi dawk allokati mir-riżerva nazzjonali jew mir-riżerva reġjonali fl-2015.***

***Il-perċentwal fiss imsemmi fl-ewwel subparagrafu*** għandu jiġi kkalkolat billi l-limitu massimu nazzjonali jew reġjonali stabbilit ***għall-2015 skont*** l-Artikoli 19 jew 20, wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fil-***paragrafu 1 jew, fejn applikabbli, fil-paragrafu 2 tal-***Artikolu 23, jiġi diviż ***bil-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għall-2015. In-numru ta' drittijiet għall-pagament għandu jiġi espress f'numru li jikkorrispondi man-numru ta' ettari.***

2. ***Permezz ta' deroga mill-metodu ta' kalkolu msemmi fl-ewwel paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw il-valur tad-drittijiet għall-pagament fl-2015, esklużi dawk allokati mir-riservi nazzjonali jew mir-riservi reġjonali fl-2015, għal kull sena rilevanti abbażi tal-valur ta' unità inizjali tagħhom.***

3. ***Il-valur ta' unità inizjali tad-drittijiet għall-pagament imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi stabbilit skont wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin:***

***(a)*** ***billi l-perċentwal fiss tal-pagamenti li l-bidwi rċieva għall-2014 taħt l-iskema ta' pagament uniku, skont ir-Regolament (KE) Nru 73/2009, qabel it-tnaqqis u l-esklużjonijiet previsti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II ta' dak ir-Regolament jiġi diviż bin-numru tad-drittijiet għall-pagament li huwa allokat fl-2015, esklużi dawk allokati mir-riżerva nazzjonali jew mir-riżerva reġjonali fl-2015. Dak il-perċentwal fiss għandu jkun ikkalkulat billi l-limitu massimu tal-iskema ta' pagament bażiku li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 19(1) jew l-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena 2015, wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fil-paragrafu 1 jew, fejn applikabbli, fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 23 jiġi diviż bl-ammont ta' pagamenti għall-2014 taħt l-iskema ta' pagament uniku, qabel it-tnaqqis u l-esklużjoni.***

(b) ***billi perċentwal fiss tal-valur tad-drittijiet, inklużi drittijiet speċjali, li l-bidwi kellu fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu fl-2014 taħt l-iskema ta' pagament uniku, skont ir-Regolament (KE) Nru 73/2009, jiġi diviż bin-numru ta' drittijiet għall-pagament tiegħu li huwa allokat fl-2015, esklużi dawk allokati mir-riżerva nazzjonali jew mir-riżerva reġjonali fl-2015. Dak il-perċentwal fiss għandu jkun ikkalkulat billi l-limitu massimu tal-iskema ta' pagament bażiku li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu19(1) jew l-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena 2015, wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fil-paragrafu 1 jew, fejn applikabbli, fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 23, jiġi diviż bil-valur totali tad-drittijiet kollha, inklużi d-drittijiet speċjali, fl-Istat Membru għall-2014, taħt l-iskema ta' pagament uniku. Għall-fini ta' dan il-punt, bidwi għandu jitqies li jkollu drittijiet għall-pagament fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu għall-2014, fejn id-drittijiet għall-pagament ikunu ġew allokati jew ittrasferiti lilu definittivament sa dik id-data;***

*(c)* ***billi l-perċentwal fiss tal-valur totali tal-għajnuna li l-bidwi jkun irċieva fl-2014 taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja skont ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 u taħt l-Artikolu 132, 133 u 133a tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 qabel it-tnaqqis u l-esklużjonijiet previsti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II ta' dak ir-Regolament, jiġi diviż bin-numru ta' drittijiet għall-pagament li hu ġie allokat fl-2015, esklużi dawk allokati mir-riżerva nazzjonali jew mir-riżerva reġjonali fl-2015. Dak il-perċentwal fiss għandu jkun ikkalkolat billi l-limitu massimu tal-iskema ta' pagament bażiku li għandha tiġi stabbilita skont l-Artikolu19(1) jew l-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena 2015, wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fil-paragrafu 1 jew, fejn applikabbli, fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 23, jiġi diviż bit-total tal-valur tal-għajnuna mogħtija taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja u taħt l-Artikolu 132, 133 u 133a tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għall-2014 fi ħdan l-Istat Membru jew ir-reġjun ikkonċernat, qabel it-tnaqqis u l-esklużjoni.***

***L-Istati Membri li, skont l-Artikolu 18(3), jiddeċiedu li jżommu d-drittijiet għall-pagament eżistenti għandhom jikkalkulaw il-valur ta' unità inizjali ta' dritt għall-pagament billi jimmultiplikaw il-valur tad-drittijiet b'perċentwal fiss. Dak il-perċentwal fiss għandu jkun ikkalkulat billi l-limitu massimu tal-iskema ta' pagament bażiku li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 19(1) jew l-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena 2015, wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fil-paragrafu 1, jew fejn applikabbli, fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 23, jiġi diviż bl-ammont ta' pagamenti għall-2014 taħt l-iskema ta' pagament uniku, qabel it-tnaqqis u l-esklużjoni.***

***Għall-finijiet tal-kalkoli fl-ewwel u t-tieni subparagrafu, dment li l-għajnuna akkopjata volontarja skont it-Titolu IV ta' dan ir-Regolament għas-setturi rilevanti ma tiġix applikata, l-Istati Membri jistgħu wkoll jieħdu kont tal-appoġġ mogħti għas-sena kalendarja 2014 taħt skema waħda jew aktar skont l-Artikoli 52, l-Artikolu 53(1) u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u, għal dawk l-Istati Membri biss li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja kif prevista fir-Regolament (KE) Nru 73/2009, skont il-punt (c) tal-Artikolu 68(1) u l-Artikoli 126, 127 u 129 ta' dak ir-Regolament.***

*Madankollu, jekk Stat Membru ddeċieda li japplika l-għajnuna akkopjata volontarja skont it-Titolu IV ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jieħu kont tad-differenzi bejn il-livell ta' għajnuna mogħtija fis-sena kalendarja 2014 u l-livell ta' għajnuna li għandha tingħata skont it-Titolu IV ta' dan ir-Regolament għall-kalkolu taż-żieda msemmija fl-ewwel subparagrafu, dment li:*

*(i) l-għajnuna akkoppjata volontarja skont it-Titolu IV ta' dan ir-Regolament tiġi applikata għal settur li jkun ingħata appoġġ fis-sena kalendarja 2014 skont l-Artikolu 52, l-Artikolu 53(1) u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 68(1) u, għall-Istati Membri li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, skont il-punt (c) tal-Artikolu 68(1) u l-Artikoli 126, 127 u 129 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, u*

*(ii) l-ammont għal kull unità ta' dan l-appoġġ jitnaqqas meta mqabbel mal-ammont għal kull unità tal-appoġġ fl-2014.*

4. Għall-finijiet tal-***paragrafi 3 u 5a,*** Stat Membru jista', abbażi ta' kriterji oġġettivi, jipprevedi, f'każijiet ta' bejgħ jew għotja jew skadenza ta' kirja sħiħa jew parti minnha ta' żoni agrikoli wara d-data stabbilita skont l-Artikolu 35 j***ew l-Artikolu 124(2)*** tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u qabel id-data stabbilita skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament, li ż-żieda, jew parti miż-żieda, fil-valur tad-drittijiet għall-pagament li jkollhom ikunu allokati lill-bidwi kkonċernat għandhom jitreġġgħu lura għar-riżerva nazzjonali ***jew għar-riżerva reġjonali*** fejn iż-żieda għandha twassal għal profitt mhux mistenni għall-bidwi kkonċernat.

Dawk il-kriterji oġġettivi għandhom jiġu stabbiliti b'mod li jkun żgurat trattament ugwali bejn il-bdiewa u biex ikunu evitati distorsjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni u għandhom jinkludu, tal-anqas, dan li ġej:

(a) tul ta' żmien minimu għall-kirja;

(b) il-proporzjon tal-pagament riċevut li għandu jitreġġa' lura għar-riżerva nazzjonali ***jew għar-riżerva reġjonali.***

5. Mhux aktar tard mis-sena ta' talba 2019, id-drittijiet kollha għall-pagament fi Stat Membru jew, fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20, f'reġjun, għandu jkollhom valur ta' unità uniformi.

▌

***5a. B'deroga mill-paragrafu 5, Stati Membru jista' jiddeċiedi li d-drittijiet għall-pagament li l-valur ta' unità inizjali tagħhom kif ikkalkulat skont il-paragrafu 3 ikun aktar baxx minn 90 % tal-valur ta' unità nazzjonali jew reġjonali fl-2019, għandu jkollhom, mhux aktar tard mis-sena ta' talba 2019, il-valur ta' unità tagħhom miżjud tal-inqas b'terz tad-differenza bejn il-valur ta' unità inizjali tagħhom u b'90 % tal-valur ta' unità nazzjonali jew reġjonali fl-2019.***

***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jqiegħdu l-perċentwal msemmi fl-ewwel subparagrafu f'livell ogħla minn 90% iżda mhux ogħla minn 100%.***

***Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprevedu li, tal-anqas għas-sena ta' talba 2019, l-ebda dritt għal pagament ma għandu jkollu valur ta' unità anqas minn 60% tal-valur ta' unità nazzjonali jew reġjonali fl-2019, sakemm dan ma jirriżultax fi tnaqqis massimu ta' perċentwal ogħla mil-limiti msemmija fl-aħħar subparagrafu ta' dan il-paragrafu fl-Istati Membri li japplikaw dak il-limitu. F'dan il-każ, il-valur ta' unità minimu għandu jkun stabbilit fil-livell meħtieġ li jirrispetta dak il-limitu.***

***Il-valur tal-unità nazzjonali jew reġjonali fl-2019 kif imsemmi fl-ewwel u fit-tielet subparagrafi għandu jkun ikkalkulat billi perċentwal fiss tal-limiti massimu nazzjonali jiġi diviż kif stabbilit fl-Anness II, jew tal-limitu massimu reġjonali, għas-sena kalendarja 2019, bin-numru ta' drittijiet għall-pagament fl-2015, esklużi dawk allokati mir-riżerva nazzjonali jew mir-riżerva reġjonali fl-2015. Dak il-perċentwal fiss għandu jkun ikkalkulat billi l-limitu massimu tal-iskema ta' pagament bażiku li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 19(1) jew l-Artikolu 20(2) għas-sena 2015, wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fil-paragrafu 1 jew, fejn applikabbli, fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 23 jiġi diviż bil-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II, jew bil-limitu massimu reġjonali, għall-2015.***

***Il-limiti massimi reġjonali msemmija fir-raba' subparagrafu għandhom jiġu kkalkulati billi jiġi applikat perċentwal fiss għal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għas-sena 2019. Dak il-perċentwal fiss għandu jkun ikkalkulat billi l-limiti massimi reġjonali rispettivi, kif stabbilit skont l-Artikolu 20(2), jiġu diviżi bil-limitu massimu li għandu jiġi determinat skont l-Artikolu 19(1) għas-sena 2015, wara li jiġi applikat it-tnaqqis lineari previst fl-Artikolu 23(1) meta japplika t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(2).***

***Sabiex jiġu ffinanzjati ż-żidiet fil-valur tad-drittijiet għall-pagament imsemmijin f'dan il-paragrafu, meta d-drittijiet għall-pagament jkollhom valur ta' unità inizjali ogħla mill-valur ta' unità nazzjonali jew reġjonali fl-2019, id-differenza bejn il-valur ta' unità inizjali tagħhom u l-valur ta' unità nazzjonali jew reġjonali fl-2019 għandha titnaqqas abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji li għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri. Dawn il-kriterji jistgħu jinkludu l-iffissar ta' tnaqqis massimu tal-valur tal-unità inizjali ta' 30 %.***

***6. Meta jkun qed jiġi applikat il-paragrafu 2, iċ-ċaqliqa mill-valur ta' unità inizjali tad-drittijiet għall-pagament kif stabbilit skont il-paragrafu 3 u l-valur ta' unità finali tagħhom fl-2019 kif stabbilit skont il-paragrafi 5 jew 5a għandu jsir f'passi ugwali sa mill-2015 jew, fejn applikabbli, fil-każ tal-Istati Membri li skont l-Artikolu 18(3) jiddeċiedu li jżommu d-drittijiet għall-pagament eżistenti tagħhom billi japplikaw il-passi deċiżi fuq livell nazzjonali skont l-Artikolu 63(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Sabiex tiġi żgurata konformità mal-perċentwal fiss tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal kull sena, il-valur tad-dritt għall-pagament b'valur ta' unità nazzjonali li huwa ogħla mill-medja nazzjonali jew reġjonali fl-2019 għandu jiġi aġġustat.***

***Fl-2015, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-bdiewa bil-valur tad-drittijiet għall-pagament tagħhom kif ikkalkolati skont dan l-Artikolu għal kull sena tal-perijodu kopert b'dan ir-Regolament.***

*7.* ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet msemmija f'dan l-Artikolu sal-1 ta' Awwissu 2014.***

*8.* ***Għall-Kroazja, kull referenza f'dan l-Artikoli għar-riżerva nazzjonali għandha tinftiehem li tinkludi r-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini msemmija fl-Artikolu 17b ta' dan ir-Regolament.***

***Barra minn hekk, l-ammont li jirriżulta mir-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini għandu jitnaqqas mil-limiti massimi tal-iskema tal-pagament bażiku msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, fl-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paragrafu 3 u fir-raba' u l-ħames subparagrafi tal-paragrafu 5a.***

**Taqsima 2**
**Riżerva nazzjonali** ***jew riżervi reġjonali***

*Artikolu 23*
**Stabbiliment u użu tar-riżerva nazzjonali** ***jew reġjonali***

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi riżerva nazzjonali. Għal dak il-għan, fl-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal tnaqqis lineari tal-perċentwal tal-limitu massimu tal-iskema ta' pagamenti f'livell nazzjonali biex jikkostitwixxu r-riżerva nazzjonali. ▌

▌

***2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 20 jistgħu jistabbilixxu riżervi reġjonali. Għal dak il-għan, fl-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal tnaqqis lineari tal-perċentwal tal-limitu massimu tal-iskema ta' pagamenti f'livell reġjonali msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(2) biex jikkostitwixxu r-riżerva reġjonali.***

***2a. It-tnaqqis imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 m'għandux ikun ikbar minn 3% għajr, jekk mitlub, biex ikopri l-ħtiġijiet ta' allokazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 4 u/jew il-punt (a) tal-paragrafu 5 għas-sena 2015 jew, għall-Istati Membri li qed japplikaw l-Artikolu 28c, għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 28d.***

3. L-Istati Membri għandhom ***jallokaw*** drittijiet għall-pagament mir-riżerv***i*** nazzjonali ***jew reġjonali tagħhom***skont kriterji oġġettivi u b'mod li jkun żgurat trattament indaqs bejn il-bdiewa u biex ikunu evitati distorsjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni.

***3a. Id-drittijiet għall-pagament imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu allokati biss lil bdiewa intitolati li jingħataw pagamenti diretti skont l-Artikolu 9.***

4. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżerv***i*** nazzjonali ***jew ir-riżervi reġjonali tagħhom*** biex jallokaw drittijiet għall-pagament, bħala kwistjoni ta' prijorità, lil bdiewa żgħażagħ ***u lil bdiewa*** li għadhom jibdew l-attività agrikola tagħhom.

▌

5. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerv***i*** nazzjonali j***ew ir-riżervi reġjonali tagħhom*** biex:

(a) jallokaw drittijiet għall-pagament lill-bdiewa ***sabiex l-art ma titħalliex tiġi abbandunata, inkluż*** f'żoni soġġetti għal programmi ta' ristrutturar u/jew ta' żvilupp relatati ma' għamla ta' intervent pubbliku▌***,*** u/jew biex jingħata kumpens lill-bdiewa għal żvantaġġi speċifiċi▌;

*(aa) jallokaw drittijiet għall-pagament lill-bdiewa li ma setgħux jiġu allokati lilhom drittijiet għall-pagament taħt dan il-Kapitolu b'riżultat ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali;*

*(ac) fl-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 18(3) ta' dan ir-Regolament, jallokaw drittijiet għall-pagament lill-bdiewa li n-numru ta' ettari eliġibbli tagħhom iddikjarati fl-2015 skont l-Artikolu 73(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru [...] [HRZ] u li huma disponibbli għalihom f'data stabbilita mill-Istat Membru li m'għandhiex tkun aktar tard mid-data stabbilita f'dak l-Istat Membru biex issir emenda għall-imsemmija applikazzjoni għall-għajnuna tkun ogħla min-numru ta' drittijiet għall-pagament skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma jkollhom fid-data li għandha tiġi stabbilita skont il-punt (b) tal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR].*

(b) iżidu b'mod lineari ***fuq bażi permanenti*** l-valur tad-drittijiet għall-pagament ***kollha*** skont l-iskema ta' pagament bażiku f'livell nazzjonali jew reġjonali jekk ir-riżervi nazzjonali ***jew ir-riżervi reġjonali jaqbżu 0,5% tal-limitu massimu annwali nazzjonali jew reġjonali għall-iskema ta' pagament bażiku***, bil-kondizzjoni li jibqgħu disponibbli ammonti biżżejjed għal allokazzjonijiet kollha taħt il-paragrafu 4, taħt il-punt (a) ta' dan il-paragrafu u taħt il-paragrafu 7;

***(c) ikopru l-ħtiġijiet annwali skont l-Artikolu 37(2) u l-Artikolu 51(1).***

***Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-prijoritajiet bejn l-użu differenti msemmi hawnhekk.***

6. Meta jiġu applikati ***l-paragrafu 4, u l-punti (a) u (ac) tal-paragrafu 5***, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-valur tad-drittijiet għall-pagament allokati lill-bdiewa abbażi tal-medja nazzjonali jew reġjonali ta' drittijiet għall-pagament fis-sena ta' allokazzjoni.

***Il-medja nazzjonali jew reġjonali għandu jiġi kkalkulat billi jinqasmu l-limiti nazzjonali jew reġjonali kif jinsabu f'konformità mal-Artikolu 19(1) jew l-Artikolu 20(2) għas-sena tal-allokazzjoni, eskluż l-ammont tar-riżerva nazzjonali jew reġjonali, min-numru ta' drittijiet għall-pagament allokati.***

***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu passi għall-modifiki progressivi annwali tal-valur ta' drittijiet għall-pagament allokati mir-riservi nazzjonali jew reġjonali b'kont meħud tal-modifiki għal-limiti massimi għall-iskema ta' pagament bażiku kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 20(2) li jirriżultaw mill-varjazzjonijiet fil-livell ta' livelli massimi nazzjonali stabbiliti taħt l-Anness II.***

7. Fejn bidwi jkollu d-dritt jirċievi drittijiet għall-pagament jew iżid il-valur ta' dawk eżistenti bis-saħħa ta' deċiżjoni definittiva ta' qorti jew bis-saħħa ta' att amministrattiv definittiv tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, il-bidwi għandu jirċievi l-għadd u l-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbiliti f'dik id-deċiżjoni jew f'dak l-att f'data li għandha tkun iffissata mill-Istat Membru. Madankollu, din id-data ma għandhiex tkun aktar tard mill-aħħar data għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni skont l-iskema ta' pagament bażiku wara d-data tad-deċiżjoni tal-qorti jew tal-att amministrattiv, filwaqt li titqies l-applikazzjoni tal-Artikoli 25 u 26.

*8. Meta jkunu qed japplikaw il-paragrafu 4, il-punt (a) tal-paragrafu 5 u l-paragrafu 7, l-Istati Membri jistgħu jallokaw drittijiet ġodda jew iżidu l-valur ta' unità tal-pagament eżistenti kollha ta' bidwi, sal-valur tal-medja nazzjonali jew reġjonali.*

*9. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) 'bdiewa żgħażagħ' tfisser bdiewa li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 36(2) u, fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet msemmijin fl-Artikolu 36(7);*

*(b) 'il-bdiewa li jibdew l-attività agrikola tagħhom' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, fil-ħames snin ta' qabel il-bidu tal-attività agrikola, ma kienet tagħmel ebda attività agrikola f'isimha proprju u għar-riskju tagħha stess jew li ma kellhiex il-kontroll ta' persuna ġuridika li kienet teżerċita attività agrikola. Fil-każ ta' persuna ġuridika, il-persuna/i fiżika/ċi li jkollha/jkollhom il-kontroll tal-persuna ġuridika ma għandhiex/għandhomx tkun/ikunu għamlet/għamlu ebda attività agrikola f'isimha/isimhom proprju u għar-riskju tagħha/tagħhom stess jew kellha/kellhom il-kontroll ta' persuna ġuridika li kienet teżerċita attività agrikola fil-ħames snin ta' qabel il-bidu tal-attività agrikola mill-persuna ġuridika.*

*Fir-rigward ta' bdiewa koperti minn dan il-punt, l-Istati Membri jistgħu jżidu l-kriterji ta' eliġibbiltà oġġettivi u mhux diskriminatorji tagħhom fir-rigward ta' ħiliet, esperjenza jew edukazzjoni xierqa.*

*Artikolu 24*
**Riforniment tar-riżerva nazzjonali *jew riżervi reġjonali***

1. Ir-riżerva nazzjonali ***jew ir-riżervi reġjonali għandhom*** jerġgħu jiġu fornuti b'ammonti li jirriżultaw minn:

(a) drittijiet għall-pagament li ma jagħtux dritt għall-pagamenti matul sentejn konsekuttivi minħabba l-applikazzjoni ta':

(i) Artikolu 9**,**

(ii) Artikolu 10(1)**,**

***(iii) Artikolu 11(4).***

(b) ***għadd ta' drittijiet għall-pagament ekwivalenti għall-għadd totali ta' drittijiet għall-pagament li*** ma kinux attivati ***minn bidwi*** f'konformità mal-Artikolu 25 għal perijodu ta' sentejn ***konsekuttivi***, b'eċċezzjoni fil-każ ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali. ***Għall-fini li jiġu stabbiliti d-drittijiet li jkollu bidwi li għandhom jerġgħu lura għar-riżerva nazzjonali jew reġjonali, id-drittijiet bl-aktar valur baxx għandhom jingħataw prijorità***;

(c) drittijiet għall-pagament volontarji li l-bdiewa jroddu lura;

(d) l-applikazzjoni tal-Artikolu22(4)**.;**

***(e) drittijiet għall-pagament indebitament allokati skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR];***

***(f) tnaqqis lineari tal-valur tad-drittijiet għall-pagament skont l-iskema ta' pagament bażiku fil-livell nazzjonali jew reġjonali fejn ir-riżerva nazzjonali jew reġjonali mhijiex biżżejjed biex tkopri l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23(7). L-Istati Membri jistgħu, meta jħossu li jkun meħtieġ, jagħmlu tnaqqis lineari biex ikopru l-każijiet msemmija fl-Artikolu 23(4);***

***(g) l-applikazzjoni tal-Artikolu 27(2b).***

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta miżuri meħtieġa fir-rigward tat-treġġigħ lura ta' drittijiet għall-pagament mhux attivati għar-riżerva nazzjonali ***jew reġjonali***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

**Taqsima 3**
**Implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku**

*Artikolu 25*
**Attivazzjoni ta' drittijiet għall-pagament**

1. L-appoġġ skont l-iskema ta' pagament bażiku għandu jingħata lill-bdiewa▌, permezz ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 26(1), ***mal-attivazzjoni*** ta' dritt għall-pagament għal kull ettaru eliġibbli fl-Istat Membru fejn ikun ġie allokat. Id-drittijiet għall-pagament attivati għandhom jagħtu dritt għall-pagament annwali tal-ammonti ffissati hemmhekk, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dixxiplina finanzjarja, limitu massimu u tnaqqis progressiv, tnaqqis lineari skont l-Artikolu 7, l-***Artikolu*** 37(2) u l-***Artikolu*** 51(1), u ***għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-***Regolament (UE) Nru [...] [HZR].

2. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, 'ettaru eliġibbli' għandha tfisser:

(a) kull żona agrikola tal-impriża, ***inklużi erjas li ma kinux f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003 fl-Istati Membri li aderixxew mal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 li mal-adeżjoni ddeċidew li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja,*** li tintuża għal attività agrikola jew, fejn l-erja tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli; jew

(b) kull żona li tkun tat dritt għall-pagament fl-2008 skont l-iskema ta’ pagament uniku jew l-iskema ta’ pagament uniku skont l-erja stabbiliti, rispettivament, fit-***Titoli III u IVA*** tar-Regolament (KE) ***Nru*** 1782/2003, u li:

(i) ma tkunx għadha aktar konformi mad-definizzjoni ta' 'ettaru eliġibbli' skont il-punt (a) bħala riżultat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ▌[1] u d-Direttiva 2009/147/KE; jew

(ii) għat-tul iż-żmien li jdum l-impenn rilevanti tal-bidwi individwali, tkun saret foresta skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jew l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru […] [RDR] jew skont skema nazzjonali li l-kondizzjonijiet tagħha jkunu konformi mal-Artikolu 43(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 ***jew*** mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru [...] [RDR];

---

[1] ***Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (***ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1***).***

(iii) għat-tul ta' żmien li jdum l-impenn rilevanti tal-bidwi individwali, titwarrab skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jew l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru [...] [RDR].

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel ***subparagrafu***:

***(i)*** fejn erja agrikola ta' impriża tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, dik iż-żona għandha titqies li għandha tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli bil-kondizzjoni li dawk l-attivitajiet agrikoli jkunu jistgħu jiġu eżerċitati mingħajr ma jkunu mfixklin b'mod sinifikanti mill-intensità, in-natura, it-tul ta' żmien u l-waqt tal-attivitajiet mhux agrikoli**;**

***(ii) l-Istati Membri jistgħu jfasslu lista b'erjas li jintużaw b'mod predominanti għall-attivitajiet mhux agrikoli.***

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji għall-implimentazzjoni ta***t-tieni subparagrafu*** fit-territorju tagħhom.

Biex ikunu eliġibbli, l-erjas għandhom ikunu konformi mad-definizzjoni ta' ettaru eliġibbli tul is-sena kalendarja kollha, ħlief fil-każ ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali.

***Għall-fini li jiġi ddeterminat 'ettaru eliġibbli', l-Istati Membri li jiddeċiedu li jinkludu ettari ta' bwar permanenti fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor huma tradizzjonalment mhux predominanti fl-erjas tar-ragħa, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(h), jistgħu japplikaw koeffiċjent ta' tnaqqis biex jikkonvertu dawk l-ettari f''ettari eliġibbli'.***

3. L-erjas użati għall-produzzjoni tal-qanneb għandhom ikunu biss ettari eliġibbli jekk il-varjetajiet użati jkollhom kontenut ta' tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn ***0,2 %.***

*Artikolu 26*

**Dikjarazzjoni dwar ettari eliġibbli**

1. Għall-finijiet ***tal-attivazzjoni tad-drittijiet għall-pagament previsti fl-***Artikolu 25(1), il-bidwi għandu jiddikjara l-ħbula tal-art li jkunu jikkorrispondu għall-ettari eliġibbli li jakkumpanjaw kull dritt għall-pagament. Ħlief fil-każ ta' *force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali, il-bidwi għandu jiddisponi minn dawk il-ħbula tal-art f'data ffissata mill-Istat Membru li ma għandhiex tkun aktar tard mid-data ffissata f'dak l-Istat Stat Membru biex tkun emendata l-applikazzjoni għall-għajnuna kif imsemmi fl-Artikoli 73(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR].

2. L-Istati Membri jistgħu, f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, jawtorizzaw lill-bidwi jimmodifika d-dikjarazzjoni tiegħu bil-kondizzjoni li huwa jżomm tal-anqas in-numru ta' ettari li jkunu jikkorrispondu mad-drittijiet għall-pagament tiegħu u jħares il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-***pagament skont l-iskema*** tal-pagament bażiku għall-erja kkonċernata.

*Artikolu 27*

**Trasferiment ta' drittijiet għall-pagament**

1. Id-drittijiet għall-pagament jistgħu jkunu ttrasferiti biss lil bidwi ***intitolat li jingħata pagamenti diretti skont l-Artikolu 9*** stabbilit fl-istess Stat Membru, ħlief fil-każ ta' trasferiment b'wirt attwali jew antiċipat.

Madankollu, anke fil-każ ta' wirt attwali jew antiċipat, id-drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu ***attivati*** biss fl-Istat Membru fejn id-drittijiet għall-pagament kienu ***allokati***.

2. ***Fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(1), id-drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu ttrasferiti jew attivati biss fl-istess reġjun, minbarra fil-każ ta' wirt attwali jew antiċipat. Madankollu, anke fil-każ ta' wirt attwali jew antiċipat, id-drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu attivati biss fir-reġjun fejn id-drittijiet għall-pagament kienu allokati.***

2a. ***L-Istati Membri li ma japplikawx l-Artikolu 20(1) jistgħu jiddeċiedu li d-drittijiet għall-pagament jiġu ttrasferiti jew attivati biss fl-istess reġjun wieħed, minbarra fil-każ ta' wirt attwali jew antiċipat.***

***Reġjunijiet bħal dawn għandhom jiġu definiti fil-livell territorjali adatt f'konformità ma' kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u biex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni.***

2b. ***Fejn id-drittijiet għall-pagament huma trasferiti mingħajr l-art, l-Istati Membri jistgħu, billi jaġixxu f'konformità mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jiddeċiedu li parti mid-drittijiet għall-pagament ttrasferita tmur lura fir-riżerva nazzjonali jew reġjonali jew li l-valur tal-unità tagħhom jitnaqqas favur ir-riżerva nazzjonali jew reġjonali. Tnaqqis bħal dan jista' jiġi applikat għal tip wieħed jew aktar mit-tipi ta' trasferiment.***

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ***tistabbilixxi l-modalitajiet tan***-notifika ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pagament ***li l-bdiewa għandhom jagħmlu*** lill-awtoritajiet nazzjonali u d-dati ta' skadenza li fihom għandha sseħħ notifika bħal din. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Artikolu 28
**Setgħat delegati**

*1.* ***Sabiex jiġi garantit il-ħarsien tad-drittijiet tal-benefiċjarji u jiġu ċċarati s-sitwazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jinqalgħu fl-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, il-*** Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 dwar:

(a) regoli dwar l-eliġibbiltà u l-aċċess, fir-rigward tal-iskema ta' pagament bażiku tal-bdiewa, f'każ ta' wirt u wirt antiċipat, ta' wirt soġġett għal kirja, bidla fl-istatus legali jew fid-denominazzjoni, ***trasferiment ta' drittijiet għall-pagament*** u fil-każ ta' fużjoni jew qasma tal-impriża ***u fil-każ ta' applikazzjoni tal-klawżola tal-kuntratt imsemmija fl-Artikolu 21(3);***

(b) regoli dwar il-kalkolu tal-valur u n-numru jew dwar iż-żieda jew it-tnaqqis fil-valur tad-drittijiet għall-pagament b'rabta mal-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament skont kull dispożizzjoni ta' dan it-Titolu, inklużi regoli:

(i) dwar il-possibbiltà ta' valur u numru provviżorji jew żieda provviżorja ta' drittijiet għall-pagament allokati abbażi tal-applikazzjoni mill-bidwi,

(ii) dwar il-kondizzjonijiet biex ikunu stabbiliti l-valur u n-numru provviżorji u definittivi tad-drittijiet għall-pagament,

(iii) dwar il-każijiet fejn kuntratt ta' bejgħ jew kirja jista' jolqot l-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament.

(c) regoli dwar l-istabbiliment u l-kalkolu tal-valur u n-numru ta' drittijiet għall-pagament riċevuti mir-riżerva nazzjonali ***jew ir-riżervi reġjonali***;

(d) regoli dwar il-modifika tal-valur tal-unità tad-drittijiet għall-pagament fil-każ ta' frazzjonijiet ta' drittijiet għall-pagament ***u fil-każ ta' trasferiment ta' drittijiet għall-pagament imsemmi fl-Artikolu 27(2b);***

(e) ***kriterji għall-applikazzjoni tal-għażliet taħt il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 21(1);***

***(ea) kriterji għall-applikazzjoni tal-limitazzjonijiet skont in-numru ta' drittijiet għall-pagament li għandhom jiġu allokati msemmijin fl-Artikolu 21(2);***

(f) kriterji għall-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament skont l-Artikolu 23(4) u (5);

***(ga) kriterji għall-istabbiliment tal-koeffiċjent ta' tnaqqis imsemmi fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 25(2).***

***2. Sabiex tiġi żgurata l-amministrazzjoni adegwata tad-drittijiet għall-pagament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 55 fir-rigward tar-regoli dwar il-kontenut tad-dikjarazzjoni u r-rekwiżiti għall-attivazzjoni tad-drittijiet għall-pagament.***

***3. Sabiex tiġi ppreservata s-saħħa pubblika, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 55 fir-rigward*** tar-regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-kondizzjoni ta' użu ta' żrieragħ iċċertifikati ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u li jiddefinixxu l-proċedura għad-determinazzjoni ta' varjetajiet tal-qanneb u l-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom imsemmi fl-Artikolu 25(3).

▌*[Kapitolu 1a mressaq]*

***Taqsima 4***
***Skema ta' pagament uniku skont l-erja***

***Artikolu 28c***
***Skema ta' pagament uniku skont l-erja***

***1. L-Istati Membri li japplikaw fl-2014 l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja stabbilita fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jistgħu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, ikomplu l-applikazzjoni ta' dik l-iskema sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2014 dwar id-deċiżjoni tagħhom u d-data ta' tmiem ta' tali applikazzjoni.***

***Matul il-perijodu tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, it-taqsimiet 1, 2 u 3 ta' dan il-Kapitolu m'għandhomx japplikaw għal dawn l-Istati Membri, għajr it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(1), l-Artikolu 20(5) kif ukoll l-Artikolu 25(2) u (3).***

***1a. Il-pagament uniku skont l-erja għandu jingħata fuq bażi annwali għal kull ettaru eliġibbli ddikjarat mill-bidwi skont il-punt (a) tal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR]. Għandu jkun kkalkulat kull sena billi l-pakkett finanzjarju annwali stabbilit skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jiġi diviż bin-numru totali ta' ettari eliġibbli ddikjarati fl-Isat Membru rispettiv skont il-punt (a) tal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR].***

***1b. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1a, l-Istati Membri li jiddeċiedu li japplikaw l-Artikolu 28d mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2018 jistgħu jużaw, għall-perijodu li matulu japplikaw dan l-Artikolu, sa 20% tal-pakkett finanzjarju annwali msemmi fil-paragrafu 1a biex jiddifferenzjaw il-pagament uniku skont l-erja għal kull ettaru.***

***Sabiex jiddifferenzjaw il-pagament uniku skont l-erja għal kull ettaru, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-appoġġ mogħti għas-sena kalendarja 2014 taħt waħda jew aktar mill-iskemi skont il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 68(1), u l-Artikoli 126, 127 u 129 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.***

***Għal Ċipru, l-għajnuna tista' tiġi ddifferenzjata b'kont meħud tal-pakketti finanzjarji speċifiċi għas-settur kif stabbilit fl-Anness XVIIa tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 li titnaqqas bi kwalunkwe għajnuna mogħtija lill-istess settur settur skont l-Artikolu 28ca.***

***2. Għal kull Stat Membru li japplika l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja billi tnaqqas mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II l-ammonti annwali li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikoli 28h, 33, 35, 37 u 39. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).***

*3.* ***Ħlief fil-każ ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali, l-ettari msemmija fil-paragrafu 1a għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi f'data stabbilita mill-Istat Membru li ma għandhiex tkun aktar tard mid-data stabbilita f'dak l-Istat Stat Membru biex tkun emendata l-applikazzjoni għall-għajnuna kif imsemmi fl-Artikoli 73(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR].***

*4.* ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 rigward regoli dwar l-eliġibbiltà u l-aċċess fir-rigward tal-iskema ta' pagament uniku għall-bdiewa.***

*Artikolu 28ca*
*Għajnuna nazzjonali transitorja*

*1.* ***L-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja f'konformità mal-Artikolu 28c jistgħu jiddeċiedu li jagħtu għajnuna nazzjonali transitorja fl-2015-2020.***

*2.* ***L-għajnuna nazzjonali transitorja tista' tingħata lill-bdiewa fis-setturi li fir-rigward tagħhom din l-għajnuna, jew fil-każ tal-Bulgarija u r-Rumanija, pagamenti diretti nazzjonali komplementari kienet ingħatat fl-2013.***

3. *Il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' din l-għajnuna għandhom ikunu identiċi għal dawk awtorizzati għall-għoti tal-pagamenti skont l-Artikolu 132(7) jew l-Artikolu 133a tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal- 2013, bl-eċċezzjoni tat-tnaqqis tal-pagamenti applikati minħabba l-modulazzjoni skont l-Artikoli 7 u 10 ta' dak ir-Regolament.*

4. *L-ammont totali ta' għajnuna li tista' tingħata lill-bdiewa fi kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun limitata mill-perċentwal segwenti tal-pakketti finanzjarji skont is-settur kif awtorizzati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 132(7) jew l-Artikolu 133a(5) tar-Regolament tal-Kunsill 73/2009 fl-2013:*

- *75% fl-2015*
- *70% fl-2016*
- *65% fl-2017*
- *60% fl-2018*

- *55% fl-2019*

- *50% fl-2020*

***Għal Ċipru, dan il-perċentwal għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-pakketti finanzjari speċifiċi għas-settur kif jinsabu fl-Anness XVIIa tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.***

***5. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal Ċipru.***

***6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-deċiżjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena. In-notifika għandha tinkludi dan li ġej:***

***(a) il-pakkett finanzjarju għal kull settur;***

***(b) ir-rata massima ta' għajnuna nazzjonali transitorja fejn xieraq.***

***7. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, abbażi ta' kriterji oġġettivi u fil-limiti stabbiliti skont il-paragrafu 4, dwar l-ammonti tal-għajnuna nazzjonali transitorja li għandha tingħata.***

***Taqsima 5***
***Implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku fl-Istati Membri li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja***

***Artikolu 28d***
***Implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku fl-Istati Membri li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja***

***Għajr jekk previst mod ieħor f'din it-Taqsima, dan it-Titolu għandu japplika għall-Istati Membri li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja prevista fit-Taqsima 4 ta' dan il-Kapitolu.***

***L-Artikoli 21 u 22 m'għandhomx japplikaw.***

***Artikoli 28e***
***L-ewwel allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament***

***1.	Id-drittijiet għall-pagament għandhom jiġu allokati lill-bdiewa intitolati li jingħataw pagamenti diretti skont l-Artikolu 9 jekk huma japplikaw għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament taħt l-iskema ta' pagament bażiku sad-data li għandha tiġi stabbilita skont il-punt (b) tal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru... [HZR] fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, ħlief fil-każ ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali. Id-drittijiet għandhom jiġu allokati lil bdiewa li kienu intitolati jirċievu pagamenti, qabel kwalunkwe tnaqqis jew esklużjoni prevista fil-Kapitolu 4 tat-Titiolu II tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, fir-rigward ta' applikazzjoni għal għajuna għal pagamenti diretti, jew għajnuna nazzjonali transizzjonali jew pagamenti diretti nazzjonali kumplimentari, jew, fil-każ ta' Ċipru, għajnuna mill-Istat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għall-2013.***

***Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jallokaw drittijiet għall-pagament lil bdiewa li, għall-2013, ma rċevewx pagamenti fir-rigward ta' applikazzjoni għal għajnuna kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu u, sad-data stabbilita mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 għas-sena ta' talba tal-2013, kellhom biss art agrikola li ma kinitx f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003 kif previst fl-Artikolu 124(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.***

2. *Minbarra fil-każ ta' force majeure jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, in-numru ta' drittijiet għall-pagament allokati lil kull bidwi fil-ewwel sena ta' implimentazzjoni tas-sistema ta' pagament bażiku għandu jkun ugwali għan-numru ta' ettari eliġibbli li l-bidwi jiddikjara fl-applikazzjoni għal għajnuna tiegħu skont l-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR] għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku u li huma għad-dispożizzjoni tiegħu f'data stabbilita mill-Istati Membru, li m'għandhiex tkun aktar tard mid-data stabbilita f'dak l-Istat Membru għall-emendar ta' tali applikazzjoni għall-għajnuna.*

3. *Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 għall-fini li tistabbilixxi aktar regoli rigward l-introduzzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku fl-Istati Membri li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.*

4. *Il-Kummissjoni għandha, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament ppreżentati fis-sena tal-allokazzjoni tad-drittijiet tal-pagament fejn dawk id-drittijiet għall-pagamenti ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti b'mod definittiv sa dak il-waqt u fejn dik l-allokazzjoni hija affettwata minn ċirkostanzi speċifiċi.*

*Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).*

*Artikolu 28f*
*Valur tad-drittijiet għall-pagament*

***1.*** ***Fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, l-Istati Membri għandhom jikkalkolaw il-valur tal-unità tad-drittijiet għall-pagament billi jiddividu b'perċentwal fiss tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għal kull sena rilevanti, bin-numru ta' drittijiet għall-pagament fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, esklużi dawk allokati mir-riżerva nazzjonali jew reġjonali.***

***Il-perċentwal fiss imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi kkalkolat billi l-limitu massimu nazzjonali jew reġjonali stabbilit għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku f'konformità mal-Artikolu 19 jew 20, wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fl-Artikolu 23(1) jew, fejn applikabbli, fl-Artikolu 23(2), jiġi diviż bil-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku. In-numru ta' drittijiet għall-pagament [...] għandu jiġi espress f'numru li jikkorrispondi man-numru ta' ettari.***

***2.*** ***Permezz ta' deroga mill-metodu ta' kalkolu msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw il-valur ta' drittijiet għall-pagament fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, esklużi dawk allokati mir-riżerva nazzjonali jew reġjonali, għal kull sena rilevanti, abbażi tal-valur tal-unità inizjali tagħhom.***

3. ***Il-valur tal-unità inizjali ta' drittijiet għall-pagament imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi stabbilit billi perċentwal fiss tal-valur totali tal-għajnuna, esklużi għajnuniet skont l-Artikoli 28g, 29, 34 u 36, u t-Titolu IV, irċevuti minn dak il-bidwi f'konformità ma' dan ir-Regolament għas-sena kalendarja li tippreċedi immedjatament it-transizzjoni għall-iskema ta' pagament bażiku qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], jiġi diviż bin-numru ta' drittijiet għall-pagament li huwa jiġi allokat fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, esklużi dawk allokati mir-riżerva nazzjonali jew reġjonali. Dak il-perċentwal fiss għandu jiġi kkalkolat billi l-limitu massimu tal-iskema ta' pagament bażiku li għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-Artikolu 19(1) jew l-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis lineari previst fl-Artikolu 23(1) jew, fejn applikabbli, fl-Artikolu 23(2), jiġi diviż bil-valur totali ta' għajnuna, eżklużi għajnuniet skont l-Artikoli 28g, 29, 34 u 36, u t-Titolu IV għas-sena kalendarja li tippreċedi immedjatament it-transizzjoni għall-iskema ta' pagament bażiku fl-Istat Membru jew ir-reġjun ikkonċernat, qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR].***

4. ***Meta jkun applikat il-paragrafu 2, l-Istati Membri, waqt li jaġixxu f'konformità mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jersqu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament f'livell nazzjonali jew reġjonali. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-passi li għandhom jittieħdu u l-metodu ta' kalkolu li għandu jintuża u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwarhom sal-1 ta' Awwissu tas-sena li tippreċedi t-transizzjoni għall-iskema ta' pagament bażiku. Dawk il-passi għandhom jinkludu modifiki progressivi annwali tal-valur inizjali tad-drittijiet għall-pagament kif imsemmi fil-paragrafu 3 f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li jibdew mill-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku. Fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-bdiewa bil-valur tad-drittijiet tagħhom kif ikkalkolati skont dan l-Artikolu għal kull sena tal-perijodu kopert b'dan ir-Regolament.***

5. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 3, Stat Membru jista', abbażi ta' kriterji oġġettivi, jipprevedi, f'każijiet ta' bejgħ jew għotja jew skadenza ta' kirja sħiħa jew parti minnha ta' erjas agrikoli wara d-data stabbilita skont l-Artikolu 28c(3) u qabel id-data stabbilita skont l-Artikolu 26, li ż-żieda, jew parti miż-żieda, fil-valur tad-drittijiet għall-pagament li jkollhom ikunu allokati lill-bidwi kkonċernat titreġġa' lura għar-riżerva nazzjonali jew reġjonali fejn iż-żieda għandha twassal għal profitt mhux mistenni għall-bidwi kkonċernat.***

***Dawk il-kriterji oġġettivi għandhom jiġu stabbiliti b'mod li jkun żgurat trattament ugwali bejn il-bdiewa u biex ikunu evitati distorsjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni u għandhom jinkludu, tal-anqas, dan li ġej:***

***(a) tul ta' żmien minimu għall-kirja;***

***(b) il-proporzjon tal-pagament riċevut li għandu jitreġġa' lura għar-riżerva nazzjonali jew reġjonali.***

***Kapitolu 1a[tressaq hawnhekk]***
***Pagament ridistributtiv***

***Artikolu 28g***
***Regoli ġenerali***

***1.*** ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu ta' kwalunkwe sena partikolari, li jagħtu, mis-sena ta' wara, pagament annwali lill-bdiewa li huma intitolati għal pagament taħt l-iskema ta' pagament bażiku msemmi fil-Kapitolu 1 jew taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmija fit-Taqsima 4.***

***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom sad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu.***

***2.*** ***L-Istati Membri li jkunu ddeċiedew li japplikaw l-iskema ta' pagament bażiku fil-livell regjonali skont l-Artikolu 20 jistgħu japplikaw il-pagament imsemmi f'dan il-Kapitolu fil-livell regjonali.***

***3.*** ***Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja, it-tnaqqis u l-istabbiliment ta' limiti massimi progressivi u t-tnaqqis lineari msemmija fl-Artikolu 7, u l-applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], il-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jingħata fuq bażi annwali mal-attivazzjoni tad-drittijiet għall-pagament mill-bidwi, jew mad-dikjarazzjoni ta' ettari eliġibbli mill-bidwi taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.***

***4.	Il-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat kull sena mill-Istati Membri billi ċ-ċifra li għandha tiġi ffissata mill-Istat Membru, li ma għandhiex tkun ogħla minn 65 % tal-pagament medju nazzjonali jew regjonali għal kull ettaru, tiġi multiplikata bin-numru ta' drittijiet ta' pagamenti li l-bidwi jkun attiva skont l-Artikolu 26(1), jew bin-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarati mill-bidwi taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja. In-numru ta' tali drittijiet għall-pagament jew ettari m'għandux ikun akbar minn 30 ettaru jew id-daqs medju tal-impriżi agrikoli kif hemm stabbilit fl-Anness VI jekk dak id-daqs medju huwa akbar minn 30 ettaru fl-Istat Membru kkonċernat.***

***Dment li jiġu rispettati l-limiti massimi stabbiliti fl-ewwel subparagafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fil-livell nazzjonali, gradwazzjoni fi ħdan l-għadd ta' ettari kif stabbilit skont dak is-subparagrafu, u dan għandu japplika b'mod identiku għall-bdiewa kollha.***

***Il-pagament medju nazzjonali għal kull ettaru msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun stabbilit mill-Istati Membri abbażi tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għas-sena kalendarja 2019 u tan-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarat skont l-Artikolu 26 jew taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja fl-2015.***

*Il-pagament medju nazzjonali għal kull ettaru msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun stabbilit mill-Istati Membri billi jintuża sehem mil-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għas-sena kalendarja 2019 u tan-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarat skont l-Artikolu 26 fl-2015. Għal kull reġjun, din il-parti għandha tkun ikkalkulata billi l-limitu massimu reġjonali rispettiv ikun diviż kif stabbilit skont l-Artikolu 20(2) bil-limitu massimu determinat skont l-Artikolu 19(1), wara li jiġi applikat it-tnaqqis lineari previst fl-Artikolu 23(1) fil-każ li ma jkunx applikat l-Artikolu 23(2).*

*5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ lil bdiewa li jiġi stabbilit fir-rigward tagħhom li, mid-19 ta' Ottubru 2011, huma jkunu qasmu l-impriża tagħhom bl-għan waħdieni li jibbenefikaw mill-pagament ridistributtiv. Dan għandu japplika wkoll għall-bdiewa li l-impriżi tagħhom ikunu r-riżultat ta'dak il-qsim.*

*6. Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw in-numru massimu ta' drittijiet għall-pagament jew ettari msemmijin fil-paragrafu 4 fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli ma' dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' impriża, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni tagħhom, bil-kondizzjoni li huma jkunu kkontribwew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.*

*Artikolu 28h*
*Dispożizzjonijiet finanzjarji*

1. ***Sabiex jiffinanzjaw il-pagament imsemmi f'dan il-Kapitolu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sad-data msemmija fl-Artikolu 28g(1) li jużaw sa 30 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din sa dik id-data.***

2. ***Abbażi tal-perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali li għandu jintuża mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiffissa l-limiti massimi korrispondenti għal dak il-pagament fuq bażi annwali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).***

*KAPITOLU 2*

**Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent**

*Artikolu 29*

**Regoli ġenerali**

1. Bdiewa intitolati għal pagament taħt l-iskema ta' pagament bażiku ***jew l-iskema ta' pagament għal erja waħda*** għandhom josservaw fuq l-ettari eliġġibli ***kollha*** tagħhom ***skont it-tifsira tal-***Artikolu 25(2) il-***prattiki agrikoli*** ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent ***imsemmijin fil-paragrafu 1a jew il-prattiki ekwivalenti msemmijin fil-paragrafu 1b.***

***1a. Il-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent għandhom ikunu:***

▌

***(a) id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba';***

(b) ***iż-żamma*** ta' bwar permanenti eżistenti ▌; u

(c) ***l-eżistenza*** ta' żona b'fokus ekoloġiku ***fiż-***żona agrikola.

*1b. Il-prattiki ekwivalenti għandhom ikunu dawk li jinkludu prattiki simili li jagħtu benefiċċju ekwivalenti jew ta' livell ogħla għall-klima u l-ambjent meta mqabbla ma' waħda jew diversi mill-prattiki msemmija fil-paragrafu 1a. Dawn il-prattiki ekwivalenti u l-prattika(i) msemmija fil-paragrafu 1a li huma ekwivalenti għaliha huma elenkati fl-Anness VIa u għandhom ikunu koperti minn:*

*(a) impenji mwettqa skont jew l-Artikolu 39(2) tar-Regolament Nru 1698/2005 jew l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru [...] [RDR].*

*(b) skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali nazzjonali jew reġjonali, inkluż ċertifikazzjoni ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali nazzjonali, li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont il-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], li jkollhom l-għan li jilħqu l-objettivi relatati mal-kwalità tal-ħamrija u l-ilma, il-bijodiversità, il-konservazzjoni tal-pajsaġġ, u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għal dan. Dawn l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jinkludu l-prattiki elenkati fl-Anness VIa, il-prattiki msemmijin fil-paragrafu 1a, jew taħlita tagħhom.*

*Il-prattiki ekwivalenti msemmijin f'dan il-paragrafu ma għandhomx ikunu s-suġġett ta' finanzjament doppju.*

*1c.* *L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, meta adatt fil-livell reġjonali, li jirrestrinġu l-għażla tal-bdiewa biex jużaw l-għażliet imsemmijin fil-paragrafu 1b.*

*1d.* *L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, fejn adatt fil-livell reġjonali, li bdiewa għandhom iwettqu l-obbligi rilevanti tagħhom kollha skont il-paragrafu 1 f'konformità ma' skemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali jew reġjonali imsemmijin fil-punt (b) tal-paragrafu 1b.*

*1da.* *Suġġett għad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri msemmijin fil-paragrafi 1c u 1d, bidwi jista' juża waħda (jew aktar) mill-prattiki msemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 1b biss jekk dawn jissostitwixxu kompletament il-prattika(i) relatati imsemmijin fil-paragrafu 1a. Bidwi jista' juża skemi ta' ċertifikazzjoni msemmijin fil-punt (b) tal-paragrafu 1b biss jekk dawn ikopru l-obbligu kollu msemmi fil-paragrafu 1.*

*1e.* *L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1c u 1d u l-impenji jew l-iskemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi li huma biħsiebhom japplikaw bħala prattiki ekwivalenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1b. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-prattiki inklużi fl-impenji jew l-iskemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi humiex koperti mil-lista fl-Anness VIa u jekk tikkunsidra li dan mhuwiex il-każ, tinnotifika lill-Istati Membri kif adatt permezz ta' att ta' implimentazzjoni mingħajr ma tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2) jew (3). Jekk il-Kummissjoni tinnotifika lil Stat Membru li prattiki mhumiex koperti mil-lista fl-Anness VIa, dak l-Istat Membru m'għandux japplika dawk l-impenji jew l-iskemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi kkonċernati min-notifika tal-Kummissjoni bħala prattiki ekwivalenti fit-tifsira tal-paragrafu 1b.*

*1f.* ***Il-modalitajiet u l-iskedi ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' tali notifiki għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni li għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).***

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3 u 4 ***ta' dan l-Artikolu*** u għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja, ***tat***-tnaqqis lineari skont l-Artikolu 7 ***u tal-Artikolu 65 tar-***Regolament (UE) Nru [...] [HZR], l-Istati Membri għandhom jagħtu l-pagament imsemmi f'dan il-Kapitolu lill-bdiewa li josservaw dawk tal-***prattiki*** msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** li huma rilevanti għalihom, u skont il-konformità tagħhom mal-Artikoli 30, 31 u 32.

***Dan il-pagament għandu jieħu l-għamla ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli ddikjarat f'konformità mal-Artikolu 26(1), jew, fl-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c, ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli ddikjarat skont l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, li l-ammont tiegħu għandu jiġi kkalkolat annwalment billi l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 33 jiġi diviż bin-numru totali ta' ettari eliġibbli ddikjarati, f'konformità mal-Artikolu 26(1), fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat jew, fl-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c, bin-numru totali ta' ettari eliġibbli ddikjarati skont l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.***

***B'deroga mit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri li jiddeċiedu li japplikaw l-Artikolu 22(2) jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-pagament imsemmi fil-paragrafu bħala perċentwal tal-valur totali tad-drittijiet li l-bidwi jkun attiva skont l-Artikolu 26(1) għal kull sena rilevanti.***

***Għal kull sena u għal kull Stat Membru jew reġjun, il-perċentwal imsemmi fit-tielet subparagrafu għandu jkun ikkalkulat billi l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 33, jiġi diviż bil-valur totali tad-drittijiet ta' pagament kollha attivati skont l-Artikolu 26(1) f'dak l-Istat Membru jew reġjun.***

3. Il-bdiewa b'impriżi li jkunu jinsabu għalkollox jew parzjalment f'erjas koperti bid-Direttivi 92/43/KEE, ***2000/60/KE,*** jew 2009/147/KE, għandhom ikunu intitolati għall-pagament imsemmi f'dan il-Kapitolu dment li huma jirrispettaw il-prattiki msemmija f'dan il-Kapitolu safejn dawk il-prattiki jkunu kompatibbli fl-impriża kkonċernata mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi.

4. Il-bdiewa li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 fir-rigward ta’ biedja organika għandhom ikunu intitolati ipso facto għall-pagament imsemmi f’dan il-Kapitolu.

***Fir-rigward tal-biedja organika l-ewwel subparagrafu*** għandu japplika biss għall-unitajiet ta' impriża li jintużaw għall-produzzjoni organika f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

▌

***6.*** ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 55 sabiex:***

***(a)*** ***iżżid prattiki ekwivalenti mal-lista li tinsab fl-Anness VIa;***

***(b)*** ***tistabbilixxi rekwiżiti adatti applikabbli għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali jew reġjonali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1b, inkluż il-livell ta' assigurazzjoni li għandha tingħata minn dawk l-iskemi;***

***(c)*** ***tistabbilixxi regoli dettaljati għall-kalkolu tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 29 paragrafu 6 tar-Regolament (UE) […] [RŻR] għall-prattiki msemmijin fil-punti 3 u 4 tat-Taqsima I u l-punt 7 tat-Taqsima III tal-Anness VIa u kwalunkwe prattika ekwivalenti oħra miżjuda għal dak l-Anness skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, li għaliha jinħtieġ kalkolu speċifiku sabiex jiġi evitat finanzjament doppju.***

***7. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar il-proċedura għan-notifiki u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1e.***

***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).***

*Artikolu 30*

**Diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba'**

1. Fejn ir-raba' li tinħarat tal-bidwi tkopri ***bejn 10 u 30*** ettaru**,** u mhix interament ▌ ikkultivata b'uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena ***jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu tal-wiċċ tar-raba', għandu jkun hemm mill-inqas żewġ uċuħ tar-raba' differenti fuq dik ir-raba' li tinħarat***. ***Il-wiċċ tar-raba' ewlieni m'għandux ikopri aktar minn 75 % tar-raba' li tinħarat.***

Fejn ir-raba' li tinħarat tal-bidwi tkopri aktar minn 30 ettaru, u mhix interament ikkultivata b'uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena ***jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu tal-wiċċ tar-raba', għandu jkun hemm mill-inqas tliet uċuħ tar-raba' differenti fuq dik ir-raba' li tinħarat. Il-wiċċ tar-raba' ewlieni m'għandux ikopri aktar minn 75% ta' dik ir-raba' li tinħarat u ż-żewġ uċuħ tar-raba' ewlenin flimkien m'għandhomx ikopru aktar minn 95% ta' dik ir-raba' li tinħarat.***

***Mingħajr preġudizzju għan-numru ta' uċuħ tar-raba' meħtieġa skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-limiti massimi stabbiliti fihom m'għandhomx japplikaw fejn il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew art li titħalla tistrieħ kompletament ikopri aktar minn 75% tal-art li tinħarat. F'dan il-każ, il-wiċċ tar-raba' ewlieni fuq il-kumplament tal-erja li tinħarat m'għandhiex tkopri aktar minn 75% ta' dik l-art li tinħarat li fadal minbarra f'każ li din l-erja li fadal hija koperta minn ħaxix jew foraġġ erbaċew jew art li titħalla tistrieħ kompletament.***

***1a. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal impriżi:***

***(a) fejn aktar minn 75% tal-art li tinħarat tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix u foraġġ erbaċew, art li titħalla tistrieħ kompletament, jew soġġetta għal taħlita ta' dawn l-użijiet, bil-kondizzjoni li l-art li tinħarat mhix koperta minn dawn l-użijiet ma taqbiżx it-30 ettaru;***

***(b) fejn aktar minn 75% tal-erja agrikola eliġibbli hija bur permanenti, li tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew ikkultivata b'uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu tal-wiċċ tar-raba' jew taħlita ta' dawn l-użijiet, bil-kondizzjoni li l-art li tinħarat li mhix koperta minn dawn l-użijiet ma taqbiżx it-30 ettaru;***

***(c)*** ***fejn aktar minn 50% tal-erjas taħt art li tinħarat iddikjarata ma ġietx iddikjarata mill-bidwi fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna tas-sena preċedenti u, meta abbażi ta' paragrun tal-applikazzjonijiet ta' għajnuna ġeo-spazjali, l-art li tinħarat kollha qed tiġi kkultivata b'uċuħ tar-raba' differenti meta mqabbla ma' dawk tas-sena kalendarja preċedenti;***

***(d)*** ***li jinsabu f'żoni fit-tramuntana tat-62 parallel jew f'ċerti żoni ħdejhom. Fejn ir-raba' li tinħarat ta' tali impriżi tkopri aktar minn 10 ettari, għandu jkun hemm minn tal-anqas tliet uċuħ tar-raba' differenti f'dik ir-raba' li tinħarat. L-ebda wieħed minn dawn l-uċuħ tar-raba' m'għandu jkopri aktar minn 75% tar-raba' li tinħarat bl-eċċezzjoni ta' fejn l-uċuħ tar-raba' ewlenin huma ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew art li titħalla tistrieħ kompletament.***

***1b.*** ***Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu "wiċċ" tfisser koltivazzjoni ta' xi wieħed mill-genera differenti ddefiniti fil-klassifikazzjoni botanika tal-uċuħ jew kolitvazzjoni ta' xi waħda mill-ispeċijiet fil-każ ta' Brassicaceae, Solanaceae u Cucurbitaceae, kif ukoll l-art li titħalla tistrieħ kompletament u ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor. Madankollu, l-uċuħ tar-raba' tax-xitwa u l-uċuħ tar-raba' tar-rebbiegħa għandhom jitqiesu bħala uċuħ tar-raba' distinti anke jekk ikunu jagħmlu parti mill-istess ġeneru.***

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 ***għall-fini li:***

***(a)*** ***tirrikonoxxi tipi oħra ta' ġeneru u speċijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1b ta' dan l-Artikolu;***

***(b)*** tistipula r-▌ regoli dwar l-applikazzjoni tal-kalkolu preċiż tal-ishma tal-uċuħ tar-raba' differenti.

*Artikolu 31*

**Bwar permanenti**

1. ***L-Istati Membri għandhom jindikaw il-bwar permanenti li huma ambjentalment sensittivi f'erjas koperti mid-Direttivi 92/43/KEE jew 2009/147/KE u li jeħtieġu ħarsien strett sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawk id-Direttivi, inkluż artijiet tal-pit u dawk mistagħdra f'dawk l-erjas.***

***Sabiex jiżguraw il-ħarsien ta' bwar permanenti li huma ambjentalment importanti, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jindikaw erjas sensittivi li jinsabu barra mill-erjas koperti mid-Direttivi 92/43/KEE jew 2009/147/KE, inkluż bwar permanenti fuq ħamrija b'livell għoli ta' karbonju.***

***Il-bdiewa m'għandhomx jibdlu u jaħartu bwar permanenti li jinsabu f'erjas indikati mill-Istati Membri taħt l-ewwel subparagrafu u, fejn applikabbli, it-tieni subparagrafu.***

2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprozjon tal-art bi bwar permanenti meta mqabbel mal-erja agrikola totali ddikjarata mill-bdiewa f'konformità mal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR] ma jonqosx b'aktar minn 5% meta mqabbel ma' proporzjon ta' referenza li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fl-2015 billi jiddividu l-art bi bwar permanenti kif imsemmi fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu bl-erja agrikola totali kif imsemmi fil-punt (b) ta' dan is-subparagrafu:***

***(a) l-art bi bwar permanenti għandha tkun l-art b'mergħat permanenti ddikjarata fl-2012, jew fl-2013 fil-każ tal-Kroazja, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 73/2009 mill-bdiewa soġġetta għall-obbligi taħt dan il-Kapitolu, kif ukoll l-art bi bwar permanenti ddikjarata fl-2015 f'konformità mal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR] mill-bdiewa soġġetta għall-obbligi taħt dan il-Kapitolu li ma ġietx iddikjarata bħala mergħa permanenti fl-2012 jew, fil-każ tal-Kroazja, fl-2013;***

*(b) l-erja agrikola totali għandha tkun l-erja agrikola ddikjarata fl-2015 f'konformità mal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR] mill-bdiewa soġġetta għall-obbligi taħt dan il-Kapitolu.*

***Il-proporzjon ta' referenza ta' bwar permanenti għandu jiġi kkalkolat mill-ġdid f'każijiet fejn bdiewa soġġetti għall-obbligi skont dan il-Kapitolu għandhom obbligu li jikkonvertu mill-ġdid erja f'bur permanenti fl-2015 u/jew fl-2016 f'konformità mal-Artikolu 93 tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR] billi jżidu dawn l-erjas mal-art bi bwar permanenti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.***

***Il-proporzjon ta' referenza ta' bwar permanenti għandu jiġi stabbilit kull sena abbażi tal-erjas iddikjarati mill-bdiewa soġġetti għall-obbligi skont dan il-Kapitolu għas-sena kkonċernata f'konformità mal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR].***

***L-obbligu taħt dan il-paragrafu għandu japplika fil-livell nazzjonali, reġjonali jew subreġjonali adatt. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw obbligu li bur permanenti jinżamm fil-livell tal-impriża sabiex jiġi żgurat li l-proporzjoni tal-bwar permanenti ma jonqosx b'aktar minn 5 %. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din sal-31 ta' Lulju 2014.***

*L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-proporzjon ta' referenza u l-proporzjon imsemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni.*

I

2a. *Fejn jiġi stabbilit li l-proporzjon imsemmi fil-paragrafu 2 naqas b'aktar minn 5% fil-livell reġjonali jew subreġjonali jew fejn applikabbli fil-livell nazzjonali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprevedi obbligi fil-livell tal-bidwi individwali biex l-art tiġi konvertita mill-ġdid f'art bi bwar permanenti għal dawk il-bdiewa li għandhom l-art għad-dispożizzjoni tagħhom li ġiet konvertita minn art bi bwar permanenti jew b'mergħat permanenti f'art għal użijiet oħra matul perijodu fil-passat li għandu jiġi definit permezz ta' att iddelegat f'konformità mal-Artikolu 55.*

*Madankollu, fejn l-ammont ta' art bi bwar permanenti f'termini assoluti stabbilit f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 jinżamm f'ċerti limiti, l-obbligu stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jiġi kkunsidrat bħala li ġie sodisfatt.*

2b. *Il-paragrafi 2a m'għandux japplika fejn it-tnaqqis taħt il-limiti jirriżulta rilevanti mit-tisġir, sakemm tali tisġir huwa kompatibbli mal-ambjent u ma jinkludix pjantaġġuni ta' msajġar b'rotazzjoni qasira, siġar tal-Milied jew siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni tal-enerġija.*

3. ***Sabiex jiġi żgurat li jinżamm il-proporzjon ta' bwar permanenti, il-***Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 55 li jistabbilixxu ***aktar regoli dettaljati dwar il-manutenzjoni ta' bwar permanenti, inkluż regoli dwar il-konverżjoni mill-ġdid f'każ ta' nuqqas ta' rispett tal-obbligu fil-paragrafu 1, ir-regoli li japplikaw għall-Istati Membri għall-istabbiliment ta' obbligi fil-livell ta' azjenda agrikola għall-manutenzjoni ta' bwar permanenti kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 2a u kwalunkwe aġġustament tal-proporzjon ta' referenza msemmi fil-paragrafu 2 li jista' jsir neċessarju.***

***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55:***

***(a) sabiex tiddefinixxi l-qafas li fih għandhom isiru l-indikazzjonijiet ta' aktar żoni sensittivi msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1;***

***(b) sabiex tistabbilixxi metodi dettaljati għad-determinazzjoni tal-proporzjon ta' bwar permanenti u tal-erja agrikola totali li għandha tinżamm skont il-paragrafu 2;***

***(c) sabiex tiddefinixxi l-perijodu li fil-passat issemma fil-paragrafu 2a.***

***5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-limiti msemmija fil-paragrafu 2a. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).***

*Artikolu 32*
**Erja b'fokus ekoloġiku**

1. ***Meta r-raba' li tinħarat ta' impriża tkopri aktar minn 15-il ettaru, il-bdiewa għandhom jiżguraw li sa mill-1 ta' Jannar 2015, erja li tikkorrispondi għal mill-inqas 5% tar-raba' li tinħarat tal-impriża li l-bidwi ddikjara f'konformità mal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR] u inklużi l-erjas imsemmijin fil-punti (c), (d), (j) u (k) tar- raba' subparagrafu hija erja b'fokus ekoloġiku.***

***Il-limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiżdied minn 5% sa 7% soġġett għal att leġislattiv tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 43(2) tat-Trattat.***

***Sal-31 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ewwel subparagrafu akkumpanjat, fejn adatt, minn proposta għal att leġislattiv kif imsemmi fit-tieni subparagrafu.***

***L-Istati Membri għandhom sal-1 ta' Awwissu 2014 jiddeċiedu li waħda jew aktar minn dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala erja b'fokus ekoloġiku:***

***(a) art li titħalla tistrieħ kompletament;***

***(b) terrazzi […] ;***

*(c) karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż tali karatteristiċi li jmissu mar-raba' li tinħarat tal-impriża; permezz ta' deroga mill-Artikolu 29(1), dawn jistgħu jinkludu karatteristiċi tal-pajsaġġ li mhumiex inklużi fl-erja eliġibbli f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 77(2) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR];*

*(d) strixex ta' lqugħ, inkluż strixex ta' lqugħ koperti minn bwar permanenti bil-kondizzjoni li dawn huma distinti mill-erja agrikola eliġibbli li tmiss magħhom;*

*(e) ettari ta' agro-forestrija li jirċievu appoġġ skont l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 1698/2005 u/jew l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru […][RŻR] jew li rċevew appoġġ skont dawn id-dispożizzjonijiet;*

*(g) strixex ta' ettari eliġibbli tul trufijiet tal-foresti;*

*(j) erjas b'imsajġar b'rotazzjoni qasira bl-ebda użu ta' fertilizzanti minerali u/jew prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti;*

*(k) erjas afforestati msemmija fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 25(2);*

*(l) erjas bi prodotti ta' raba' li jikbru malajr, jew kopertura ekoloġika stabbilita bl-ippjantar u l-ġerminazzjoni ta' żrieragħ, soġġetti għall-applikazzjoni ta' fatturi ta' ppeżar imsemmijin fil-paragrafu 1a;*

*(m) erjas bi pjanti li jiffissaw in-nitroġenu.*

*Għajr l-erjas tal-impriża msemmijin fil-punti (j) u (k) tar-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-erja b' fokus ekoloġiku għandha tkun tinsab fuq ir-raba' li tinħarat tal-impriża, jew fil-każ ta' erjas imsemmijin fil-punti (c) u (d) tar-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li jmissu mar-raba' li tinħarat tal-impriża li l-bidwi ddikjara f'konformità mal-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR].*

1a. ***Sabiex tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni u sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tat-tipi ta' erjas b'fokus ekoloġiku elenkati fil-paragrafu 1 u biex jiġi ffaċilitat il-kejl tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jużaw, meta jikkalkolaw l-ettari totali rrappreżentati mill-erja b'fokus ekoloġiku tal-impriża, jagħmlu użu mill-fatturi ta' konverżjoni u/jew ppeżar li jinsabu fl-Anness VIb. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jikkunsidra bħala erja b'fokus ekoloġiku l-erja taħt il-punt (l) tal-paragrafu 1 jew kwalunkwe erja oħra li hija soġġetta għal ippeżar ta' inqas minn 1, l-użu tal-fatturi ta' ppeżar li jinsabu fl-Anness VIb għandhom ikunu obbligatorji.***

1b. ***Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal impriżi:***

(a) ***fejn aktar minn 75% tal-erja agrikola eliġibbli hija bur permanenti, użata għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew ikkoltivata b'uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu tal-wiċċ tar-raba' jew taħlita ta' dawn l-użijiet, bil-kondizzjoni li l-art li tinħarat li mhix koperta minn dawn l-użijiet ma taqbiżx it-30 ettaru;***

(b) ***fejn aktar minn 75% tal-art li tinħarat hija użata għall-produzzjoni ta' ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor, art li titħalla tistrieħ kompletament, ikkoltivata b'uċuħ tar-raba' leguminużi jew soġġetta għal taħlita ta' dawn l-użijiet, bil-kondizzjoni li l-art li tinħarat li mhix koperta minn dawn l-użijiet ma taqbiżx it-30 ettaru.***

*1ba.* ***B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimplimentaw sa 50% tal-punti perċentwali tal-erjas b'fokus ekoloġiku msemmija fil-paragrafu 1 f'livell reġjonali sabiex jiksbu l-erjas b'fokus ekoloġiku ta' ħdejhom. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-erjas u l-obbligi għall-bdiewa jew gruppi ta' bdiewa li qed jipparteċipaw. L-għan tal-erjas magħżula u l-obbligi għandu jkun li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima u l-bijodiversità.***

*1c.* ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu lill-bdiewa li l-impriżi tagħhom ikunu qrib li jissodisfaw l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 abbażi ta' implimentazzjoni kollettiva dment li l-erjas b'fokus ekoloġiku kkonċernati huma kontigwi. Sabiex l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima u l-bijodiversità tiġi msaħħa, l-Istati Membri jistgħu jindikaw l-erjas li fil-każ tagħhom hija possibbli l-implimentazzjoni kollettiva u jistgħu ukoll jimponu aktar obbligi fuq bdiewa jew gruppi ta' bdiewa li jipparteċipaw f'tali implimentazzjoni kollettiva.***

***Kull bidwi li jipparteċipa f'tali implimentazzjoni kollettiva għandu jiżgura li mill-inqas 50% tal-erja soġġetta għall-obbligu fil-paragrafu 1 tinsab fl-art tal-impriża tiegħu u f'konformità mal-ħames subparagrafu tal-paragrafu 1. In-numru ta' bdiewa li jipparteċipaw f'tali implimentazzjoni kollettiva m'għandux jaqbeż l-10.***

*1d.* ***L-Istati Membri fejn aktar minn 50% tal-erja tas-superfiċje tal-art totali hija koperta minn foresti jistgħu jiddeċiedu li l-paragrafu 1 ma għandux japplika għal impriżi li jinsabu f'erjas indikati minn dawk l-Istati Membri bħala erjas li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali f'konformità mal-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru […] [RDR], dment li aktar minn 5% tal-erja tas-superfiċje tal-art tal-unità msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu hija koperta minn foresta u li l-proporzjon ta' art forestali ma' art agrikola hija aktar minn 3:1.***

***L-erja tal-foresta u l-proporzjon ta' foresta għandhom jiġu vvalutati fuq livell ta' erja ekwivalenti għal-livell LAU2 jew fil-livell ta' unità delineata b'mod ċar li tkopri erja agrikola kontigwa ċara u unika li għandha kondizzjonijiet agrikoli simili.***

*1e.* ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmijin fil-paragrafu 1 sal-1 ta' Awwissu 2014, u dwar kwalunkwe deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 1a, 1ba, 1c u 1d sal-1 ta' Awwissu tas-sena preċedenti.***

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55:

*(a)* ***li jistipulaw aktar kriterji għat-tipi ta' erjas imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex jikkwalifikaw bħala erjas b'fokus ekoloġiku;***

*(b)* ***li jżidu tipi oħrajn ta' erjas differenti minn dawk imsemmijin fil-paragrafu 1 li jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex jirrispettaw il-perċentwal imsemmi f'dak il-paragrafu;***

*(c) li l-Anness VIb jiġi adattat sabiex jiġu stabbiliti l-fatturi ta' konverżjoni u ppeżar imsemmijin fil-paragrafu 1a u sabiex jittieħed kont tal-kriterji u/jew tat-tipi ta' erjas li għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni skont il-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu;*

*(e) li jistabbilixxu regoli għall-istabbiliment tal-implimentazzjoni kollettiva kif imsemmi fil-paragrafi 1ba u 1c, inklużi r-rekwiżiti minimi ta' tali implimentazzjoni;*

*(f) li jwaqqfu qafas li fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-kriterji li għandhom jintlaħqu mill-impriżi li ser ikunu kkunsidrati qrib sewwa ta' xulxin għall-finijiet tal-paragrafu 1c;*

*(g) li jwaqqfu l-metodi għad-determinazzjoni tal-proporzjon tal-erja tas-superfiċje tal-erja totali tal-art u l-proporzjon ta' foresta għal art agrikola fil-paragrafu 1d.*

*Artikolu 33*

**Dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. Sabiex jiffinanzjaw il-pagament imsemmi f'dan il-Kapitolu, l-Istati Membri għandhom jużaw 30 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-pagament imsemmi f'dan Kapitolu f'***livell*** nazzjonali.

   ***Meta*** japplikaw l-Artikolu 20, ***l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw il-pagament*** f'livell reġjonali. F'***każ bħal dan, huma*** għandhom jużaw f'kull reġjun sehem mil-limitu massimu skont il-paragrafu 3. Għal kull reġjun, dan is-sehem għandu jiġi kkalkulat billi l-limitu massimu reġjonali rispettiv ikun diviż kif stabbilit skont l-Artikolu 20(2) bil-limitu massimu determinat ***f'konformità mal-Artikolu*** 19(1)***, wara t-tnaqqis tar-riżerva nazzjonali f'każ li ma jiġix applikat l-Artikolu 23(3)***.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-limitu massimu korrispondenti għall-pagament imsemmi f'dan Kapitolu fuq bażi annwali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

## KAPITOLU 3
## Pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali

*Artikolu 34*
**Regoli ġenerali**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagament lill-bdiewa intitolati għal pagament skont l-iskema ta' pagament bażiku ***jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja*** msemmija fil-Kapitolu 1 u li l-impriżi tagħhom jinsabu għalkollox jew parzjalment f'erjas b'restrizzjonijiet naturali kklassifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [RŻR].

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 lill-erjas kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-paragrafu jew, alternattivament, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li jillimitaw il-pagament għal xi wħud mill-erjas ***indikati mill-Istati Membri f'konformità mal-***Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [RŻR].

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 u għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja, it-tnaqqis progressiv u l-limiti massimi, it-tnaqqis lineari ***f'konformità mal-***Artikolu 7, u ***l-applikazzjoni tal-***Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], il-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** għandu jingħata fuq bażi annwali għal kull ettaru eliġibbli li jinsab fl-erjas li għalihom ***Stat*** Membru ddeċieda li jagħti pagament skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u għandu jingħata mal-attivazzjoni tad-drittijiet għall-pagament fuq dawk l-ettari fil-pussess tal-bidwi kkonċernat ***jew, fi Stati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c, għal dawk l-ettari eliġibbli li huma ddikjarati taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.***

4. Il-pagament għal kull ettaru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat billi l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 35 ikun diviż bin-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarati ***f'konformità mal- Artikolu 26(1) jew, fi Stati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c, bin-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarati skont l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja*** li jinsabu fl-erjas li ***Stat*** Membru ddeċieda li jagħtihom pagament f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

***L-Istati Membri jistgħu, abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, jistabbilixxu wkoll numru massimu ta' ettari għal kull impriża li għaliha jista' jingħata appoġġ skont dan il-Kapitolu.***

5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-pagament imsemmi fil-***paragrafu 1*** f'livell reġjonali skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu ***dment li jiddeterminaw*** ir-reġjuni ***kkonċernati*** skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji ***u, b'mod partikolari,*** il-karatteristiċi ta' restrizzjonijiet naturali tagħhom ***inkluż is-serverità tar-restrizzjonijiet,*** u kondizzjonijiet agronomiċi.

L-***Istati*** Membri għandhom jaqsmu l-limitu massimu nazzjonali msemmi fl-Artikolu 35(1) bejn ir-reġjuni skont kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.

Il-pagament f'livell reġjonali għandu jkun ikkalkulat billi l-limitu massimu reġjonali skont it-***tieni subparagrafu*** jiġi diviż bin-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarati ***fir-reġjun rispettiv f'konformità mal-Artikolu 26(1) jew, fi Stati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c, bin-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarati skont l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja*** li jinsabu fl-erjas li ***Stat*** Membru jkun iddeċieda li jagħtihom pagament f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 35*

**Dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. Sabiex jiffinanzjaw il-pagament imsemmi fl-Artikolu 34, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu ***2014***, li jużaw sa 5 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom stabbilit fl-Anness II. ***Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din sa dik id-data.*** Sal-1 ta' Awwissu 2016, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw mill-ġdid id-deċiżjoni tagħhom b'effett mill-1 ta' Jannar 2017. ***Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe perċentwal rivedut sal-1 ta' Awwissu 2016.***

2. ***Abbażi tal-***perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali li għandu jintuża mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiffissa l-***limiti*** massimi korrispondenti għal dak il-pagament fuq bażi annwali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

**KAPITOLU 4**
**Pagament lill-bdiewa żgħażagħ**

*Artikolu 36*
**Regoli ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu pagament annwali lill-bdiewa żgħażagħ li huma intitolati għal pagament skont l-iskema ta’ pagament bażiku jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmija fil-Kapitolu 1.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, 'bdiewa żgħażagħ' tfisser ▌ persuni fiżiċi:

***(a)*** li qed jistabbilixxu għall-ewwel darba impriża agrikola bħala kap tal-impriża, jew li diġà stabbilixxew tali impriża fil-ħames snin preċedenti għall-ewwel preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-iskema ta’ pagament bażiku ***jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja*** kif imsemmija fl-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], u

(b) li m'għandhomx ***aktar minn*** 40 sena ***fis-sena ta' sottomissjoni ta***l-applikazzjoni msemmija fil-punt (a).

***L-Istati Membri jistgħu jkomplu jiddefinixxu kriterji ta' eliġġibbiltà oġġettivi u nondiskriminatorji għal bdiewa żgħażagħ li qed japplikaw għall-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' ħiliet u/jew rekwiżiti ta' taħriġ adatti.***

3. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja, it-tnaqqis progressiv u l-limiti massimi, it-tnaqqis lineari ***f'konformità mal***-Artikolu 7 u ***għall-applikazzjoni tal-***Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], il-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jingħata kull sena mal-attivazzjoni tad-drittijiet għall-pagament mill-bidwi ***jew fi Stati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c, mad-dikjarazzjoni ta' ettari eliġibbli mill-bidwi***.

4. Il-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata għal kull bidwi għal perijodu massimu ta' ħames snin. Dak il-perijodu għandu jitnaqqas bin-numru ta' snin li jgħaddu bejn l-istabbiliment u l-ewwel preżentazzjoni tal-applikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2.

5. ▌Kull sena, l-Istati Membri għandhom ***jikkalkulaw*** l-ammont tal-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 billi jimmultiplikaw ***in-numru ta' drittijiet attivati mill-bidwi f'konformità mal-Artikolu 25(1) b'***ċifra li tikkorrispondi għal:

***(a)*** 25 % tal-valur medju tad-drittijiet għal pagament li għandu l-bidwi***; jew***

***(b) 25% ta' ammont ikkalkulat billi perċentwal fiss tal-limitu massimu nazzjonali għas-sena kalendarja 2019, kif stabbilit fl-Anness II, jiġi diviż bin-numru tal-ettari eliġibbli kollha ddikjarati fl-2015 f'konformità mal-Artikolu 26(1). Dak il-perċentwal fiss għandu jkun ugwali għas-sehem tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit għall-iskema ta' pagament bażiku f'konformità mal-Artikolu 19(1) għall-2015.***

▌

***Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c għandhom jikkalkulaw l-ammont tal-pagament kull sena billi jimmultiplikaw ċifra li tikkorrispondi għal 25% tal-pagament uniku skont l-erja kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 28c bin-numru ta' ettari eliġibbli li l-bidwi jkun iddikjara f'konformità mal-Artikolu 28c(1a).***

***Permezz ta' deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafi, l-Istati Membri jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-pagament billi jimmultiplikaw ċifra li tikkorrispondi għal 25% tal-pagament medju nazzjonali għal kull ettaru bin-numru ta' drittijiet li l-bidwi jkun attiva f'konformità mal-Artikolu 25(1) jew bin-numru ta' ettari eliġibbli li l-bidwi jkun iddikjara f'konformità mal-Artikolu 28c(1a). Il-pagament medju għal kull ettaru għandu jiġi kkalkulat billi l-limitu massimu nazzjonali għas-sena kalendarja 2019, kif stabbilit fl-Anness II, jiġi diviż bin-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarati fl-2015 f'konformità mal-Artikolu 26(1) jew, rispettivament, l-Artikolu 28c(1a).***

***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limitu massimu uniku applikabbli għan-numru ta' drittijiet għall-pagament attivati mill-bidwi jew għall-ettari eliġibbli ddikjarati mill-bidwi, li għandu jikkorrispondi għal ċifra mhux inqas minn 25 u mhux iktar minn 90. Huma għandhom jirrispettaw dak il-limitu meta japplikaw dan il-paragrafu.***

6. ***Permezz ta' deroga mill-paragrafu 5, l-Istati Membri jistgħu jallokaw ammont f'daqqa annwali għal kull bidwi kkalkulat billi n-numru fiss ta' ettari jiġi mmultiplikat b'ċifra li tikkorrispondi għal 25% tal-pagament medju annwali għal kull ettaru kif stabbilit f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 5.***

***In-numru fiss ta' ettari msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiġi kkalkulat billi n-numru totali ta' ettari eliġibbli ddikjarat skont l-Artikolu 26(1) jew, rispettivament, l-Artikolu 28c(1a) mill-bdiew żgħażagħ li japplikaw għall-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 fl-2015, jiġi diviż bin-numru totali ta' bdiewa żgħażagħ li japplikaw għall-istess pagament fl-2015. Madankollu, Stat Membri jista' jikkalkula mill-ġdid in-numru fiss ta' ettari f'kull sena wara l-2015 f'każ ta' bidliet sinifikanti fin-numru ta' bdiewa żgħażagħ li japplikaw għall-pagament u/jew fid-daqs tal-impriżi tal-bdiewa żgħażagħ.***

***L-ammont f'daqqa li bidwi jista' jingħata ma għandux jaqbeż l-ammont totali tal-pagament bażiku tiegħu qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR] fis-sena partikolari.***

*7* ***Sabiex jiġi garantit il-ħarsien tad-drittijiet tal-benefiċjarji u biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni fosthom, il-***Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 dwar il-kondizzjonijiet li skonthom persuna ġuridika tista' tiġi kkunsidrata eliġibbli biex tirċievi l-pagament imsemmi fil-paragrafu ***1 ta' dan l-Artikolu***.

*Artikolu 37*

**Dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. Biex jiffinanzjaw il-pagament imsemmi fl-Artikolu 36, l-Istati Membri għandhom jużaw perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali annwali stipulat fl-Anness II li ma għandux ikun ogħla minn 2 %. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sal-1 ta’ Awwissu ***2014,*** bl-istima tal-perċentwal meħtieġ biex jiffinanzjaw dak il-pagament.

***Sal-1 ta’ Awwissu ta’ kull sena,*** l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw mill-ġdid l-istima tal-perċentwal tagħhom b’effett ***mis-sena sussegwenti.*** Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-perċentwal rivedut sal-1ta' Awwissu ***tas-sena qabel is-sena ta' applikazzjoni ta' dak il-perċentwal rivedut.***

2. Mingħajr preġudizzju għall-massimu ta’ 2 % stabbilit ***fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu,*** fejn l-ammont totali tal-pagament li jkun hemm applikazzjoni għalih fi Stat Membru f'sena partikolari jaqbeż il-limitu massimu skont il-paragrafu ***4 ta' dan l-Artikolu,*** u fejn dak il-limitu massimu huwa inqas minn 2 % tal-limitu massimu nazzjonali stipulat fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom ***jiffinanzjaw id-differenza billi japplikaw il-punt (c) tal-Artikolu 23(5) fis-sena rilevanti u/jew billi japplikaw*** tnaqqis lineari għall-pagamenti kollha li jkunu ser jingħataw lill-bdiewa kollha skont l-Artikolu ***25 jew mal-Artikolu 28c(1a).***

3. Fejn l-ammont totali tal-pagament li jkun hemm applikazzjoni għalih fi Stat Membru f'sena partikolari jaqbeż il-limitu massimu skont il-paragrafu ***4 ta' dan l-Artikolu,*** u fejn dak il-limitu massimu jammonta għal 2 % tal-limitu massimu annwali stipulat fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom japplikaw tnaqqis lineari għall-ammonti li għandhom jitħallsu skont l-Artikolu 36 biex ikunu konformi ma' dak il-limitu massimu.

4. ***Il-***Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi ***fuq bażi annwali l-limiti massimi*** għall-pagament imsemmi fl-Artikolu 36 fuq ***il-bażi tal-perċentwal notifikat mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1.***

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

## TITOLU IV
## GĦAJNUNA AKKOPPJATA

### KAPITOLU 1
### Appoġġ akkoppjat volontarju

*Artikolu 38*
**Regoli ġenerali**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ akkoppjat lill-bdiewa skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

   L-appoġġ akkoppjat jista' jingħata lis-setturi u l-produzzjonijiet li ġejjin ta': ċereali, żrieragħ taż-żjut, uċuħ tar-raba' li fihom il-proteini, legumi tal-qamħ, kittien, ross, ġewż, patata b'karboidrati, ħalib u prodotti tal-ħalib, żrieragħ, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ċanga u vitella, żejt taż-żebbuġa, dud tal-ħarir, foraġġ niexef, ħops, pitravi, kannamiela u ċikwejra, frott u ħxejjex u msajġar b'rotazzjoni qasira.

2. L-appoġġ akkoppjat jista' jingħata biss lil ***dawk*** is-setturi jew lil ***dawk*** ir-reġjuni ta' Stat Membru fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jgħaddu minn ċerti diffikultajiet u jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi**,** soċjali u/jew ambjentali.

3. B’deroga mill-paragrafu 2, l-appoġġ akkoppjat jista’ jingħata wkoll lill-bdiewa li, fil-31 ta’ Diċembru ***2014,*** ikollhom drittijiet għall-pagament mogħtija skont is-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III u l-Artikolu 71m tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u skont l-Artikolu 60 u r-raba’ ***subparagrafu*** tal-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, u li ma għandhomx ettari eliġibbli biex ikunu attivati d-drittijiet għall-pagament skont l-iskema ta' pagament bażiku kif imsemmi fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament.

4. L-appoġġ akkoppjat jista' jingħata biss sakemm ikun meħtieġ biex jinħoloq inċentiv għaż-żamma ta' livelli attwali ta' produzzjoni fir-reġjuni ***jew setturi*** kkonċernati.

5. L-appoġġ akkoppjat għandu jieħu l-għamla ta' pagament annwali u għandu jingħata f'limiti kwantitattivi definiti u jkun ibbażat fuq erjas u rendimenti fissi jew fuq numru fiss ta' annimali.

5a. ***Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-limiti msemmijin fil-paragrafu 5 fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli ma' dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' impriża, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni, bil-kondizzjoni li huma jkunu kkontribwew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.***

6. Kull appoġġ akkoppjat mogħti skont dan l-Artikolu għandu jkun konsistenti ma' miżuri u politiki oħra tal-Unjoni.

7. ***Biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u mmirat tal-fondi tal-Unjoni u biex jiġi evitat finanzjament doppju taħt strumenti ta' appoġġ simili, il-***Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati skont l-Artikolu 55 rigward:

(a) il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ imsemmi f'dan Kapitolu,

(b) regoli dwar konsistenza ma' miżuri oħra tal-Unjoni u dwar l-akkumulazzjoni tal-appoġġ.

*Artikolu 39*
**Dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. Sabiex jiffinanzjaw l-għajnuna akkoppjata volontarja, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu tas-sena ta' qabel l-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' tali appoġġ, li jużaw sa ***8*** % tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom stabbilit fl-Anness II.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw sa ***13*** % tal-limitu massimu nazzjonali annwali stipulat fl-Anness II***,*** bil-kondizzjoni li:

   (a) sal-31 ta' Diċembru ***2014,*** huma jkunu applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja kif stipulat fit-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, jew ikunu ffinanzjaw miżuri skont l-Artikolu 111 ta' dak ir-Regolament, jew huma kkonċernati bid-deroga li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 69(5), jew fil-każ ta' Malta, fl-Artikolu 69(1) ta' dak ir-Regolament; u/jew

   (b) ikunu allokaw, matul tal-inqas sena waħda matul il-perijodu 2010-***2014,*** aktar minn 5 % tal-ammont disponibbli tagħhom għall-għoti ta' pagamenti diretti li hemm provvediment għalihom fit-Titoli III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, bl-eċċezzjoni tat-Taqsima 6 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV, għall-iffinanzjar tal-miżuri stipulati fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-appoġġ li hemm provvediment għalih fis-***subpunti*** (i) sa (iv) tal-***punt (a) u fil-punti*** (b) u (e) tal-Artikolu 68***(1)*** ta' dak ir-Regolament, jew il-miżuri skont il-Kapitolu 1, bl-eċċezzjoni tat-Taqsima 6, tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament.

***2a. Il-perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali msemmi fil-paragrafi 1 u 2 jista' jiżdied sa żewġ punti perċentwali għal dawk l-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw mill-inqas 2% tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom kif definit fl-Anness II sabiex tiġi appoġġata l-produzzjoni ta' uċuħ tal-proteina skont dan il-Kapitolu.***

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri li allokaw matul tal-inqas sena waħda matul il-perijodu 2010- ***2014*** aktar minn 10 % tal-ammont disponibbli tagħhom għall-għoti ta' pagamenti diretti li hemm provvediment għalihom fit-Titoli III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, bl-eċċezzjoni tat-Taqsima 6 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV, għall-iffinanzjar tal-miżuri stipulati fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 73/2009, l-appoġġ li hemm provvediment għalih fis-***subpunti (i) sa (iv) tal-punt*** (a) ***u fil-punti*** (b) u (e) tal-Artikolu 68***(1)*** ta' dak ir-Regolament, jew il-miżuri skont il-Kapitolu 1, bl-eċċezzjoni tat-Taqsima 6, tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament jistgħu jiddeċiedu li jużaw aktar minn ***13*** % tal-limitu massimu annwali stipulat fl-Anness II bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu ***41 ta' dan ir-Regolament.***

***3a. Permezz ta' deroga mill-perċentwali stipulati fil-paragrafi 1 sa 3, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw sa EUR 3 miljuni kull sena għall-finanzjament imsemmi f'dan l-Artikolu.***

4. L-Istati Membri jistgħu, sal-1 ta' Awwissu 2016, jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom skont il-paragrafi 1, ***2,*** 2***a*** u 3 u jiddeċiedu, b'effett mill-2017:

(a) li ***jżommu kif inhu, iżidu jew inaqqsu*** l-perċentwal stabbilit skont il-paragrafi ***1, 2 u 2a,*** fil-limiti stabbiliti hemmhekk fejn japplika, ***jew biex iżommu kif inhu jew inaqqsu l-perċentwal stabbilit skont il-paragrafu 3,***

(b) li [redacted] jimmodifikaw il-kondizzjonijiet għall-għoti ta***l-***appoġġ akkoppjat;

(c) li jieqfu jagħtu l-appoġġ skont dan il-Kapitolu.

5. Abbażi tad-deċiżjoni meħuda minn kull Stat Membru skont il-paragrafi 1 sa 4 dwar il-proporzjon tal-limitu massimu nazzjonali li jkollu jintuża, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiffissa ***l-limiti massimi*** korrispondenti għall-appoġġ fuq bażi annwali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 40*
**Notifika**

1. ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-***deċiżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 39 ▌ lill-Kummissjoni sad-***dati*** msemmija f'dak Artikolu***. Ħlief*** għad-deċiżjoni msemmija fil-***punt (c) ta***l-Artikolu 39(4)▌ , in-notifika għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-reġjuni mmirati, it-tipi ta' biedja jew setturi magħżulin u l-livell ta' appoġġ li għandu jingħata.

2. Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 39(2) u (3), jew, fejn ikun jixraq, fil-***punt (a)*** tal-Artikolu 39(4)▌ , għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni partikolari fir-reġjun immirat u tal-karatteristiċi partikolari tat-tipi ta' biedja, jew tas-setturi agrikoli speċifiċi, li jagħmlu l-perċentwal imsemmi fl-Artikolu 39(1) insuffiċjenti biex jindirizzaw id-diffikultajiet imsemmija fl-Artikolu 38(2) u li jiġġustifikaw livell ogħla ta' appoġġ.

*Artikolu 41*
**Approvazzjoni mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' ***atti ta' implimentazzjoni adottati mingħajr ma tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2) jew (3)***, tapprova d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 39(3), jew, fejn huwa xieraq, fil-***punt (a)*** tal-Artikolu 39(4) ▌, meta tintwera waħda mill-ħtiġijiet li ġejjin fir-reġjun jew fis-settur ikkonċernat:

   (a) il-ħtieġa li jinżamm ċertu livell ta' produzzjoni speċifika minħabba n-nuqqas ta' alternattivi u biex jitnaqqas ir-riskju li l-produzzjoni tkun abbandunata u l-problemi soċjali u/jew ambjentali li jirriżultaw;

   (b) il-ħtieġa li tkun ipprovduta provvista stabbli lill-industrija lokali tal-ipproċessar, b'hekk tkun evitata l-konsegwenza soċjali u ekonomika negattiva ta' kull ristrutturar li jiġi wara;

(c) il-ħtieġa li jkun hemm kumpens għall-iżvantaġġi li jolqtu lill-bdiewa f'settur partikolari li jkunu l-konsegwenza ta' taqlib kontinwu fis-suq relatat;

(d) il-ħtieġa tal-intervent fejn l-eżistenza ta' kull appoġġ ieħor disponibbli skont dan ir-Regolament, skont ir-Regolament (UE) Nru [...] [RŻR] jew skont kull skema approvata ta' għajnuna mill-Istat titqies insuffiċjenti biex tilqa' għall-ħtiġijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar il-proċedura tal-valutazzjoni u l-approvazzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

**KAPITOLU 2**
**Pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton**

*Artikolu 42*
**Kamp ta' applikazzjoni**

L-għajnuna għandha tingħata lill-bdiewa li jipproduċu l-qoton li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5201 00 skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu ("pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton").

*Artikolu 43*
**Eliġibbiltà**

1. Il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton għandu jingħata għal kull ettaru ta' erja eliġibbli ta' qoton. Sabiex tkun eliġibbli, l-erja għandha tkun fuq art agrikola awtorizzata mill-Istat Membru għall-produzzjoni tal-qoton, tinżera' ***b'varjetajiet awtorizzati mill-Istat Membru*** u fil-fatt tinħasad skont kondizzjonijiet normali ta' tkabbir.

   Il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton għandu jitħallas għal qoton ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-art u l-varjetajiet imsemmija fil-paragrafu 1 skont ir-regoli u l-kondizzjonijiet li għandhom ikunu adottati skont il-paragrafu 3.

3. ***Sabiex*** tkun żgurata ġestjoni effiċjenti tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 dwar regoli u kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' art u ta' varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar il-proċedura tal-awtorizzazzjoni ***ta' art u ta' varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton*** u n-notifiki għall-produtturi relatati ma' din l-awtorizzazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 44*

**Erjas bażi, rendimenti fissi u ammonti ta' referenza**

1. Huma stabbiliti l-erjas bażi nazzjonali li ġejjin:

0— Il-Bulgarija: 3 342 ha,

1 — Il-Greċja: 250 000 ha,

2 — Spanja: 48 000 ha,

— Il-Portugall: 360 ha.

2. Huma stabbiliti r-rendimenti fissi li ġejjin fil-perijodu ta' referenza:

0 — Il-Bulgarija: 1,2 tunnellata/ha,

1 — Il-Greċja: 3,2 tunnellata/ha,

2 — Spanja: 3,5 tunnellata/ha,

— Il-Portugall: 2,2 tunnellata/ha.

3. L-ammont tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għal kull ettaru ta' erja eliġibbli għandu jkun stabbilit billi r-rendimenti stabbiliti fil-paragrafu 2 jiġu mmultiplikati bl-ammonti ta' referenza li ġejjin:

0 — Il-Bulgarija: EUR***584,88*** fl-2015; u EUR ***649,45*** għall-2016 u wara

1 — Il-Greċja: EUR***234,18***

2 — Spanja: EUR***362,15***

— Il-Portugall: EUR ***228,00***

4. Jekk l-erja eliġibbli ta' qoton fi Stat Membru partikolari u f'sena partikolari taqbeż l-erja bażi stabbilita fil-paragrafu 1, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 għal dak l-Istat Membru għandu jitnaqqas proporzjonalment mar-rendiment żejjed tal-erja bażi.

5. Sabiex l-applikazzjoni tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba’ tal-qoton ***issir possibbli***, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 dwar regoli dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' ***dak*** il-pagament, dwar ir-rekwiżiti ta’ eliġibbiltà u ***dwar*** prattiki agronomiċi.

6. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tipprovdi regoli dwar il-kalkolu tat-tnaqqis previst fil-paragrafu 4. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 45*

**Organizzazzjonijiet interprofessjonali approvati**

1. Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, "organizzazzjoni interprofessjonali approvata" ***tfisser*** entità legali magħmula minn bdiewa li jipproduċu l-qoton u li jkollhom tal-anqas magna waħda li tissepara l-qoton minn maż-żerriegħa (‘ginner'), li jwettqu attivitajiet bħal:

(a) jgħinu biex ikun koordinat aħjar il-mod kif il-qoton jitqiegħed fis-suq, partikolarment permezz ta' studji ta' riċerka u stħarriġ tas-suq;

(b) it-tfassil ta' forom standard ta' kuntratti kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni;

(c) jorjentaw il-produzzjoni lejn prodotti li jkunu aktar adatti għall-ħtiġijiet tas-suq u għad-domanda tal-konsumatur, partikolarment fir-rigward tal-kwalità u l-protezzjoni tal-konsumatur;

(d) jaġġornaw metodi u mezzi biex titjieb il-kwalità tal-prodott;

(e) jiżviluppaw strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni għall-promozzjoni tal-qoton permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità.

2. L-Istat Membru fejn il-‘ginners' ikunu stabbiliti għandu japprova organizzazzjonijiet interprofessjonali li jissodisfaw il-kriterji li għandhom ikunu stabbiliti skont il-paragrafu 3.

3. ***Sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni effiċjenti tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton, il-***Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 dwar:

(a) kriterji għall-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali;

(b) obbligi għall-produtturi;

(c) regoli ***li jirregolaw*** is-sitwazzjoni fejn l-organizzazzjoni interprofessjonali approvata ma ***tissodisfax*** dawk il-kriterji.

*Artikolu 46*

**Għoti tal-pagament**

1. Il-bdiewa għandhom jingħataw il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton għal kull ettaru eliġibbli kif stabbilit fl-Artikolu 44.

2. Il-bdiewa li jkunu membri ta' organizzazzjoni interprofessjonali approvata għandhom jingħataw il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton għal kull ettaru eliġibbli fl-erja bażi stabbilita fl-Artikolu 44(1), miżjud b'ammont ta' EUR 2.

**TITOLU V**

**Skema għall-bdiewa żgħar**

*Artikolu 47*

**Regoli ġenerali**

1. ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skema għal bdiewa żgħażagħ f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati f'dan it-Titolu ('skema għal bdiewa żgħar').***

Il-bdiewa li għandhom drittijiet għall-pagament ***jew, fi Stati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c, li jitolbu għal skema ta' pagament uniku skont l-erja fl-2015*** u li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi previsti fl-Artikolu 10(1) jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw f'***din l-iskema.***

2. Il-pagamenti taħt l-iskema għall-bdiewa żgħar għandhom jissostitwixxu l-pagamenti li għandhom jingħataw skont it-Titoli III u IV.

***L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fejn Stat Membru jagħżel il-metodu ta' pagament stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 49(2). F'dak il-każ, il-pagament għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet rispettiivi stabbiliti fit-Titoli III u IV, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.***

3. Il-bdiewa li jipparteċipaw fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandhom ikunu eżentati mill-***prattiki*** agrikoli previsti fil-Kapitolu 2 tat-Titolu III.

4. ***Ma għandu jingħata l-ebda vantaġġ previst taħt dan it-Titolu favur bdiewa, li fir-rigward tagħhom jiġi stabbilit li, mid-19 ta' Ottubru 2011, huma ħolqu artifiċjalment il-kondizzjonijiet biex jibbenefikaw mill-iskema għall-bdiewa żgħar.***

*Artikolu 48*

**Parteċipazzjoni**

*1.* Il-bdiewa li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandhom jippreżentaw applikazzjoni sa ***data li għandha tiġi ffissata mill-Istati Membri sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2015. Id-data ffissata mill-Istati Membri ma tistax, madankollu, tkun qabel l-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-iskema ta' pagament bażiku jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.***

Il-bdiewa li ma japplikawx għall-parteċipazzjoni fl-iskema għall-bdiewa żgħar sa***d-data ffissata mill-Istat Membru*** jew li jiddeċiedu li jirtiraw minnha wara dik id-data jew li jintagħżlu għall-appoġġ skont il-***punt (c) ta***l-Artikolu 20(1)▌ tar-Regolament (UE) Nru […] [RŻR], ma għandux jibqgħalhom id-dritt li jipparteċipaw f'dik l-iskema.

*2.* ***Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-bdiewa li l-ammont tagħhom ta' pagamenti diretti taħt it-Titoli III u IV huwa iktar baxx mill-ammont massimu ffissat mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 49, għandu jiġi inkluż awtomatikament fl-iskema ta' bdiewa żgħar sakemm huma ma jirtirawx minnha sad-data ffissata mill-Istat Membru kif jinsab fil-paragrafu 1 jew fi kwalunkwe sena sussegwenti oħra. L-Istati Membri li jużaw din il-possibbiltà għandhom jinformaw lill-bdiewa rilevanti fi żmien debitu dwar id-dritt tagħhom li jirtiraw mill-iskema.***

***3.*** ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istima tal-ammont tal-pagament imsemmi fl-Artikolu 49 tiġi mgħarrfa lill-bdiewa fi żmien debitu qabel id-data tal-applikazzjoni jew l-irtirar iffissata mill-Istat Membru.***

*Artikolu 49*

**Ammont tal-pagament**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont tal-pagament annwali għal ***kull bidwi li jipparteċipa fl-***iskema għall-bdiewa żgħar f'wieħed mil-livelli li ġejjin, soġġett għall-***paragrafu*** 3:

(a) ammont li ma jkunx aktar minn ***25*** % tal-pagament medju nazzjonali għal kull benefiċjarju***, li għandu jkun stabbilit mill-Istati Membri abbażi tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għas-sena kalendarja 2019 u tan-numru ta' bdiewa li jkunu iddikjaraw l-ettari eliġibbli skont l-Artikolu 26(1) fl-2015 jew li jkunu talbu għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja fl-2015 f'konformità mal-Artikolu 28c***;

(b) ammont li jkun jikkorrispondi għall-pagament medju nazzjonali għal kull ettaru mmultiplikat b'ċifra li tikkorrispondi għan-numru ta' ettari b'massimu ta' ***ħamsa. Il-pagament medju nazzjonali għal kull ettaru*** għandu jkun stabbilit mill-Istati Membri abbażi tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għas-sena kalendarja 2019 u tan-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarat skont l-Artikolu 26 ***jew l-Artikolu 28c*** fl-***2015.***

***L-ammonti msemmija fil-paragrafi (a) u (b) ma għandhomx ikunu inqas minn EUR 500 u mhux aktar minn EUR 1 250.***

***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 51(1), fejn l-applikazzjoni tal-punti (a) u (b) tirriżulta f'ammont anqas minn EUR 500 jew ogħla minn EUR 1 250, l-ammont għandu jiżdied jew jitnaqqas għall-eqreb numru sħiħ, rispettivament, għall-ammont minimu jew massimu.***

2. ***Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu lill-bdiewa parteċipanti:***

(a) ***ammont ugwali għall-valur totali tal-pagamenti li għandhom jiġu allokati lill-bidwi kull sena taħt it-Titoli III u IV ta' dan ir-Regolament, jew***

(b) ***ammont ugwali għall-valur totali tal-pagamenti li għandhom jiġu allokati lill-bidwi fl-2014 taħt it-Titoli III u IV ta' dan ir-Regolament li l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw fi snin sussegwenti biex jittieħed kont b'mod proporzjonali tal-bidliet fil-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fl-Anness II.***

▌

***L-ammont m'għandux ikun ogħla minn ammont iffissat mill-Istat Membru bejn EUR 500 u EUR 1 250.***

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 51(1), fejn il-***pagament*** jirriżulta f'ammont aktar baxx minn EUR ***500, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu dan l-ammont għal EUR 500.***

***3.*** ***F'Ċipru,*** il-Kroazja, Malta ***u s-Slovenja,*** l-ammont imsemmi fil-***paragrafi 1 u 2*** jista' jiġi stabbilit għal valur aktar baxx minn EUR 500, iżda ta' mhux inqas minn EUR ***200 jew, fil-każ ta' Malta, ta' mhux inqas minn EUR 50.***

*Artikolu 50*
**Kondizzjonijiet Speċjali**

1. Matul il-parteċipazzjoni fl-iskema għall-bdiewa żgħar, il-bdiewa għandhom:

(a) iżommu tal-inqas numru ta' ettari ***eliġibbli*** li jkunu jikkorrispondu man-numru ta' drittijiet miżmumin ***jew man-numru ta' ettari eliġibbli ddikjarati skont l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja fl-2015***;

(b) jissodisfaw ir-rekwiżit minimu li hemm provvediment għalih fl-Artikolu 10(1)(b).

2. Id-drittijiet għall-pagament attivati fl-***2015*** skont l-Artikoli 25 u 26 minn bidwi li jipparteċipa fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandhom jitqiesu bħala drittijiet attivati għat-tul ta' żmien tal-parteċipazzjoni tal-bidwi f'dik l-iskema.

Id-drittijiet għall-pagament miżmumin mill-bidwi matul il-parteċipazzjoni f'dik l-iskema ma għandhomx jitqiesu bħala drittijiet għall-pagament mhux użati riversibbli għar-riżerva nazzjonali skont it-tifsira tal-***punt (b) tal-***Artikolu 24(1)▌.

***F'dawk l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 28c, l-ettari eliġibbli ddikjarati taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja fl-2015 minn bidwi li jipparteċipa fl-iskema ta' bdiewa żgħar għandhom jiġu kkunsidrati bħala ddikjarati għad-durata tal-parteċipazzjoni tal-bidwi f'dik l-iskema.***

3. B’deroga għall-Artikolu 27, id-drittijiet għall-pagament miżmumin minn bdiewa li jipparteċipaw fl-iskema għall-bdiewa żgħar ma għandhomx ikunu trasferibbli, ħlief f’każ ta’ wirt jew wirt antiċipat.

Bdiewa li b’wirt jew b’wirt antiċipat jirċievu drittijiet għall-pagament mingħand bidwi li jipparteċipa fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandu jkun eliġibbli għall-parteċipazzjoni f’dik l-iskema jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jibbenefikaw mill-iskema ta’ pagament bażiku u jekk jirtu d-drittijiet għall-pagament kollha li kienu miżmuma mill-bidwi li jirċievu d-drittijiet għall-pagamenti mingħandu.

4. ***Il-paragrafi 1, 2 u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika fejn Stat Membru jagħżel il-metodu ta' pagament stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 49(2) ta' dan ir-Regolament mingħajr ma jiġi applikat l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 49(2).***

***5.*** ***Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali, il-***Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 55 ***li jistabbilixxu*** l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fl-iskema fejn is-sitwazzjoni tal-bidwi parteċipanti tinbidel.

*Artikolu 51*

**Dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. Sabiex jiffinanzjaw il-pagament imsemmi f'dan it-Titolu, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammonti li jikkorrispondu mal-ammonti illi kieku kienu jkunu intitolati għalihom il-bdiewa żgħar ***skont l-iskema*** ta' pagament bażiku ***jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja*** msemmija fil-Kapitolu 1 ***tat-Titolu III, bħala pagament ridistributtiv imsemmi fil-Kapitolu 1a*** tat-Titolu III, bħala pagament għall-***prattiki*** agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent imsemmi fil-Kapitolu 2 tat-Titolu III u, fejn huwa applikabbli, bħala pagament għal erjas b'restrizzjonijiet naturali msemmi fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III, bħala pagament għal bdiewa żgħażagħ imsemmi fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III u bħala appoġġ akkoppjat imsemmi fit-Titolu IV mill-ammonti totali disponibbli għall-pagamenti rispettivi.

***Fi Stati Membri li għażlu li jikkalkulaw l-ammont tal-pagament skont il-punt (a) tal-Artikolu 49(2), fejn it-total ta' dawk l-ammonti għal bidwi individwali jaqbeż l-ammont massimu li huma ffissaw, kull ammont għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali.***

Id-differenza bejn it-totali tal-pagamenti kollha dovuti skont l-iskema għall-bdiewa żgħar u l-ammont totali ffinanzjat f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandha tiġi ffinanzjata ***b'wieħed jew aktar minn dawn il-modi:***

***(a)*** ***bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23(5) fis-sena rilevanti;***

***(b)*** ***bl-użu ta' fondi li ma intużawx fis-sena rilevanti, biex jiġi ffinanzjat il-pagament għal bdiewa żgħar stipulat fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III;***

***(c)*** bl-applikazzjoni ta' tnaqqis lineari għall-pagamenti kollha li jingħataw f'konformità mal-***Artikolu 25 jew 28c.***

***Ħlief fejn l-Istat Membru jkun għażel li jistabbilixxi l-ammont tal-pagament annwali skont il-punt (a) tal-Artikolu 49(2), l-***elementi li abbażi tagħhom huma stabbiliti l-ammonti msemmija fl-ewwel ***subparagrafu*** għandhom jibqgħu l-istess għat-tul ta' żmien kollu tal-parteċipazzjoni tal-bidwi fl-iskema.

2. Jekk l-ammont totali tal-pagamenti dovuti skont l-iskema għall-bdiewa żgħar jaqbeż l-10 % tal-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom japplikaw tnaqqis lineari għall-ammonti li għandhom jitħallsu skont dan it-Titolu sabiex jiġi rispettat dak il-perċentwal***, sakemm huma ma jkunux stabbilixxew l-ammont tal-pagament f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 49(2) mingħajr ma jiġi applikat l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 49(2). L-istess eċċezzjoni tapplika għall-Istati Membri li stabbilew l-ammont tal-pagament f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 49(2) mingħajr l-applikazzjoni tal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 49(2), li l-limitu massimu nazzjonali tiegħu fl-Anness II għas-sena 2019 huwa ogħla minn dak għas-sena 2015 u li japplikaw il-metodu ta' kalkolu fl-Artikolu 22(1) jew, rispettivament, l-Artikolu 28c(1a).***

## TITOLU VI
## PROGRAMMI NAZZJONALI TA' RISTRUTTURAZZJONI GĦAS-SETTUR TAL-QOTON

*Artikolu 52*

**Użu tal-baġit annwali għall-programmi ta' ristrutturar**

1. Għall-Istati Membri li applikaw l-ewwel ***subparagrafu*** tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, il-baġit annwali rilevanti disponibbli skont l-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament għandu jkun ittrasferit b'effett mill-1 ta' Jannar 2014 ***u għandu jikkostitwixxi*** fondi addizzjonali tal-Unjoni għal miżuri skont programmar tal-iżvilupp rurali ffinanzjat skont ir-Regolament (UE) Nru [...] [RŻR].

2. Għall-Istati Membri li applikaw it-tieni ***subparagrafu*** tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, il-baġit annwali ***rilevanti disponibbli skont l-***Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament huwa inkluż b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 ***fil-limiti massimi*** nazzjonali tagħhom kif stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

**TITOLU VII**
**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

**KAPITOLU 1**
**Notifiki u emerġenza**

*Artikolu 53*
**Rekwiżiti ta' notifika**

1. ***Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-*** Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55, dwar il-miżuri meħtieġa fir-rigward tan-notifiki li għandhom isiru mill-Istati Membri ***lill-Kummissjoni*** għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jew għall-fini ta' verifika, kontroll, monitoraġġ, evalwazzjoni u verifika ta' pagamenti diretti ***u għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fi*** ftehimiet internazzjonali ***li ġew konklużi b'Deċiżjoni tal-Kunsill***, inklużi rekwiżiti ta' notifika skont dawk il-ftehimiet. Waqt li tagħmel dan, għandha tqis il-ħtiġijiet tad-data u s-sinerġiji bejn is-sors potenzjali tad-data.

L-informazzjoni miksuba tista', fejn ikun jixraq, tkun trasmessa jew issir disponibbli għal organizzazzjonijiet internazzjonali ***u*** għall-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, u tista' ssir pubblika, suġġetta għall-protezzjoni ta' data personali u tal-interess leġittimu ta' impriżi għall-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju tagħhom.

2. ***Sabiex*** in-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 isiru malajr, b'mod effiċjenti, preċiż u kosteffettiv, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 sabiex jiġu stabbiliti ***aktar regoli dwar***:

(a) (b) in-natura u t-tip tal-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata; (b)

▌

***(bb) il-kategoriji ta' data li għandha tiġi pproċessata u l-perijodi massimi ta' żamma;***

(c) ir-regoli rigward id-drittijiet tal-aċċess għall-informazzjoni jew għal sistemi ta' informazzjoni magħmulin disponibbli;

(d) il-kondizzjonijiet ▌ tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

***[...] (aa) il-metodi ta' notifika;***

(a) regoli dwar il-forniment tal-informazzjoni li tkun meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu;

(b) għal kull pagament dirett nazzjonali komplementari, l-għadd ta' benefiċjarji, l-arranġamenti għall-immaniġġjar tal-informazzjoni li trid tiġi nnotifikata, kif ukoll regoli dwar kontenut, forma, waqt, frekwenza u skadenzi tan-notifiki;

(c) arranġamenti għat-trasmissjoni ta' informazzjoni u dokumenti jew biex informazzjoni jew dokumenti jkunu disponibbli għall-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi, jew lill-pubbliku, suġġetti għall-protezzjoni ta' data personali u tal-interess leġittimu ta' bdiewa u impriżi għall-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju tagħhom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 53a*
*Ipproċessar u protezzjoni tad-data personali*

***1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiġbru data personali għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 53(1) u m'għandhomx jipproċessaw din id-data b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dawn il-finijiet.***

***2. Fejn data personali tiġi pproċessata għal finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 53(1), din għandha tkun anonima u tiġi pproċessata biss f'forma aggregata.***

***3. Id-data personali għandha tiġi pproċessata f'konfomrità mar-regoli tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001. B'mod partikolari, tali data m'għandhiex tinħażen f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal perijodu ta' żmien itwal milli meħtieġ għall-finijiet li għalihom inġabret jew qed tiġi pproċessata, b'kont meħud tal-perijodi minimi ta' żamma stabbiliti fid-dritt nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli.***

***4. L-Istati Membri għandhom jinformaw lis-suġġetti tad-data li d-data personali tagħhom tista' tiġi pproċessata minn korpi nazzjonali jew tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1 u li, f'dan ir-rigward, huma jgawdu mid-drittijiet stabbiliti fir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data tad-Direttiva 95/46/KE u tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 rispettivament.***

5. ***Dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 110a sa 110d fir-Regolament (UE) Nru [...][HRZ].***

*Artikolu 54*

**Miżuri għas-soluzzjoni ta' problemi speċifiċi**

1. Il-Kummissjoni għandha ***tadotta*** atti ta' implimentazzjoni ▌ li jkunu kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'emerġenza, għar-riżoluzzjoni ta' problemi speċifiċi. ***Atti ta' implimentazzjoni*** bħal dawn jistgħu jidderogaw minn dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, iżda biss sakemm, u għal dak il-perjodu, li fih ikunu strettament meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

2. ***Meta*** raġunijiet ta' urġenza ġustifikati kif adatt ***jitolbu hekk, sabiex jiġu riżolti problemi speċifiċi bħal dawn waqt li tiżgura l-kontinwità tas-sistema ta' pagamenti diretti f'każ ta' ċirkostanzi straordinarji,*** il-Kummissjoni għandha tadotta immedjatament atti ta' implimentazzjoni***,*** skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(3).

*3.	Miżuri adottati skontt il-paragrafi 1 jew 2 għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perijodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar. Jekk wara dan il-perijodu l-problemi speċifiċi msemmijin f'dawk il-paragrafi jippersistu, il-Kummissjoni, sabiex tistabbilixxi soluzzjoni permanenti, tista' tippreżenta proposti leġislattivi adatti.*

*4.	Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafu 1 jew 2 fi żmien jumejn ta' ħidma tal-adozzjoni tagħhom.*

## KAPITOLU 2
## Delegi ta’ setgħat u dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni

*Artikolu 55*
**L-eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li jkunu adottati l-atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. ***Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 2, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 17b(6), l-Artikolu 28, l-Artikolu 28c(4), l-Artikolu 28e(3), l-Artikolu 29(6), l-Artikolu 30(2), l-Artikolu 31(2a), (3) u (4), l-Artikolu 32(2), l-Artikolu 36(7), l-Artikolu 38(7), l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 44(5), l-Artikolu 45(3), l-Artikolu 50(5), l-Artikolu 53(1) u (2) u l-Artikolu 58 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin minn XXX. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

3. Id-delega tas-***setgħa msemmija fl-Artikolu 2, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 17b(6), l-Artikolu 28, l-Artikolu 28c(4), l-Artikolu 28e(3), l-Artikolu 29(6), l-Artikolu 30(2), l-Artikolu 31(2a), (3) u (4), l-Artikolu 32(3), l-Artikolu 36(7), l-Artikolu 38(7), l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 44(5), l-Artikolu 45(3), l-Artikolu 50(5), l-Artikolu 53(1) u (2) u l-Artikolu 58*** tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ***ta' revoka*** għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-***Artikolu 2, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 17b(6), l-Artikolu 28, l-Artikolu 28c(4), l-Artikolu 28e(3), l-Artikolu 29(6), l-Artikolu 30(2), l-Artikolu 31(2a), (3) u (4), l-Artikolu 32(2), l-Artikolu 36(7), l-Artikolu 38(7), l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 44(5), l-Artikolu 45(3), l-Artikolu 50(5), l-Artikolu 53(1) u (2) u 58*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahrejn*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'***xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew ***ta***l-Kunsill.

*Artikolu 56*
**Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat imsejjaħ ***il-***"Kumitat għall-Pagamenti Diretti". Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

***Fil-każ ta' atti msemmija fl-Artikoli 21(4), l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 53(3) , fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

**KAPITOLU 3**
**Dispożizzjonijiet transizzjonali u finali**

*Artikolu 57*
**Revoki**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 637/2008 qed jiġi mħassar ***b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.***

Madankollu, ikompli japplika sal-31 ta' Diċembru 2017 fir-rigward tal-Istati Membri li eżerċitaw l-għażla stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 huwa rrevokat.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness VII.

3. Ir-referenzi magħmulin f'dan ir-Regolament għar-Regolamenti (KE) Nru 73/2009 u (KE) Nru 1782/2003 għandhom jinftiehmu bħala li ***qed isiru*** għal dawk ir-Regolamenti hekk kif kienu fis-seħħ qabel ir-revoka tagħhom.

*Artikolu 58*

**Regoli transitorji**

Biex tkun żgurata transizzjoni mingħajr diffikultajiet mill-arranġamenti pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 dwar il-miżuri meħtieġa biex ikun protett ***kwalunkwe*** dritt miksub u l-aspettattivi leġittimi tal-bdiewa.

*Artikolu 59*
**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi [is-seba'] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar ***2015.***

Madankollu, l-Artikolu ***9(6), l-Artikolu 11(5), l-Artikolu 14, l-Artikolu 18(2) u (3), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(1), l-Artikolu 20(5), l-Artikolu 21(3b), l-Artikolu 22(7), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28c(1), l-Artikolu 28g(1), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 31(2), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 32(1), l-Artikolu 32(1e), l-Artikolu 35(1), l-Artikolu 37(1), l-Artikolu 39, l-Artikolu 52(1) u*** l-Artikolu ***57(1)*** għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*

*Il-President* *Il-President*

# ANNESSI

## ANNESS I

## Lista ta' skemi ta' appoġġ

| Is-settur | Bażi legali | Kummenti |
|---|---|---|
| ***Skema*** ta' pagamenti bażiċi | Titolu III, Kapitolu 1 ***Taqsimiet 1 sa 3 u 5*** ta' dan ir-Regolament | Pagament diżakkoppjat |
| ***Skema ta' pagament uniku skont l-erja*** | ***Titolu III, Kapitolu 1, Taqsima 4 ta' dan ir-Regolament*** | ***Pagament diżakkoppjat*** |
| ***Pagament ridistributtiv*** | ***It-Titolu III, il-Kapitolu 1a ta' dan ir-Regolament*** | ***Pagament diżakkoppjat*** |
| Pagament lill-bdiewa li jsegwu prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent | It-Titolu III, il-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament | Pagament diżakkoppjat |

| Is-settur | Bażi legali | Kummenti |
|---|---|---|
| Pagament lill-bdiewa f'erjas b'restrizzjonijiet naturali ▌ | It-Titolu III, il-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament | Pagament diżakkoppjat |
| Pagament lill-bdiewa żgħażagħ | It-Titolu III, il-Kapitolu 4 ta' dan ir-Regolament | Pagament diżakkoppjat |
| Appoġġ akkoppjat volontarju | Titolu IV, Kapitolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 | |
| ***Pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għall-qoton*** | Titolu IV, Kapitolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 | Pagament għall-erja |
| Pagament lill-bdiewa żgħar | It-Titolu V ta' dan ir-Regolament | Pagament diżakkoppjat |
| Posei | ***Kapitolu IV tar-Regolament UE Nru 228/ 013*** | Pagamenti diretti skont miżuri stabbiliti fil-programmi |
| Gżejjer tal-Eġew | ***Kapitolu*** IV tar-Regolament (UE) (Nru) 229/ 2013 | Pagamenti diretti skont miżuri stabbiliti fil-programmi |

## ANNESS II

## Il-livelli massimi nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 6

(F'eluf ta' EUR)

| Sena kalendarja | | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 u s-sena ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | | 536 076 | 528 124 | 520 170 | 512 718 | 505 266 |
| Bulgarija | | 721 251 | 792 449 | 793 226 | 794 759 | 796 292 |
| Repubblika Ċeka | | 874 484 | 873 671 | 872 830 | 872 819 | 872 809 |
| Danimarka | | 916 580 | 907 108 | 897 625 | 889 004 | 880 384 |
| Ġermanja | | 5 144 264 | 5 110 446 | 5 076 522 | 5 047 458 | 5 018 395 |
| Estonja | | 121 870 | 133 701 | 145 504 | 157 435 | 169 366 |
| Irlanda | | 1 215 003 | 1 213 470 | 1 211 899 | 1 211 482 | 1 211 066 |
| Greċja | | 2 039 122 | 2 015 116 | 1 991 083 | 1 969 129 | 1 947 177 |
| Spanja | | 4 842 658 | 4 851 682 | 4 866 665 | 4 880 049 | 4 893 433 |
| Franza | | 7 553 677 | 7 521 123 | 7 488 380 | 7 462 790 | 7 437 200 |
| Kroazja | | 130 550 | 149 200 | 186 500 | 223 800 | 261 100 |
| Italja | | 3 902 039 | 3 850 805 | 3 799 540 | 3 751 937 | 3 704 337 |
| Ċipru | | 50 784 | 50 225 | 49 666 | 49 155 | 48 643 |
| Latvja | | 195 649 | 222 363 | 249 020 | 275 887 | 302 754 |

(F'eluf ta' EUR)

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Litwanja | | 417 890 | 442 510 | 467 070 | 492 049 | 517 028 |
| Lussemburgu | | 33 603 | 33 545 | 33 486 | 33 459 | 33 431 |
| Ungerija | | 1 271 593 | 1 270 410 | 1 269 187 | 1 269 172 | 1 269 158 |
| Malta | | 5 127 | 5 015 | 4 904 | 4 797 | 4 689 |
| Pajjiżi l-Baxxi | | 780 815 | 768 340 | 755 862 | 744 116 | 732 370 |
| Awstrija | | 693 065 | 692 421 | 691 754 | 691 746 | 691 738 |
| Polonja | | 2 987 267 | 3 004 501 | 3 021 602 | 3 041 560 | 3 061 518 |
| Portugall | | 565 816 | 573 954 | 582 057 | 590 706 | 599 355 |
| Rumanija | | 1 629 889 | 1 813 795 | 1 842 446 | 1 872 821 | 1 903 195 |
| Slovenja | | 137 987 | 136 997 | 136 003 | 135 141 | 134 278 |
| Slovakkja | | 380 680 | 383 938 | 387 177 | 390 781 | 394 385 |
| Finlandja | | 523 333 | 523 422 | 523 493 | 524 062 | 524 631 |
| Svezja | | 696 890 | 697 295 | 697 678 | 698 723 | 699 768 |
| Renju Unit | | 3 555 915 | 3 563 262 | 3 570 477 | 3 581 080 | 3 591 683 |

*_* Għall-Kroazja, il-limitu massimu nazzjonali għas-sena kalendarja 2020 huwa 298 400, għall-2021 huwa 335 700 u għall-2022 huwa 373 000 (f'eluf ta' EUR).

## ANNESS III

## Limiti massimi netti msemmijin fl-Artikolu 7

(F'miljuni ta' EUR)

| Sena kalendarja | | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 u s-sena ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | | 536,1 | 528,1 | 520,2 | 512,7 | 505,3 |
| Bulgarija | | 723,6 | 795,1 | 795,8 | 797,4 | 798,9 |
| Repubblika Ċeka | | 874,5 | 873,7 | 872,8 | 872,8 | 872,8 |
| Danimarka | | 916,6 | 907,1 | 897,6 | 889,0 | 880,4 |
| Ġermanja | | 5 144,3 | 5 110,4 | 5 076,5 | 5 047,5 | 5 018,4 |
| Estonja | | 121,9 | 133,7 | 145,5 | 157,4 | 169,4 |
| Irlanda | | 1 215,0 | 1 213,5 | 1 211,9 | 1 211,5 | 1 211,1 |
| Greċja | | 2 227,0 | 2 203,0 | 2 178,9 | 2 157,0 | 2 135,0 |
| Spanja | | 4 903,6 | 4 912,6 | 4 927,6 | 4 941,0 | 4 954,4 |
| Franza | | 7 553,7 | 7 521,1 | 7 488,4 | 7 462,8 | 7 437,2 |
| Kroazja | | 130,6 | 149,2 | 186,5 | 223,8 | 261,1 |
| Italja | | 3 902,0 | 3 850,8 | 3 799,5 | 3 751,9 | 3 704,3 |
| Ċipru | | 50,8 | 50,2 | 49,7 | 49,2 | 48,6 |
| Latvja | | 195,6 | 222,4 | 249,0 | 275,9 | 302,8 |

(F'miljuni ta' EUR)

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Litwanja | | 417,9 | 442,5 | 467,1 | 492,0 | 517,0 |
| Lussemburgu | | 33,6 | 33,5 | 33,5 | 33,5 | 33,4 |
| Ungerija | | 1 271,6 | 1 270,4 | 1 269,2 | 1 269,2 | 1 269,2 |
| Malta | | 5,1 | 5,0 | 4,9 | 4,8 | 4,7 |
| Pajjiżi l-Baxxi | | 780,8 | 768,3 | 755,9 | 744,1 | 732,4 |
| Awstrija | | 693,1 | 692,4 | 691,8 | 691,7 | 691,7 |
| Polonja | | 2 987,3 | 3 004,5 | 3 021,6 | 3 041,6 | 3 061,5 |
| Portugall | | 566,0 | 574,1 | 582,2 | 590,9 | 599,5 |
| Rumanija | | 1 629,9 | 1 813,8 | 1 842,4 | 1 872,8 | 1 903,2 |
| Slovenja | | 138,0 | 137,0 | 136,0 | 135,1 | 134,3 |
| Slovakkja | | 380,7 | 383,9 | 387,2 | 390,8 | 394,4 |
| Finlandja | | 523,3 | 523,4 | 523,5 | 524,1 | 524,6 |
| Svezja | | 696,9 | 697,3 | 697,7 | 698,7 | 699,8 |
| Renju Unit | | 3 555,9 | 3 563,3 | 3 570,5 | 3 581,1 | 3 591,7 |

* * Għall-Kroazja, il-limitu massimu ***nazzjonali*** għas-sena kalendarja 2020 huwa ***298 400,*** għall-2021 huwa ***335 700*** u għall-2022 huwa 373 ***000*** (f'***eluf*** ta' EUR).

## ANNESS IV

## Koeffiċjenti li jridu jiġu applikati skont l-Artikolu 10(1)

| Stat Membru | Limitu massimu f'EUR (Artikolu 10(1)(a)) | Limitu massimu f'ettari (Artikolu 10(1)(b)) |
|---|---|---|
| Belġju | 400 | 2 |
| Bulgarija | 200 | 0,5 |
| Repubblika Ċeka | 200 | 5 |
| Danimarka | 300 | 5 |
| Ġermanja | 300 | 4 |
| Estonja | 100 | 3 |
| Irlanda | 200 | 3 |
| Greċja | 400 | 0,4 |
| Spanja | 300 | 2 |
| Franza | 300 | 4 |
| Kroazja | 100 | 1 |
| Italja | 400 | 0,5 |
| Ċipru | 300 | 0,3 |
| Latvja | 100 | 1 |

| Stat Membru | Limitu massimu f'EUR (Artikolu 10(1)(a)) | Limitu massimu f'ettari (Artikolu 10(1)(b)) |
|---|---|---|
| Litwanja | 100 | 1 |
| Lussemburgu | 300 | 4 |
| Ungerija | 200 | 0,3 |
| Malta | 500 | 0,1 |
| Pajjiżi l-Baxxi | 500 | 2 |
| Awstrija | 200 | 2 |
| Polonja | 200 | 0,5 |
| Portugall | 200 | 0,3 |
| Rumanija | 200 | 0,3 |
| Slovenja | 300 | 0,3 |
| Slovakkja | 200 | 2 |
| Finlandja | 200 | 3 |
| Svezja | 200 | 4 |
| Renju Unit | 200 | 5 |

## ANNESS V

## Dispożizzjonijiet finanzjarji li japplikaw għall-Bulgarija u għar-Rumanija msemmijin fl-Artikoli 16 u 17 A.

A. Ammonti għall-kalkolu tal-limiti massimi nazzjonali għall-pagamenti msemmija fl-Artikolu 16:

(*f'eluf ta' EUR*)

| | ▌ | 2015 |
|---|---|---|
| Bulgarija | ▌ | ***790 909*** |
| Rumanija | ▌ | ***1 783 426*** |

B. Ammont totali ta' pagamenti diretti nazzjonali komplementari għall-iskema ta' pagament bażiku msemmija fl-Artikolu 17(2):

(*f'eluf ta' EUR*)

| | ▌ | 2015 |
|---|---|---|
| Bulgarija | ▌ | ***69 657*** |
| Rumanija | ▌ | ***153 536*** |

C. Ammont totali ta' pagamenti diretti nazzjonali komplementari għall-pagament speċifiku għall-kultivazzjoni tal-qoton imsemmi fl-Artikolu 17(3):

(*f' EUR*)

| | ▌ | 2015 |
|---|---|---|
| Bulgarija | ▌ | ***258 952*** |

## ANNESS Va

**Dispożizzjonijiet finanzjarji li japplikaw għall-Kroazja msemmijin fl-Artikoli 10 u 17a**

A. Ammonti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10:

*(f'eluf ta' EUR)*

| | |
|---|---|
| Kroazja | 373 000 |

B. Ammont totali tal-pagamenti diretti nazzjonali komplementari msemmi fl-Artikolu 17a(3):

*(f'eluf ta' EUR)*

| | ▌ | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | ▌ | 242 450 | 223 800 | 186 500 | 149 200 | 111 900 | 74 600 | 37 300 |

**ANNESS Vb**

**Ammont massimu li għandu jiżdied mal-ammonti stipulati fl-Anness II skont l-Artikolu 17b(2)**

*(f'eluf ta' EUR)*

| | ▌ | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | ▌ | 3 360 | 3 840 | 4 800 | 5 760 | 6 720 | 7 680 | 8 640 | 9 600 |

## ANNESS VI

## Daqs medju ta' azjenda agrikola li għandu jkun applikat skont l-Artikolu *28g(4)*

| Stat Membru | Daqs medju ta' azjenda agrikola (f'ettari) |
|---|---|
| Belġju | 29 |
| Bulgarija | 6 |
| Repubblika Ċeka | 89 |
| Danimarka | 60 |
| Ġermanja | 46 |
| Estonja | 39 |
| Irlanda | 32 |
| Greċja | 5 |
| Spanja | 24 |
| Franza | 52 |
| Kroazja | ***5,9*** |
| Italja | 8 |
| Ċipru | 4 |
| Latvja | 16 |

| Stat Membru | Daqs medju ta' azjenda agrikola (f'ettari) |
|---|---|
| Litwanja | 12 |
| Lussemburgu | 57 |
| Ungerija | 7 |
| Malta | 1 |
| Pajjiżi l-Baxxi | 25 |
| Awstrija | 19 |
| Polonja | 6 |
| Portugall | 13 |
| Rumanija | 3 |
| Slovenja | 6 |
| Slovakkja | 28 |
| Finlandja | 34 |
| Svezja | 43 |
| Renju Unit | 54 |

*ANNESS VIA*

***LISTA TA' PRATTIKI EKWIVALENTI GĦAL TITJIB EKOLOĠIKU msemmija fl-Artikolu 29(1b) [...] I.***

***I. Prattiki ekwivalenti għal diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba':***

***1) Diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba'***

***Rekwiżit: mill-inqas 3 uċuħ tar-raba', massimu ta' 75% għall-wiċċ tar-raba' ewlieni, u kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin jew aktar***

- ***b'mill-inqas 4 uċuħ tar-raba',***
- ***b'limiti massimi aktar baxxi,***
- ***b'għażla aktar adatta ta' uċuħ tar-raba', bħal, pereżempju, uċuħ tar-raba' leguminużi, li fihom il-proteini , uċuħ tar-raba' li ma jeħtiġux irrigazzjoni jew trattamenti ta' pestiċida, kif adatt***
- ***inklużi varjetajiet reġjonali ta' tipi ta' uċuħ tar-raba' antiki/tradizzjonali/fil-periklu (fuq mill-inqas 5 % tal-erja b'rotazzjoni)***

***2) Rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba'***

***Rekwiżit: mill-inqas 3 uċuħ tar-raba', massimu ta' 75% għall-wiċċ tar-raba' ewlieni, u kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin jew it-tnejn:***

- ***b'sekwenza ta' uċuħ tar-raba' multiannwali aktar benefika għall-ambjent u/jew art mistrieħa,***
- ***B'mill-inqas erba' uċuħ tar-raba'***

*3) Għata tal-ħamrija għax-xitwa (*)*

*4) Uċuħ tar-raba' li jikbru malajr (*)*

***II. Prattiki ekwivalenti għaż-żamma ta' bwar permanenti:***

*1) Ġestjoni ta' bwar/mergħat*

***Rekwiżit: żamma ta' bwar permanenti u kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin jew aktar:***

- ***Sistema għall-qtugħ/mowing adatt (dati, metodi, limiti),***
- ***Żamma ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ fuq bwar permanenti u l-kontroll ta' arbuxelli,***
- ***Varjetajiet speċifikati ta' ħaxix u/jew sistema taż-żriegħ għat-tiġdid li jiddependi fuq it-tip ta' bur (l-ebda distruzzjoni ta' valur naturali għoli),***
- ***Evakwazzjoni ta' foraġġ/tiben,***
- ***Ġestjoni adatta għal meded weqfin,***
- ***Sistema ta' fertilizzanti,***
- ***Restrizzjonijiet ta' pestiċidi***

***2) Sistemi estensivi ta' mergħat***

***Rekwiżit: żamma ta' bwar permanenti u kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin jew aktar:***

- ***Mergħat estensivi (waqt, densità massima tal-merħliet),***
- ***Xogħol ta' rgħajja/ pastoraliżmu fil-muntanji,***
- ***L-użu ta' razez lokali/tradizzjonali biex jirgħu fil-bwar permanenti.***

***III. Prattiki ekwivalenti għal EFA:***

***Rekwiżit: applikat fuq mill-inqas il-perċentwal tal-art li tinħarat stabbilit skont l-Artikolu 32(1)***

***1) Irtirar ekoloġiku ta' artijiet***

***2) Ħolqien ta' "żoni ta' lqugħ" għal erjas ta' valur naturali għoli, Natura 2000 jew siti ta' ħarsien tal-bijodiversità oħra, inklużi pjanti ta' sġajriet li jagħmlu sies u mogħdijiet tal-ilma***

***3) Ġestjoni ta' biċċiet ta' art ta' lqugħ mhux ikkultivati u marġini ta' għelieqi (sistema ta' qtugħ, varjetajiet ta' ħaxix lokali/speċifikati u/jew is-sistema ta' żrigħ, żrigħ mill-ġdid b'varjetajiet reġjonali, l-ebda użu ta' pestiċidi, l-ebda rimi ta' demel u/jew fertilizzanti minerali), l-ebda irrigazzjoni, l-ebda ssiġillar tal-ħamrija***

*4) Fruntieri, strixex fl-għelieqi u rqajja ġestiti għal annimali selvaġġi/fawna speċifika (fruntieri erbaċea, ħarsien ta' bejtiet, strixex ta' fjuri selvaġġi, taħlita ta' żriragħ lokali, uċuħ tar-raba' mhux maħsuda)*

*5) Ġestjoni (żbir, tirqim, dati, metodi, restawrazzjoni) ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ (siġar, sġajriet li jagħmlu sies, veġetazzjoni ta' bosk f'xatt ta' xmara, ħitan tal-ġebel (art imtarrġa), fosos, għadajjar)*

*6) Żamma ta' bwar b'ħamrija bil-pit/imxarrba li tinħarat (mingħajr l-użu ta' fertilizzanti jew l-użu ta' prodotti ta' ħarsien tal-pjanti)*

*7) Produzzjoni fuq art li tinħarat mingħajr l-użu ta' fertilizzant (fertilizzant minerali u demel) u/jew prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u mhux saqwi, mhux miżrugħ bl-istess wiċċ tar-raba' sentejn wara xulxin u f'post fiss (*)*

*8) Konverżjoni ta' art li tinħarat fi bwar permanenti użata b'mod estensiv*

*(*) Prattiki soġġetti għall-metodu msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 29(6).*

***ANNESS VIb***

***MATRIĊI TA' KONVERŻJONI EFA msemmija fl-Artikolu 32(1a)***

| *Karatteristiċi* | *Fattur ta' konverżjoni* | *Fattur ta' piż* | *Erja EFA* |
|---|---|---|---|
| *Art li titħalla tistrieħ* | | | |
| *Egħlieqi mtarrġa* | | | |
| *Karatteristiċi tal-pajsaġġ* | | | |
| *Art ta' lqugħ* | | | |
| *Ettari ta' agro-forestrija* | | | |
| *Strixex ta' ettari eliġibbli tul trufijiet ta' foresti* | | | |
| *Erjas b'imsajġar b'rotazzjoni qasira* | | | |
| *Erjas afforestati kif imsemmi fl-Artikolu 25(2)(b)(ii)* | | | |
| *Erjas b'uċuħ tar-raba' li jikbru malajr jew kopertura veġetali* | | | |
| *Erjas b'uċuħ tar-raba' li jiffissaw in-nitroġenu* | | | |

# ANNESS VII

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

***[għandu jitlesta fi stadju aktar tard mill-Ġuristi-Lingwisti]***

| Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 | Dan ir-Regolament | Ir-Regolament (UE) Nru […][HZR] |
|---|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 | - |
| - | Artikolu 2 | - |
| Artikolu 2 | Artikolu 4 | - |
| - | Artikolu 5(2) | - |
| Artikolu 3 | Artikolu 5 | - |
| Artikolu 4(1) | - | Artikolu 91 |
| Artikolu 4(2) | - | Artikolu 95 |
| Artikolu 5 | - | Artikolu 93 |
| Artikolu 6(1) | - | Artikolu 94 |
| Artikolu 6(2) | - | - |
| Artikolu 7 | - | - |
| Artikolu 8(1) u (2) | Artikolu 7(1) u (3) | - |
| - | Artikolu 7(2) | - |
| Artikolu 9 | - | - |
| Artikolu 10 | - | - |
| Artikolu 11(1) u (2) | - | Artikolu 25(1) u (2) |
| - | Artikolu 8 | - |
| Artikolu 12(1) u (2) | - | Artikolu 12 |
| Artikolu 12(3) | - | Artikolu 14 |
| Artikolu 12(4) | - | - |
| Artikolu 13 | - | Artikolu 13(2) |
| Artikolu 14 | - | Artikolu 68 |
| Artikolu 15 | - | Artikolu 69 |
| Artikolu 16 | - | Artikolu 70 |
| Artikolu 17 | - | Artikolu 71 |
| Artikolu 18 | - | Artikolu 72 |
| Artikolu 19 | - | Artikolu 73 |
| Artikolu 20 | - | Artikolu 75 |
| Artikolu 21 | - | Artikolu 75(4) |
| Artikolu 22 | - | Artikolu 96 |
| Artikolu 23 | - | Artikolu 97 |

| Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 | Dan ir-Regolament | Ir-Regolament (UE) Nru […][HZR] |
|---|---|---|
| Artikolu 24 | - | Artikolu 99 |
| Artikolu 25 | - | Artikolu 100 |
| Artikolu 26 | - | Artikolu 63 |
| Artikolu 27(1) | - | Artikolu 102(3) |
| Artikolu 27(2) | - | Artikolu 49 |
| Artikolu 27(3) | - | Artikolu 69(3) |
| - | Artikolu 9 | - |
| Artikolu 28(1) u (2) | Artikolu 10(1), (3) u (4) | - |
| - | Artikolu 10(2) | - |
| Artikolu 28(3) | Artikolu 23(1)(a)(ii) | - |
| - | Artikolu 23(1)(a)(i), (c) u (d) | - |
| - | Artikolu 11 | - |
| Artikolu 29 | - | Artikolu 76 |
| Artikolu 30 | - | Artikolu 62 |
| Artikolu 31 | - | Artikolu 2(2) |
| Artikolu 32 | Artikolu 15 | - |
| Artikolu 33(1) | Artikolu 18(1) | - |
| - | Artikolu 18(2) | - |
| Artikolu 34(1) u (2) | Artikolu 25(1) u (2) | - |
| Artikolu 35 | Artikolu 26 | - |
| Artikolu 36 | - | - |
| Artikolu 37 | Artikolu 12 | - |
| - | Artikolu 14 | - |
| Artikolu 38 | - | - |
| Artikolu 39(1) | Artikolu 25(3) | - |
| Artikolu 40(1) | Artikolu 6(1) | - |
| Artikolu 40(2) | Artikolu 19(3) | - |
| Artikolu 41(1) | Artikolu 23(1) | - |
| Artikolu 41(2) | Artikolu 23(3) u (4) | - |
| Artikolu 41(3) | Artikolu 23(5)(a) | - |
| Artikolu 41(5) | Artikolu 23(5)(b) | - |
| - | Artikolu 23(2), (6) u (7) | - |
| Artikolu 41(6) | Artikolu 22(4) | - |
| Artikolu 42 | Artikolu 24(1)(b) | - |
| Artikolu 43(1) u (2) | Artikolu 25(1) u (2) | - |
| Artikolu 43(3) | - | - |
| Artikolu 44 | - | - |
| Artikolu 45 | - | - |
| - | - | - |
| - | Artikolu 19(1) u (2) | - |
| Artikolu 46(1) sa (4) | Artikolu 20(1) sa (4) | - |

| Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 | Dan ir-Regolament | Ir-Regolament (UE) Nru […][HZR] |
|---|---|---|
| Artikolu 46(5) | - | - |
| - | Artikolu 21 | |
| Artikolu 47(1) | - | - |
| Artikolu 47(2) | Artikolu 22(1) applikazzjoni reġjonali | - |
| - | Artikolu 22(1) applikazzjoni nazzjonali | - |
| - | Artikolu 22(2),(3),(5),(6) u (7) | - |
| Artikolu 48 | - | - |
| Artikolu 49 | - | - |
| Artikolu 50 | - | - |
| Artikolu 51 | - | - |
| Artikolu 52 | - | - |
| Artikolu 53 | - | - |
| Artikolu 54 | - | - |
| Artikolu 55 | - | - |
| Artikolu 56 | - | - |
| Artikolu 57 | - | - |
| Artikolu 57a | Artikolu 17b | - |
| Artikolu 58 | - | - |
| Artikolu 59 | - | - |
| Artikolu 60 | - | - |
| Artikolu 61 | - | - |
| Artikolu 62 | - | - |
| Artikolu 63 | - | - |
| Artikolu 64 | - | - |
| Artikolu 65 | - | - |
| Artikolu 66 | - | - |
| Artikolu 67 | - | - |
| Artikolu 68 | - | - |
| Artikolu 69 | - | - |
| Artikolu 70 | - | - |
| Artikolu 71 | - | - |

| Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 | Dan ir-Regolament | Ir-Regolament (UE) Nru […][HZR] |
|---|---|---|
| Artikolu 72 | - | - |
| Artikolu 73 | - | - |
| Artikolu 74 | - | - |
| Artikolu 75 | - | - |
| Artikolu 76 | - | - |
| Artikolu 77 | - | - |
| Artikolu 78 | - | - |
| Artikolu 79 | - | - |
| Artikolu 80 | - | - |
| Artikolu 81 | - | - |
| Artikolu 82 | - | - |
| Artikolu 83 | - | - |
| Artikolu 84 | - | - |
| Artikolu 85 | - | - |
| Artikolu 86 | - | - |
| Artikolu 87 | - | - |
| Artikolu 88 | Artikolu 42 | - |
| Artikolu 89 | Artikolu 43 | - |
| Artikolu 90 | Artikolu 44 | - |
| Artikolu 91 | Artikolu 45 | - |
| Artikolu 92 | Artikolu 46 | - |
| Artikolu 93 | - | - |
| Artikolu 94 | - | - |
| Artikolu 95 | - | - |
| Artikolu 96 | - | - |
| Artikolu 97 | - | - |
| Artikolu 98 | - | - |
| Artikolu 99 | - | - |
| Artikolu 100 | - | - |
| Artikolu 101 | - | - |
| Artikolu 102 | - | - |
| Artikolu 103 | - | - |
| Artikolu 104 | - | - |
| Artikolu 105 | - | - |
| Artikolu 106 | - | - |
| Artikolu 107 | - | - |
| Artikolu 108 | - | - |
| Artikolu 109 | - | - |

| Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 | Dan ir-Regolament | Ir-Regolament (UE) Nru […][HZR] |
|---|---|---|
| Artikolu 110 | - | - |
| Artikolu 111 | - | - |
| Artikolu 112 | - | - |
| Artikolu 113 | - | - |
| Artikolu 114 | - | - |
| Artikolu 115 | - | - |
| Artikolu 116 | - | - |
| Artikolu 117 | - | - |
| Artikolu 118 | - | - |
| Artikolu 119 | - | - |
| Artikolu 120 | - | - |
| Artikolu 121 | Artikoli 16 u 16a | - |
| Artikolu 122 | - | - |
| Artikolu 123 | - | - |
| Artikolu 124 | - | - |
| Artikolu 124(6) | - | Artikolu 98 |
| Artikolu 125 | - | - |
| Artikolu 126 | - | - |
| Artikolu 127 | - | - |
| Artikolu 128 | - | - |
| Artikolu 129 | - | - |
| Artikolu 130 | - | - |
| Artikolu 131 | - | - |
| Artikolu 132 | Artikoli 17 u 17a | - |
| Artikolu 133 | - | - |
| - | Artikolu 28 | - |
| - | Artikolu 29 | - |
| - | Artikolu 20 | - |
| - | Artikolu 31 | - |
| - | Artikolu 32 | - |
| - | Artikolu 33 | - |
| - | Artikolu 34 | - |
| - | Artikolu 35 | - |
| - | Artikolu 36 | - |
| - | Artikolu 37 | - |
| - | Artikolu 47 | - |
| - | Artikolu 48 | - |
| - | Artikolu 49 | - |
| - | Artikolu 50 | - |
| - | Artikolu 51 | - |

| Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 | Dan ir-Regolament | Ir-Regolament (UE) Nru […][HZR] |
|---|---|---|
| Artikolu 134 | - | - |
| Artikolu 135 | - | - |
| Artikolu 136 | - | - |
| - | Artikolu 52 | - |
| Artikolu 137 | - | - |
| Artikolu 138 | Artikolu 3 | - |
| Artikolu 139 | Artikolu 13 | - |
| Artikolu 140 | Artikolu 53 | - |
| Artikolu 141 | Artikolu 56 | - |
| Artikolu 142 | Artikolu 55 | - |
| Artikolu 142(r) | Artikolu 54 | - |
| Artikolu 143 | - | - |
| Artikolu 144 | - | - |
| Artikolu 145 | - | - |
| Artikolu 146 | Artikolu 55 | - |
| Artikolu 146a | - | - |
| Artikolu 147 | Artikolu 56 | - |
| Artikolu 148 | - | - |
| Artikolu 149 | Artikolu 57 | - |

## ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar l-Artikolu 9(2) tal-Pagamenti Diretti**

L-Artikolu 9(2) tal-proposta għal regolament dwar il-pagamenti diretti ma tipprekludix il-possibilità għal bidwi li jikri bini jew partijiet minn bini lil partijiet terzi jew li jippossjedi stalla, sakemm dawn l-attivitajiet ma jikkostitwixxux l-attività prinċipali tal-bidwi.

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar appoġġ akkoppjat**

Għal prodotti agrikoli, partikolarment għal dawk mhux eliġibbli għal appoġġ akkoppjat skont l-Artikolu 38(1) tar-Regolament dwar il-Pagamenti Diretti, il-Kummissjoni għandha ssegwi mill-qrib l-iżvilupp tas-suq tagħhom u, fil-każ ta' kriżi serja tas-suq, tista' tiddeċiedi li tieħu kwalunkwe miżura xierqa disponibbli għaliha biex ittejjeb is-sitwazzjoni tas-suq.

25.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni
(COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Birgit Schnieber-Jastram

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Mill-perspettiva tal-politika dwar l-iżvilupp, wieħed jista' jissuġġerixxi Politika Agrikola Komuni (PAK) kompletament differenti minn dik ippreżentata fil-proposti ta' riforma mill-Kummissjoni. Riforma PAK aktar ambizzjuża, fejn ikun hemm impenn aktar insistenti għall-iffukar tal-pagamenti diretti u l-pagamenti akkoppjati jispiċċaw, ikollha impatt akbar fuq it-tneħħija tat-tgħawwiġ li fadal fuq is-swieq dinjija kkawżat mill-PAK.

Madankollu numru ta' inkoerenzi magħrufin sew ġew indirizzati tul ir-riformi PAK li għaddew, tendenza li tkompliet bil-proposti attwali tal-Kummissjoni. L-appoġġ għall-biedja ġie diżakkoppjat fil-maġġorparti tiegħu u r-rwoli tal-mekkaniżmi tal-intervent tas-suq u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni tnaqqsu b'mod sinifikanti.

Waħda mill-innovazzjonijiet ewlenin fil-proposta ta' riforma l-aktar reċenti hija l-komponent ta' titjib ekoloġiku obbligatorju tal-pagamenti diretti, permezz tal-appoġġ għall-miżuri ambjentali madwar l-UE, filwaqt li tingħata prijorità għall-miri tal-politika dwar il-klima u l-ambjent. Dan mhux se joħloq sitwazzjoni kompetittiva mal-bdiewa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Barra minn hekk, il-miżuri ambjentali obbligatorji se jikkontribwixxu sabiex it-tibdil fil-klima, li għandu riperkussjonijiet qawwija fuq ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, jinżamm taħt kontroll. Filwaqt li jista' jkun meħtieġ titjib fid-dettalji, ir-rapporteur tappoġġa bil-qawwi l-komponent ta' titjib ekoloġiku tal-proposta tal-Kummissjoni.

Minkejja x-xejriet pożittivi, għad hemm madankollu problemi reali li għandhom jiġu indirizzati mill-perspettiva tal-politika dwar l-iżvilupp. Il-PAK rriformata għad għandha effetti esterni li mhumiex ikkunsidrati biżżejjed fil-proposti tal-Kummissjoni. Għalhekk, ir-regolamenti PAK għandhom jiġu eżaminati b'attenzjoni, fid-dawl tal-obbligu tat-Trattat biex tkun żgurata l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) (l-Artikolu 208 TFUE).

Il-PAK m'għandhiex effetti li japplikaw għall-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, iżda f'każijiet konkreti deher li miżuri individwali tal-PAK jistgħu jwasslu għal żidiet f'daqqa fl-importazzjonijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jheddu l-għajxien tal-bdiewa lokali u jdgħajfu l-politiki tas-settur agrikolu adottati mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex itejbu s-sigurtà tal-ikel tagħhom fuq perjodu twil. Barra minn hekk, fid-dawl ta' fehim aktar wiesa' tal-PCD li jmur lil hinn mill-kunċett 'li ma ssirx ħsara', xi elementi tat-'tieni pilastru' jistgħu jgħinu fil-ħolqien ta' sinerġiji u fit-titjib tal-kooperazzjoni bejn il-bdiewa fl-Ewropa u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Ir-rapporteur għaldaqstant tipproponi emendi kif ġej:

- Il-PAK għandha titpoġġa fil-qafas usa' tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp tal-UE u l-impatti esterni tagħha għandhom ikunu mmonitorjati mill-qrib, bil-parteċipazzjoni tal-gvernijiet u l-partijiet interessati tal-pajjiżi sħab.

- Is-sussidji tal-esportazzjoni għandhom jitneħħew totalment. Sadattant, ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni m'għandhomx jingħataw jekk ikun hemm ir-riskju ta' konsegwenzi serji għall-produtturi lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ġeneralment miżuri ta' protezzjoni bħax-xiri ta' intervent, jistgħu jwasslu għal sostituzzjoni tal-kostijiet ta' aġġustament għall-produtturi mhux tal-UE.

- Il-politika u d-dipendenza tal-UE fuq importazzjonijiet ta' pjanti tal-proteini għandhom impatti ambjentali u soċjali negattivi fuq il-pajjiżi esportaturi li qed jiżviluppaw. Il-promozzjoni tat-tkabbir ta' legumi fl-Ewropa jista' jtaffi wkoll it-tibdil fil-klima u jista' jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-bijodiversità u l-fertilità tal-ħamrija.

- Kif diġà propost mill-Kumitat għall-Iżvilupp fl-2011, il-pagamenti diretti għandhom jiġu diżakkoppjati mill-produzzjoni sabiex jinħolqu kundizzjonijiet indaqs għall-prodotti agrikoli tal-UE u dawk tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għall-istimolu ta' kummerċ ġust u tkabbir sostenibbli.

Ir-rapporteur tagħraf li dawn il-bidliet waħedhom mhux se jkunu biżżejjed biex jindirizzaw l-isfida globali tas-sigurtà tal-ikel u t-tħassib tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-funzjonament tas-swieq agrikoli. Politiki oħrajn, b'mod partikolari l-politika għall-kummerċ tal-UE, iżda wkoll il-politika għall-enerġija jew il-politika għas-sigurtà tal-ikel, jaffetwaw b'mod kruċjali l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, iżda dawn l-isfidi ma jistgħux jiġu indirizzati fil-kuntest ta' din il-proposta għal riforma. Pereżempju l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika għandhom jippermettu u jħeġġu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw importaturi netti tal-ikel jibnu mill-ġdid u jsaħħu s-settur agrikolu tagħhom.

Il-politika għall-iżvilupp u d-djalogu politiku għandhom jintużaw b'mod immirat sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jibbenefikaw minn kummerċ agrikolu internazzjonali u japplikaw strumenti moderni għall-ġestjoni tas-suq bħalma tagħmel l-Unjoni. Problema f'dan il-kuntest hija l-konċentrazzjoni tas-setgħa tul ċerti punti tal-katini tal-ikel. Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, normalment il-produtturi l-kbar għandhom vantaġġ f'agrikoltura mmexxija mill-esportazzjoni.

L-isfida ewlenija għall-PCD hija meta l-interessi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk fl-

Ewropa jkunu konfliġġenti. L-allinjament ta' dawn l-interessi u l-faċilità fil-ħolqien ta' sitwazzjonijiet favorevoli għaż-żewġ naħat jirriflettu l-perspettiva fuq perjodu twil. Għaldaqstant, l-għan tal-proposti tar-rapporteur mhuwiex li jdgħajef il-miri leġittimi tal-PAK, iżda li jsiru aġġustamenti partikolari fejn jitqiesu li huma meħtieġa mill-perspettiva tal-politika għall-iżvilupp.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(1a) B'konformità mal-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-riforma għandha tiżgura li l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inklużi dawk approvati fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, jitqiesu mill-PAK. Miżuri meħuda skont dan ir-Regolament m'għandhomx jipperikolaw il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fuq perjodu twil tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk l-anqas żviluppati, u għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-impenji tal-Unjoni sabiex jittaffa t-tibdil fil-klima.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 208 TFUE, il-politiki kollha tal-UE li possibiliment jaffetwaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jikkunsidraw l-objettivi dwar l-iżvilupp. Objettivi ewlenin tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE huma li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp agrikolu tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li tittejjeb is-sigurtà globali tal-ikel. Il-politika agrikola tal-UE għandha effetti esterni, b'influwenza b'mod partikolari fuq il-kummerċ agrikolu. Il-prinċipju PCD jitlob li r-riperkussjonijiet potenzjali fuq is-swieq agrikoli lokali u l-produtturi lokali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu mmonitorjati u fejn possibbli, evitati.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Wieħed mill-objettivi tal-PAK il-ġdida huwa t-titjib ta' prestazzjoni ambjentali permezz ta' komponent ta' "titjib ekoloġiku" obbligatorju ta' pagamenti diretti li għandu jkun ta' appoġġ għal prattiki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent applikabbli mal-Unjoni kollha. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali flimkien mal-pagament bażiku, għal prattiki obbligatorji li għandhom ikunu segwiti mill-bdiewa li jindirizzaw, bħala prijorità, miri ta' politika kemm dwar il-klima kif ukoll l-ambjent. Dawk il-prattiki għandhom jieħdu l-għamla ta' azzjonijiet sempliċi, ġeneralizzati, mhux kuntrattwali u annwali li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità u għandhom rabta mal-agrikoltura bħad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-manutenzjoni ta' bwar permanenti u żoni ta' fokus ekoloġiku. In-natura obbligatorja ta' dawn il-prattiki għandha tinteressa wkoll lill-bdiewa li l-impriżi tagħhom ikunu għalkollox jew parzjalment f'żoni ta' "Natura 2000" koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, sakemm dawn il-prattiki jkunu kompatibbli mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi. Il-bdiewa li jħarsu b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni | (26) Wieħed mill-objettivi tal-PAK il-ġdida huwa t-titjib ta' prestazzjoni ambjentali permezz ta' komponent ta' "titjib ekoloġiku" obbligatorju ta' pagamenti diretti li għandu jkun ta' appoġġ għal prattiki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent applikabbli mal-Unjoni kollha. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali flimkien mal-pagament bażiku, għal prattiki obbligatorji li għandhom ikunu segwiti mill-bdiewa li jindirizzaw, bħala prijorità, miri ta' politika kemm dwar il-klima kif ukoll l-ambjent. Dawk il-prattiki għandhom jieħdu l-għamla ta' azzjonijiet sempliċi, ġeneralizzati, mhux kuntrattwali u annwali li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità u għandhom rabta mal-agrikoltura bħad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-manutenzjoni ta' bwar permanenti u żoni ta' fokus ekoloġiku ***u l-produzzjoni ta' wċuħ tar-raba' li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent, li jgħinu biex ibaxxu l-kostijiet tal-produzzjoni u li jistimulaw is-swieq lokali tal-għalf tal-annimali***. In-natura obbligatorja ta' dawn il-prattiki għandha tinteressa wkoll lill-bdiewa li l-impriżi tagħhom ikunu għalkollox jew parzjalment f'żoni ta' "Natura 2000" koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, sakemm dawn il-prattiki jkunu kompatibbli mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi. Il- |

| | |
|---|---|
| organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 għandhom jibbenefikaw mill-komponent ta' "titjib ekoloġiku" mingħajr ma jħarsu kull obbligu ieħor, meta jitqiesu l-benefiċċji ambjentali rikonoxxuti tas-sistemi ta' biedja organika. In-nuqqas ta' ħarsien tal-komponent ta'"titjib ekoloġiku" għandu jwassal għal penalitajiet abbażi tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR]. | bdiewa li jħarsu b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 għandhom jibbenefikaw mill-komponent ta' "titjib ekoloġiku" mingħajr ma jħarsu kull obbligu ieħor, meta jitqiesu l-benefiċċji ambjentali rikonoxxuti tas-sistemi ta' biedja organika. In-nuqqas ta' ħarsien tal-komponent ta'"titjib ekoloġiku" għandu jwassal għal penalitajiet abbażi tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR]. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti għal appoġġ akkoppjat f'ċerti setturi f'każijiet definiti b'mod ċar. Ir-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati għal livell xieraq, waqt li appoġġ bħal dan jitħalla jingħata fl-Istati Membri jew fir-reġjuni speċifiċi tagħhom li jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet partikolari, fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi, ambjentali u/jew soċjali. L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 5 % mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal dan l-appoġġ, jew 10 % fil-każ li l-livell tagħhom ta' appoġġ akkoppjat f'sena waħda mis-snin tal-perjodu mill-2010 sal-2013 ikun aktar minn 5 %. Madankollu, f'każijiet ġustifikati kif imiss fejn jintwerew ċerti ħtiġijiet sensittivi f'reġjun, u wara approvazzjoni mill-Kummissjoni, l- | (33) L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw***, sal-aħħar tal-2016,*** parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti għal appoġġ akkoppjat f'ċerti setturi f'każijiet definiti b'mod ċar. Ir-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati għal livell xieraq, waqt li appoġġ bħal dan jitħalla jingħata fl-Istati Membri jew fir-reġjuni speċifiċi tagħhom li jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet partikolari, fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi, ambjentali u/jew soċjali. L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 5 % mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal dan l-appoġġ, jew 10 % fil-każ li l-livell tagħhom ta' appoġġ akkoppjat f'sena waħda mis-snin tal-perjodu mill-2010 sal-2013 ikun aktar minn 5 %. Madankollu, f'każijiet ġustifikati kif imiss fejn jintwerew ċerti ħtiġijiet sensittivi f'reġjun, u wara approvazzjoni mill-Kummissjoni, l- |

| | |
|---|---|
| Istati Membri għandhom jitħallew jużaw aktar minn 10 % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom. L-appoġġ akkoppjat għandu jingħata biss sakemm ikun meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali ta' produzzjoni f'dawk ir-reġjuni. Dan l-appoġġ għandu wkoll ikun disponibbli għall-bdiewa li jkollhom, fil-31 ta' Diċembru 2013, drittijiet speċjali għall-pagamenti allokati skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-Regolament (KE) Nru 73/2009 u li ma jkollhomx ettari eliġibbli għall-attivazzjoni ta' drittijiet għall-pagament. Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-appoġġ akkoppjat volontarju li jkun aktar minn 10 % tal-limitu massimu nazzjonali ffissat għal kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa biex tadotta atti ta' implimentazzjoni mingħajr ma tapplika r-Regolament (UE) Nru 182/2011. | Istati Membri għandhom jitħallew jużaw aktar minn 10 % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom. L-appoġġ akkoppjat għandu jingħata biss sakemm ikun meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali ta' produzzjoni f'dawk ir-reġjuni. Dan l-appoġġ għandu wkoll ikun disponibbli għall-bdiewa li jkollhom, fil-31 ta' Diċembru 2013, drittijiet speċjali għall-pagamenti allokati skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-Regolament (KE) Nru 73/2009 u li ma jkollhomx ettari eliġibbli għall-attivazzjoni ta' drittijiet għall-pagament. Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-appoġġ akkoppjat volontarju li jkun aktar minn 10 % tal-limitu massimu nazzjonali ffissat għal kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa biex tadotta atti ta' implimentazzjoni mingħajr ma tapplika r-Regolament (UE) Nru 182/2011. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Koerenza tal-politiki għall-iżvilupp*** |
| | ***Bi qbil mal-Artikolu 208 tat-TFUE, l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, inklużi dawk approvati fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, għandhom jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Miżuri meħuda skont dan ir-Regolament m'għandhomx jipperikolaw il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fuq perjodu twil tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk l-anqas żviluppati, u għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-impenji tal-Unjoni sabiex jittaffa t-tibdil fil-klima.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 208 TFUE, il-politiki kollha tal-UE li possibiliment jaffetwaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jikkunsidraw l-objettivi dwar l-iżvilupp. Objettivi ewlenin tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE huma li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp agrikolu tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li tittejjeb is-sigurtà globali tal-ikel. Il-politika agrikola tal-UE għandha effetti esterni, b'influwenza b'mod partikolari fuq il-kummerċ agrikolu. Il-prinċipju PCD jitlob li r-riperkussjonijiet potenzjali fuq is-swieq agrikoli lokali u l-produtturi lokali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu mmonitorjati u fejn possibbli, evitati.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-bdiewa għandhom jiżguraw li tal-anqas 7 % tal-ettari eleġibbli tagħhom kif definiti fl-Artikolu 25(2), esklużi żoni ta' bwar permanenti, huma erjas b'fokus ekoloġiku *bħala* art li titħalla mistrieħa, terrazzi, iż-żamma ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ, strixex ta' lqugħ u żoni afforestati kif imsemmi fl-Artikolu 25(2)(b)(ii). | Il-bdiewa għandhom jiżguraw li tal-anqas 7 % tal-ettari eleġibbli tagħhom kif definiti fl-Artikolu 25(2), esklużi żoni ta' bwar permanenti, huma erjas b'fokus ekoloġiku *bħal* art li titħalla mistrieħa, terrazzi, iż-żamma ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ, strixex ta' lqugħ***, art miżrugħa b'għelejjel li jiffissaw in-nitroġenu*** u żoni afforestati kif imsemmi fl-Artikolu 25(2)(b)(ii). |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, l-Artikoli 14, 20(5), 22(6), 35(1), 37(1) u 39 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | Madankollu, l-Artikoli 14, 20(5), 22(6), 35(1), 37(1) u 39 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. |
| | ***L-Artikoli 38 sa 41 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2016.*** |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-PAK |
| **Referenzi** | COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>25.10.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>25.10.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Birgit Schnieber-Jastram<br>7.11.2011 |
| **Eżami fil-kumitat** | 24.4.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 25<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Thijs Berman, Michael Cashman, Véronique De Keyser, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Filip Kaczmarek, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Jean Roatta, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Keith Taylor, Eleni Theocharous, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Gesine Meissner, Csaba Őry, Judith Sargentini, Patrizia Toia |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ioan Enciu, Gabriele Zimmer |

16.10.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni
(COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Giovanni La Via

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-pagamenti diretti lill-bdiewa huma parti vitali mill-PAK u jikkostitwixxu prijorità kbira fir-riforma attwali. Ir-riforma tistabbilixxi bilanċ bejn l-appoġġ għad-dħul u sfidi pubbliċi ġodda, billi tintegra r-rekwiżiti ambjentali permezz ta' komponent agrikolu qawwi jiġu integrati fl-ewwel pilastru. Bil-ksib ta' benefiċċji ambjentali u klimatiċi tingħata ġustifikazzjoni oħra għall-appoġġ lid-dħul tal-bdiewa, għax ir-riforma tfittex li tiżgura li l-bdiewa kollha se jindirizzaw dawn il-kwestjonijiet. Minbarra dan, se jiġu rispettati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Peress li l-PAK saret aktar kumplessa matul is-snin, jeħtieġ li t-titjib fir-regolamenti u t-tnaqqis sinifikanti fil-burokrazija għall-bdiewa jkunu komponent importanti tal-PAK futura. Kwalunkwe piż amministrattiv mhux ġustifikat u eċċessiv u kwalunkwe spiża għall-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu evitati, speċjalment fid-dawl tal-konsolidazzjoni fiskali mill-Istati Membri u tal-iskarsezza tar-riżorsi. Jeħtieġ li jkun hemm infiq immirat sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni ġusta tal-fondi tal-Unjoni għall-provvista ta' prodotti pubbliċi kruċjali permezz ta' PAK multifunzjonali.

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tistabbilixxi għażliet politiċi wesgħin biex tirrispondi għall-isfidi futuri tal-agrikoltura u ż-żoni rurali u tissodisfa l-objettivi li ġew stipulati għall-PAK, jiġifieri l-produzzjoni vijabbli tal-ikel, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.

Fil-qosor, il-Kummissjoni tipproponi li tletin fil-mija tal-pagamenti diretti issa se jiġu marbuta ma' rekwiżiti agrikoli, filwaqt li tfittex li tiżgura li l-azjendi agrikoli kollha jipprovdu benefiċċji ambjentali u klimatiċi. Minbarra dan, ġie propost appoġġ speċjali għall-bdiewa ż-żgħar li jissemplifika l-appoġġ mogħti lihom, bħala appoġġ addizzjonali għall-bdiewa żgħażagħ li jinkoraġġihom jibqgħu f'din l-industrija jew jidħlu għaliha. Ġiet proposta wkoll skema mhux obbligatorja ta' pagament għal żoni żvantaġġati li tirrikonoxxi l-importanza ta' dawn iż-żoni. Biex twieġeb talbiet għal aktar ekwità, il-Kummissjoni pproponiet limitu massimu ta' azjendi agrikoli li jirċievu ammonti kbar ta' pagamenti diretti u pproponiet ukoll li tnaqqas id-differenzi fil-pagamenti diretti li jirċievu azjendi agrikoli bejn l-Istati Membri. B'rabta mal-kundizzjonalità, il-Kummissjoni qed tintroduċi ċerti modifiki fir-rekwiżiti tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) u fir-rekwiżiti statutorji ta' tmexxija (SMR).

Huwa ta' importanza kbira li tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti ta' interess pubbliku marbuta mal-għoti tal-pagamenti.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-ammonti finanzjarji globali stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għall-PAK fil-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss. Jekk isiru bidliet fundamentali f'din il-proposta, dawn għandhom jirriżultaw fir-reviżjoni tal-kontenut ta' din l-opinjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Huwa meħtieġ li l-ammonti allokati għall-PAK fis-sena baġitarja 2013 għandhom tal-anqas jinżammu matul il-perjodu tal-ipprogrammar finanzjarju li jmiss. Riżorsi finanzjarji adegwati huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-isfidi tas-sigurtà alimentari, il-protezzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima u l-bilanċ territorjali f'UE ikbar, kif ukoll sabiex ikun permess li l-PAK tikkontribwixxi għas-suċċess tal-Istrateġija UE 2020;*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***Limitu tal-Intestatura 2*** |
| | ***L-ammonti allokati għall-PAK fis-sena baġitarja 2013 għandhom tal-anqas jinżammu matul il-perjodu tal-ipprogrammar finanzjarju li jmiss. Riżorsi finanzjarji adegwati huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-isfidi tas-sigurtà alimentari, il-protezzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima u l-bilanċ territorjali f'UE ikbar, kif ukoll sabiex ikun permess li l-PAK tikkontribwixxi għas-suċċess tal-Istrateġija UE 2020.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-ammont annwali tal-pagamenti diretti huwa inqas minn 5 % tal-irċevuti totali li nkisbu minn attivitajiet mhux agrikoli fis-sena fiskali l-aktar riċenti; or*** | ***imħassar*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-bdiewa li jkunu rċevew anqas minn EUR 5 000 f'pagamenti diretti għas-sena ta' qabel.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli appoġġ addizzjonali għal miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [RŻR], ***sa 10 %*** tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2019 kif stipulat fl-Anness II għal dan ir-Regolament. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-għoti tal-pagamenti diretti. | 1. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli appoġġ addizzjonali għal miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [RŻR], ***sa 25 %*** tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2019 kif stipulat fl-Anness II għal dan ir-Regolament. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-għoti tal-pagamenti diretti. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti skont dan ir-Regolament, sa 5 % tal-ammont allokat bħala appoġġ għall-miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR għall-perjodu 2015-2020 kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [RDR]. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-miżuri ta' appoġġ skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali. | 2. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti skont dan ir-Regolament, sa 5 % tal-ammont allokkat bħala appoġġ għall-miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR għall-perjodu 2015-2020 kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [RDR] ***skont id-dispożizzjoni li tal-anqas minimu ta' 20 % jibqa' disponibbli skont il-FAEŻR***. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-miżuri ta' appoġġ skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-pagament imsemmi f'dan *Kapitolu* ***f'livell nazzjonali jew, meta japplikaw l-Artikolu 20, f'livell reġjonali***. ***F'każ ta' applikazzjoni f'livell reġjonali, l-Istati Membri għandhom jużaw f'kull reġjun parti mil-limitu massimu skont il-paragrafu 3. Għal kull reġjun, din il-parti għandha tkun ikkalkulata billi l-limitu massimu reġjonali rispettiv ikun diviż kif stabbilit skont l-Artikolu 20(2) bil-limitu massimu determinat skont l-Artikolu 19(1)***. | 2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-pagament imsemmi f'dan *il-Kapitolu* ***għal kull dritt ta' ħlas***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Kull ammont nazzjonali mhux użat skont dan il-Kapitolu għandu jintuża biex jiffinanzja miżuri taħt ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, għal miżuri agroambjentali.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Kull fondi derivati minn tnaqqis tal-pagament bażiku jew minn pagamenti ta' penali skont dan il-Kapitolu u l-Artikoli 30, 31 u 32 abbażi ta' nuqqas ta' konformità għandhom jibqgħu fl-Istati Membri u fir-reġjuni li minnhom jidderivaw.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 3 c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Kwalunkwe ammont li jiġi minn tnaqqis jew penali imposti għal nuqqas ta' konformità skont dan l-Artikolu u l-Artikoli 30, 31 u 32 għandu jibqa' fl-Istat Membru u fir-reġjun fejn oriġina.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 -paragrafu 3 d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3d. Approprjazzjonijiet mhux użati fil-limitu massimu nazzjonali tal-Istati Membri allokati għall-iffinanzjar tal-pagamenti msemmija f'dan il-Kapitolu għandhom jibqgħu fl-Istati Membri u jistgħu jintużaw għal miżuri agroambjentali u klimatiċi skont ir-Regolament (UE) Nru.../20xx (FAEŻR).*** |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-PAK |
| **Referenzi** | COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>25.10.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>25.10.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Giovanni La Via<br>6.2.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 25<br>–: 2<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marta Andreasen, Richard Ashworth, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Juan Andrés Naranjo Escobar, Dominique Riquet, Potito Salatto, Helga Trüpel, Angelika Werthmann |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Da Graça Carvalho, Georgios Papastamkos, Nils Torvalds, Catherine Trautmann |

10.10.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni
(COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Monika Hohlmeier

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fir-rigward tal-aspett tal-Kontroll tal-Baġit relatat mal-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-PAK, il-prijorità tar-Rapporteur tal-Kumitat CONT hija t-trasparenza, is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, filwaqt li jinżammu l-għanijiet politiċi tas-sigurtà alimentari, is-sostenibbiltà ambjentali u l-koeżjoni territorjali.

Il-ħtieġa ta' simplifikazzjoni ġiet spjegata fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Mejju 2010 dwar is-simplifikazzjoni tal-PAK (2009/2155(INI)), li tinkludi t-talbiet u s-suġġerimenti li ġejjin imressqa lill-Kummissjoni:

- meta tintroduċi regolament ġdid fl-istess waqt tagħmel ħilitha biex tneħħi l-piżijiet bla bżonn,
- hija neċessarja simplifikazzjoni ulterjuri tal-PAK sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tagħha għall-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-benefiċjarji,
- il-miżuri tal-PAK għandhom ikunu proporzjonati għall-objettiv u li t-triq leġiżlattiva għandha tintgħażel biss meta din tkun ġenwinament ġustifikabbli,
- l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla, fil-pjanijiet ta' żvilupp rurali, li jintroduċu skemi tal-ħbula tar-raba' b'rata fissa, b'mod partikulari għal azjendi agrikoli żgħar,
- sabiex jiġu ssimplifikati r-regoli għall-iskema ta' pagament uniku, l-għoti tal-istess informazzjoni ddettaljata fuq bażi annwali għandu jitneħħa,
- is-sistema futura għandha tqis il-prinċipji tas-simplifikazzjoni u li s-simplifikazzjoni, it-trasparenza, u t-trattament ġust huma l-prijoritajiet fundamentali għar-riforma tal-PAK.

It-tħassib tar-Rapporteur tal-Kumitat CONT huwa li l-proposta attwali, jekk tiġi eżaminata fil-kuntest tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni (SEC(2011)1153 finali), tinkludi diversi dispożizzjonijiet li jistgħu jikkompromettu l-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjoni dwar it-titjib ekoloġiku, il-bdiewa attivi, l-iskemi obbligatorji tal-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ż-żgħar, eċċ.

Biex tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha u l-emendi proposti, ir-Rapporteur tixtieq tiġbed l-attenzjoni għal diversi elementi importanti li jinsabu fl-Anness 8 għall-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, "Simplifikazzjoni tal-PAK".

B'mod partikolari, il-punt 2.4.2. "Ir-riżultati tal-konsultazzjoni bejn il-partijiet interessati għall-valutazzjoni tal-impatt", isemmu li "*Ħafna sabu li huwa importanti li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Ħafna argumentaw li t-titjib ekoloġiku b'mod partikolari jżid il-piż amministrattiv [..]*"

Barra minn hekk, il-punt 2.4.3." Ir-riżultati tal-grupp konsultattiv ta' simplifikazzjoni ad hoc" jinkludu dawn li ġejjin: *"Kien hemm messaġġ ċar mill-parteċipanti li ħadu sehem fil-Konferenza li wħud mill-elementi l-ġodda li qed jiġu diskussi (b'mod partikolari, definizzjoni ta' bidwi attiv, skema ta' appoġġ speċjali għal bdiewa żgħar u t-titjib ekoloġiku) ma jirrappreżentawx simplifikazzjoni bħala tali, iżda pjuttost iwasslu għal żieda fil-piżijiet amministrattivi u ta' kontroll kif ukoll fir-riskju ta' żbalji fit-tranżazzjonijiet".* F'dan il-kuntest il-partijiet interessati ssuġġerew li *"l-elementi ġodda għandhom ikunu kemm jista' jkun sempliċi mingħajr ħafna kundizzjonijiet ikkumplikati u li l-awtoritajiet tal-Istati Membri*

*għandhom ikunu jistgħu jimmaniġġjawhom u jikkontrollawhom b'mod kemm jista' jkun awtomatiku u bl-għodod diġà eżistenti [..]"* u *"[..] l-elementi l-ġodda previsti se jkun jistgħu jiġu mmaniġġjati u kkontrollati biss jekk l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jadattaw ruħhom għas-sitwazzjonijiet nazzjonali u reġjonali ferm differenti [..]".*

Ir-Rapporteur tal-Kumitat CONT hija mħassba wkoll dwar l-osservazzjoni fil-punt 4.2.3. "*Ir-riżultati tal-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż amministrattivi tal-bidliet fl-obbligi legali għall-pagamenti diretti ta' wara l-2013", b'mod partikolari, fejn tiddikjara li r-riżultati [..] juru li l-ispiża amministrattiva ġenerali tas-sistema ta' pagamenti diretti tkun tirrappreżenta bejn wieħed u ieħor żieda ta' 15 % fl-ispiża amministrattiva*".

Fl-aħħar nett, il-punt 4.3. "Il-valutazzjoni għal kull xenarju wiesa' ta' politika" tgħid li "*Iż-żieda mistennija fil-piż amministrattiv għal xi kunċetti ewlenin ġodda li jippermettu li l-pagamenti tal-ewwel pilastru (it-titjib ekoloġiku u l-bdiewa attivi) jiġu mmirati b'mod aħjar, x'aktarx li jiġu parzjalment ibbilanċjati mis-simplifikazzjoni miksuba bl-iskema tal-bdiewa ż-żgħar u d-distribuzzjoni l-ġdida ta' pagamenti diretti permezz ta' rata fissa għal kull ettaru fil-livell nazzjonali jew reġjonali.*" Madankollu, ir-Rapporteur hija tal-fehma li l-Kummissjoni tipprova tikkumpensa l-elementi kkumplikati bħat-titjib ekoloġiku u l-bdiewa attivi fil-forom proposti tagħhom permezz ta' simplifikazzjoni żejda fir-rigward tal-iskema tal-bdiewa ż-żgħar, li hija proposta bħala obbligatorja għall-Istati Membri u eżentata mid-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonalità. Għaldaqstant, ir-Rapporteur tfittex li toħloq bilanċ differenti permezz ta' skema volontarja għall-bdiewa ż-żgħar u dispożizzjonijiet anqas impenjattivi fir-rigward tat-titjib ekoloġiku u l-bdiewa attivi.

Biex tissostanzja l-punt tagħha, ir-Rapporteur tirreferi għas-Subanness tal-Anness 8, "ir-riżultati tal-konferenza ta' simplifikazzjoni", fejn fuq is-suġġetti tal-bdiewa attivi u l-eliġibbiltà tal-art, l-eżitu tal-konferenza kien li *"[..] jidher ċar li l-ebda wieħed mill-kriterji ssuġġeriti bħala approċċ possibbli għad-definizzjoni ta' bidwi attiv ma jservi bħala indikatur komuni fil-livell tal-UE minħabba n-natura unika tal-istrutturi u s-sitwazzjonijiet li jeżistu fuq il-livell nazzjonali.*"

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Wieħed mill-objettivi u r-rekwiżiti ewlenin tar-riforma tal-PAK huwa li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jitnaqqas il-piż amministrattiv. Dan l-għan għandu jitqies sew meta jitfasslu d-dispożizzjonijiet rilevanti għall-iskema ta' appoġġ dirett. In-numru ta' skemi ta' appoġġ ma għandux jaqbeż il-limitu meħtieġ, filwaqt li l-bdiewa u l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-obbligi rispettivi mingħajr burokrazija żejda. Il-piż amministrattiv futur tal-Istati Membri u tal-benefiċjarji għandu jitnaqqas minn livelli ta' tolleranza orjentati lejn il-prattika, limiti de minimis u bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll.*** |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Għandu jkun iċċarat li r-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni [ir-Regolament PAK orizzontali: HZR – horizontal CAP Regulation] u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan għandhom ikunu applikati b'rabta mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. F'ġieħ il-konsistenza ma' strumenti legali oħra relatati mal-PAK, xi regoli li jissemmew bħalissa fir-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma issa stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru […][HZR], partikolarment regoli li jiggarantixxu l-konformità mal-obbligi stabbiliti b'dispożizzjonijiet dwar il-pagamenti diretti, inklużi l-kontrolli u l-applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi u ta' penalitajiet amministrattivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità, regoli relatati mal-kundizzjonalità bħar-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni, il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' miżuri u regoli rilevanti relatati mal-irkupru ta' pagamenti mhux | (3) Għandu jkun iċċarat li r-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni [ir-Regolament PAK orizzontali: HZR – horizontal CAP Regulation] u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan għandhom ikunu applikati b'rabta mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. F'ġieħ il-konsistenza ma' strumenti legali oħra relatati mal-PAK, xi regoli li jissemmew bħalissa fir-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma issa stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru […][HZR], partikolarment regoli li jiggarantixxu l-konformità mal-obbligi stabbiliti b'dispożizzjonijiet dwar il-pagamenti diretti, inklużi l-kontrolli u l-applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi u ta' penalitajiet amministrattivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità, regoli relatati mal-kundizzjonalità bħar-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni, il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' miżuri u regoli rilevanti relatati mal-irkupru ta' pagamenti mhux |

dovuti.

dovuti. ***Il-kompiti tal-korp ta' ċertifikazzjoni u l-obbligu li tingħata opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti ta' ġestjoni finanzjarja tajba, ma għandhomx iwasslu għal żieda ulterjuri fil-piż amministrattiv tal-Istati Membri.***

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati jew emendati, is-setgħa biex l-atti delegati jiġi adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Waqt it-tħejjija u t-tfassil ta' atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. | (4) Sabiex ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati jew emendati, is-setgħa biex l-atti delegati jiġi adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. ***Hija biss s-setgħa li jiġu adottati atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jiġu ssumplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv li hija delegata. L-objettivi, il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul tad-delega ta' setgħa għandhom jiġu ddefiniti espressament fl-att leġiżlattiv u l-elementi essenzjali ta' qasam għandhom jiġu riżervati għall-att leġiżlattiv u għaldaqstant ma għandhomx ikunu suġġetti ta' delega ta' setgħa. Għalhekk, kull aspett legali importanti għandu jiġi ddefinit fl-att bażiku. Il-Kummissjoni tiżgura li l-piż amministrattiv marbut mal-atti delegati ma jaqbiżx il-limitu strettament meħtieġ. Barra minn hekk, għandha tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali.*** Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ***tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi u*** twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Waqt it-tħejjija u t-tfassil ta' atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament |

Ewropew u l-Kunsill.

**Emenda 4**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Biex titqies leġiżlazzjoni ġdida dwar skemi ta' appoġġ li jistgħu jkunu adottati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-setgħa biex l-atti delegati jiġi adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-emendar tal-lista ta' skemi ta' appoġġ ***koperta b'dan*** ir-Regolament. | (8) Biex titqies leġiżlazzjoni ġdida dwar skemi ta' appoġġ li jistgħu jkunu adottati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-setgħa biex l-atti delegati jiġu adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-emendar tal-lista ta' skemi ta' appoġġ ***stipulata fl-Anness I ta' dan*** ir-Regolament. |

**Emenda 5**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-esperjenza mill-applikazzjoni tad-diversi skemi ta' appoġġ għall-bdiewa *uriet* li, f'għadd ta' każijiet, l-appoġġ ingħata lill-benefiċjari li l-fini tan-negozju tagħhom ma kinitx immirata lejn l-attività agrikola, jew kienet immirata b'mod marġinali biss, bħall-ajruporti, il-kumpaniji ferrovjarji, il-kumpaniji ta' proprjetà immobbli u l-kumpaniji ta' ġestjoni tal-grawnds tal-isports. Biex jiżguraw l-immirar aħjar tal-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jevitaw li jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn. Il-bdiewa part-time żgħar jikkontribwixxu direttament għall-vitalità taż-żoni rurali, u għalhekk ma għandhomx *jiċċaħdu* milli jingħataw pagamenti diretti. | (13) L-esperjenza mill-applikazzjoni tad-diversi skemi ta' appoġġ għall-bdiewa *wriet* li, f'għadd ta' każijiet, l-appoġġ ingħata lill-benefiċjari li l-fini tan-negozju tagħhom ma kinitx immirata lejn l-attività agrikola, jew kienet immirata b'mod marġinali biss, bħall-ajruporti, il-kumpaniji ferrovjarji, il-kumpaniji ta' proprjetà immobbli u l-kumpaniji ta' ġestjoni tal-grawnds tal-isports. Biex jiżguraw l-immirar aħjar tal-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jevitaw li jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn. ***Madankollu, dawn ir-regoli għandhom iżommu l-kosteffettività u jevitaw piż amministrattiv żejjed għall-Istati Membri u l-benefiċjarji.*** Il-bdiewa part-time żgħar jikkontribwixxu direttament għall-vitalità taż-żoni rurali, u għalhekk ma għandhomx *jiċċaħħdu* milli jingħataw pagamenti diretti. |

**Emenda 6**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (26) Wieħed mill-objettivi tal-PAK il-ġdida huwa t-titjib ta' prestazzjoni ambjentali permezz ta' komponent ta' "titjib ekoloġiku" obbligatorju ta' pagamenti diretti li għandu jkun ta' appoġġ għal prattiki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent applikabbli mal-Unjoni kollha. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali flimkien mal-pagament bażiku, għal prattiki obbligatorji li għandhom ikunu segwiti mill-bdiewa li jindirizzaw, bħala prijorità, miri ta' politika kemm dwar il-klima kif ukoll l-ambjent. Dawk il-prattiki għandhom jieħdu l-għamla ta' azzjonijiet sempliċi, ġeneralizzati, mhux kuntrattwali u annwali li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità u għandhom rabta mal-agrikoltura bħad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-manutenzjoni ta' bwar permanenti u żoni ta' fokus ekoloġiku. ***In-natura obbligatorja ta' dawn*** il-prattiki ***għandha tinteressa wkoll*** lill-bdiewa li l-impriżi tagħhom ikunu għalkollox jew parzjalment f'żoni ta' "Natura 2000" koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, sakemm dawn il-prattiki jkunu kompatibbli mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi. Il-bdiewa li jħarsu b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat- | (26) Wieħed mill-objettivi tal-PAK il-ġdida huwa t-titjib ta' prestazzjoni ambjentali permezz ta' komponent ta' "titjib ekoloġiku" obbligatorju ta' pagamenti diretti li għandu jkun ta' appoġġ għal prattiki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent applikabbli mal-Unjoni kollha. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali flimkien mal-pagament bażiku, għal prattiki obbligatorji li għandhom ikunu segwiti mill-bdiewa li jindirizzaw, bħala prijorità, miri ta' politika kemm dwar il-klima kif ukoll l-ambjent. Dawk il-prattiki għandhom jieħdu l-għamla ta' azzjonijiet sempliċi, ġeneralizzati, mhux kuntrattwali u annwali li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità u għandhom rabta mal-agrikoltura bħad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-manutenzjoni ta' bwar permanenti u żoni ta' fokus ekoloġiku***, filwaqt li jqisu b'mod xieraq l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali***. ***Għal raġunijiet ta' trasparenza u effiċjenza, għandhom jiġu evitati l-ostakli prattiċi għall-bdiewa u l-kumplessità amministrattiva għall-awtoritajiet; sabiex kemm jista' jkun il-proċeduri amministrattivi assoċjati ma' dawn il-miżuri jiġu ssimplifikati, il-kontrolli agrikoli kollha għandhom jiġu applikati simultanjament. Dawk*** il-prattiki ***għandhom jinteressaw ukoll*** lill-bdiewa li l-impriżi tagħhom ikunu għalkollox jew parzjalment f'żoni ta' "Natura 2000" koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali |

| | |
|---|---|
| 28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda ***r-Regolament (KEE) Nru 2092/91*** għandhom jibbenefikaw mill-komponent ta' "titjib ekoloġiku" mingħajr ma jħarsu kull obbligu ieħor, meta jitqiesu l-benefiċċji ambjentali rikonoxxuti tas-sistemi ta' biedja organika. ***In-nuqqas ta' ħarsien*** tal-komponent ta'"titjib ekoloġiku" ***għandu jwassal għal penalitajiet abbażi tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR]***. | u tal-fawna u l-flora selvaġġa u bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, sakemm dawn il-prattiki jkunu kompatibbli mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi. Il-bdiewa li jħarsu b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda ***r-Regolament (KEE) Nru 2092/9121*** għandhom jibbenefikaw mill-komponent ta' "titjib ekoloġiku" mingħajr ma jħarsu kull obbligu ieħor, meta jitqiesu l-benefiċċji ambjentali rikonoxxuti tas-sistemi ta' biedja organika. ***Iż-żoni li huma kkultivati bl-għelejjel li mhumiex suġġetti għal xi fertilizzazzjoni tan-nitroġenu jew iż-żoni fejn tħawlu għelejjel tal-enerġija perenni, għandhom jitqiesu bħala żoni ta' fokus ekoloġiku. L-istess japplika għaż-żoni li jinħadmu skont "Natura 2000" jew suġġetti għar-rekwiżiti tal-biedja skont il-qafas dwar l-ilma jew fejn aktar minn 75 % taż-żona agrikola hija suġġetta għal obbligi fir-rigward tal-miżuri agroambjentali.***<br><br>***Is-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti minħabba nuqqas ta' rispett*** tal-komponent ta' "titjib ekoloġiku"***, ma għandhomx imorru lil hinn mill-"komponent ta' titjib ekoloġiku". Kull tnaqqis jew penali imposti minħabba nuqqas ta' rispett tal-komponenti ta' titjib ekoloġiku għandhom jibqgħu fl-Istati Membri u r-reġjuni minn fejn oriġinaw, jekk ir-rata ta' żbalji tal-Istat Membru fil-qasam tal-politika agrikola ma tkunx qabżet it-2 %.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-eċċezzjonijiet proposti jnaqqsu konsiderevolment il-piż amministrattiv filwaqt li jqisu b'mod xieraq l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali.*

**Emenda 7**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Biex issir promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura f'żoni b'restrizzjonijiet naturali speċifiċi, l-Istati Membri għandhom ikun jistgħu jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għall-pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali abbażi tal-erja flimkien mal-pagament bażiku, lill-bdiewa kollha li joperaw f'żoni bħal dawn. Dak il-pagament ma għandux jissostitwixxi l-appoġġ mogħti taħt programmi ta' żvilupp rurali u ma għandux jingħata lil bdiewa f'żoni li ġew allokati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) iżda li ma ġewx magħżula skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali minn-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [RDR]. | (30) Biex issir promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura f'żoni b'restrizzjonijiet naturali speċifiċi, l-Istati Membri għandhom ikun jistgħu jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għall-pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali abbażi tal-erja flimkien mal-pagament bażiku, lill-bdiewa kollha li joperaw f'żoni bħal dawn. Dak il-pagament ma għandux jissostitwixxi l-appoġġ mogħti taħt programmi ta' żvilupp rurali u ma għandux jingħata lil bdiewa f'żoni li ġew allokati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) iżda li ma ġewx magħżula skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali minn-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [RDR]. ***Il-kriterji użati biex jiġu ddefiniti ż-żoni b'restrizzjonijiet naturali speċifiċi ma għandhomx iżidu l-livell attwali ta' burokrazija, għandhom jibnu fuq sistemi eżistenti li jissodisfaw l-objettivi u għandhom iwasslu għal sistema komparabbli fl-UE.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-objettivi tal-pagamenti diretti huma:*** |
| | ***- produzzjoni tal-ikel vijabbli billi jkun*** |

| | |
|---|---|
| | ***hemm kontribut għad-dħul tal-azjendi agrikoli u billi tkun limitata l-varjabbiltà ta' dan id-dħul*** |
| | ***- ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjoni klimatika billi jiġu provduti beni pubbliċi ambjentali u bil-għan ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' azzjonijiet ta' adattament*** |
| | ***- żvilupp territorjali bbilanċjat billi jkun hemm kumpens għad-diffikultajiet fil-produzzjoni f'żoni b'limitazzjonijiet naturali speċifiċi.*** |
| | ***Għal kull wieħed minn dawn l-objettivi, il-Kummissjoni se tiddefinixxi x-xenarji bażi, l-impatti, ir-riżultati u l-indikaturi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-objettivi tal-politika tal-pagamenti diretti mhumiex speċifikati fl-Artikoli tar-Regolament. Għalhekk jiġi ssuġġerit li tal-anqas l-objettivi stipulati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva jiġu inklużi fir-Regolament.*

**Emenda 9**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 għall-fini tal-adattament tal-lista ta' skemi ta' appoġġ stipulata fl-Anness I. | ***Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat, att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv. L-objettivi, il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul tad-delega ta' setgħa għandhom jiġu definiti espressament fl-atti leġiżlattivi. L-elementi essenzjali ta' qasam għandhom ikunu riżervati għall-att leġiżlattiv u għaldaqstant ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' delega ta' setgħa.*** Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 għall-fini tal-adattament tal-lista ta' skemi ta' appoġġ stipulata fl-Anness I. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – iż-żamma ta' żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr ebda azzjoni partikolari li tmur lil hinn mill-metodi agrikoli u makkinarji tradizzjonali, jew | – iż-żamma ta' żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr ebda azzjoni partikolari li tmur lil hinn mill-metodi agrikoli u makkinarji tradizzjonali ***annwali***, jew |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – it-twettiq ta' attività minima li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri fuq żoni agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; | – it-twettiq ta' attività ***annwali*** minima li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri fuq żoni agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi evitat li l-pagamenti jibqgħu jsiru anki meta l-benefiċjarji ma jeżerċitaw l-ebda attività fuq l-art tagħhom, għandha tkun prevista attività "annwali" minima.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Ma għandu jingħata ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, fejn japplika wieħed minn dawk li ġejjin:*** | ***1. Ma għandu jingħata l-ebda pagament dirett lil persuni ġuridiċi pubbliċi bħall-Istati Membri, ir-reġjuni u l-muniċipalitajiet, jew lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi*** |

| | |
|---|---|
| | ***jew ġuridiċi, meta japplika wieħed mill-punti li ġejjin:*** |
| ***(a) l-ammont annwali tal-pagamenti diretti huwa inqas minn 5 % tal-irċevuti totali li nkisbu minn attivitajiet mhux agrikoli fis-sena fiskali l-aktar riċenti; jew*** | ***(a) joperaw ajruporti, kumpaniji tal-ferroviji, sistemi tal-ilma, kumpaniji tal-proprjetà immobbli, istituzzjonijiet edukattivi, artijiet riżervati għall-isports u r-rikreazzjoni, żoni għall-kaċċa, żoni għall-kampeġġ, jew kwalunkwe negozju jew attività simili li għandhom jiġu definiti, meta jkun xieraq, mill-Istati Membri abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, sakemm dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jipprovdu provi verifikabbli, f'konformità ma' dispożizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri; jew*** |
| (b) iż-żoni agrikoli tagħhom huma fil-biċċa l-kbira żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u ma jwettqux l-attività minima stabbilita mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4(1)(c) f'dawk iż-żoni. | (b) iż-żoni agrikoli tagħhom huma fil-biċċa l-kbira żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u ma jwettqux l-attività minima stabbilita mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4(1)(c) f'dawk iż-żoni. |

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-imgħoddi, f'numru ta' każijiet, kien jingħata appoġġ lill-benefiċjarji li l-għan tan-negozju tagħhom ma kienx (jew kien biss marġinalment) immirat lejn attività agrikola, bħall-ajruporti jew il-kumpaniji ta' ġestjoni tal-artijiet riżervati għall-isports. Fil-futur, l-appoġġ għandu jiġi mmirat b'mod aħjar. Madankollu, ir-regoli għandhom iżommu l-kosteffettività u jevitaw piż amministrattiv eċċessiv għall-Istati Membri u l-benefiċjarji.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) li ma jerfgħux ir-riskju ekonomiku tal-attività agrikola li titwettaq fuq l-art li ġiet iddikjarata għall-benefiċċju tal-pagament dirett.*** |

**Emenda 14**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-bdiewa li jkunu rċevew anqas minn EUR 5 000 f'pagamenti diretti għas-sena ta' qabel.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Mhux aktar tard mis-sena ta' talba ***2019***, id-drittijiet kollha għall-pagament fi Stat Membru jew, fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20, f'reġjun, għandu jkollhom valur ta' unità uniformi. | 5. Mhux aktar tard mis-sena ta' talba ***2017***, id-drittijiet kollha għall-pagament fi Stat Membru jew, fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20, f'reġjun, għandu jkollhom valur ta' unità uniformi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont id-dispożizzjonijiet tat-tranżizzjoni, sa 60% tal-appoġġ futur jista' jitħallas abbażi tal-ammonti storiċi ta' referenza sas-sena ta' talba 2019 u għalhekk il-mudell storiku huwa prolongat b'mod sinifikanti. Fil-fatt, il-komponent storiku jista' jkompli jkollu impatt sinifikanti fuq il-livell ta' pagamenti. Jiġi ssuġġerit li l-perjodu tranżizzjonali jiġi limitat għal nofs it-terminu.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) iħallsu lill-bdiewa kumpens annwali għat-telf tal-allowance ta' EUR 5000 previst fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Għall-bdiewa ż-żgħar, il-kumpens jista' jiżdied b'pagament addizzjonali.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kull żona agrikola tal-impriża li tintuża għal attività agrikola jew, fejn l-erja tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli; jew | (a) kull żona agrikola tal-impriża li tintuża għal attività agrikola jew, fejn l-erja tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli ***bil-kundizzjoni li l-attivitajiet mhux agrikoli ma jaqbżux il-perjodu ta' erba' ġimgħat f'sena kalendarja waħda u ma jagħmlux ħsara lill-ambjent***; jew |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni tirrifletti t-test tar-Regolament introdott wara l-verifika tas-saħħa tal-PAK. Kien f'idejn l-Istati Membri li jiddefinixxu s-sitwazzjonijiet preċiżi tal-art "li tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli". Bħala konsegwenza, id-drittijiet ġew allokati għal art li tintuża primarjament għal attivitajiet rikreattivi. Meta l-attivitajiet mhux agrikoli jkunu jistgħu jiġu permessi sa ċertu punt, id-dewmien u l-kriterji tagħhom għandhom ikunu definiti.*

**Emenda 18**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-bdiewa li jipparteċipaw fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandhom ikunu eżenti mill-prattiki agrikoli stabbiliti skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu III. | 3. Il-bdiewa li jipparteċipaw fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandhom ikunu eżenti mill-prattiki agrikoli stabbiliti skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu III***, iżda għandhom jissodisfaw l-obbligi u l-kontrolli ta' kundizzjonalità kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru [...] [HZR]***. |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-PAK |
| **Referenzi** | COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD) |

| | |
|---|---|
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>25.10.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | CONT<br>25.10.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Monika Hohlmeier<br>24.11.2011 |
| **Data tal-adozzjoni** | 8.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean-Pierre Audy, Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Zuzana Brzobohatá, Andrea Češková, Tamás Deutsch, Martin Ehrenhauser, Jens Geier, Gerben-Jan Gerbrandy, Ingeborg Gräßle, Iliana Ivanova, Monica Luisa Macovei, Eva Ortiz Vilella, Crescenzio Rivellini, Petri Sarvamaa, Theodoros Skylakakis, Bart Staes, Georgios Stavrakakis |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Lucas Hartong, Derek Vaughan, Barbara Weiler |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Marek Józef Gróbarczyk |

24.9.2012

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni
(COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dan Jørgensen

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

**Il-bżonn ta' riforma ħadra**

Illum, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tikkostitwixxi iktar minn 40% tal-baġit ġenerali tal-UE. Dan huwa ammont enormi ta' flus u għalhekk huwa importanti ħafna mil-lat ambjentali jekk dawn il-flus jintnefqux b'mod sostenibbli jew le. Sabiex nipproteġu l-ambjent tagħna fis-snin li ġejjin għandna bżonn bidla radikali fil-PAK.

Ma hemm l-ebda dubju li jekk inħarsu lejn l-istampa ġenerali, il-mod li bih qed titmexxa l-agrikoltura llum fl-Ewropa mhuwiex sostenibbli fuq perjodu ta' żmien fit-tul. Dan għandu konsegwenzi gravi fuq ir-riżorsi naturali tagħna, fosthom il-ħamrija, l-ilma, il-bijodiversità u l-klima. Dawn li ġejjin huma xi eżempji li jenfasizzaw il-problema:

- L-art agrikola għandha rwol importanti fil-forniment ta' ħabitat għall-organiżmi slavaġ u għall-ispeċijiet tal-għasafar. Fl-2011 l-Indiċi Ewropew tal-Għasafar taż-Żoni Agrikoli, li jimmonitorja l-popolazzjonijiet tal-għasafar fiż-żoni agrikoli, niżel għal-livell l-aktar baxx li qatt ġie rreġistrat.

- L-agrikoltura hija sors ewlieni ta' tniġġis fl-ilmijiet Ewropej. Il-biedja hija responsabbli għal iktar minn 50% tan-nitroġenu fl-ilma u hija sors sinifikanti ta' fosfati.

- L-agrikoltura hija responsabbli għal 9.6% tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra fl-UE – 75% tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu u 49% tal-emissjonijiet tal-metan tal-UE.

Sabiex inbiddlu dan l-iżvilupp u nagħmlu l-agrikoltura Ewropea waħda sostenibbli rridu nibdlu b'mod fundamentali l-filosofija tal-PAK. Il-pagamenti diretti – li jikkostitwixxu 75% tal-baġit tal-PAK – tradizzjonalment appoġġaw biedja intensa. U apparti r-regoli dwar il-kundizzjonalità, il-pagamenti diretti ma jagħtu l-ebda inċentiv għal prattiki sostenibbli.

Ir-rapporteur jipproponi riforma tal-pagamenti diretti tal-PAK sabiex jiġu prijoritizzati għall-bdiewa li jaħdmu b'sistemi ta' biedja sostenibbli. Il-prinċipju gwida tal-PAK għandu jkun li jiġi żgurat li l-flus pubbliċi jappoġġaw beni pubbliċi.

**Il-proposta tal-Kummissjoni – u kif tista' tissaħħaħ**

F'Novembru tal-2011 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal riforma bil-ħsieb li l-pagamenti diretti jsiru iktar "ħodor". Il-Kummissjoni ppreżentat tliet elementi msejħa ta' tħaddir: id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', l-artijiet agrikoli permanenti u ż-żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika. Ir-rapporteur jipproponi li dawn l-elementi jissaħħu b'dan il-mod:

1. Minflok id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' għandna bżonn rekwiżit ta' rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba'. Id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' kull ma tagħmel hu li tagħti inċentiv biex il-bdiewa jieħdu biċċiet mill-art tagħhom biex iħawlu wċuħ tar-raba' differenti u mhux se tgħin lill-ambjent. Min-naħa l-oħra, ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' tevita l-monokultura, ittejjeb il-bijodiversità u tnaqqas il-bżonn tal-użu ta' pestiċidi.

2. Ir-rapporteur jappoġġa l-idea li jiġi protett l-ammont ta' bwar/mergħat permanenti sabiex

jiġi żgurat li l-mergħat jibqgħu għall-inqas fl-istess livell li jinsabu fih illum. Iżda sabiex jiġi żgurat dan l-għan, is-sena bażi għal kemm għandhom jinżammu mergħat permanenti għandha tiġi stabbilita fil-passat iktar milli fil-futur. Jekk dan ma jsirx, il-bdiewa jkunu qed jingħataw inċentiv pervers biex jaħartu l-bwar tagħhom sabiex jevitaw li jkollhom jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

3. L-idea li titwarrab art agrikola għal żoni ta' konċentrazzjoni ekoloġika li għandha tibqa' mhux mittiefsa hija element utli ħafna fil-proposta tal-Kummissjoni. Minkejja dan, ir-rapporteur jipproponi li l-persentaġġ ta' art agrikola li għandha taqa' taħt il-kategorija ta' żona ta' konċentrazzjoni ekoloġika jogħla minn 7 % għal 10 %, peress li diversi analiżi juru li sabiex jinkisbu effetti sinifikanti miż-żoni ta' konċentazzjoni ekoloġika mill-inqas għandhom jiġu allokati 10% tal-art agrikola[1].

4. Finalment ir-rapporteur jipproponi li jiżdied mal-pakkett ir-raba' element ta' tħaddir, li huwa rekwiżit ta' kopertura tal-ħamrija. Il-bdiewa jkollhom jiżguraw li l-art tagħhom ma tibqax mhux maħduma għal iktar minn 5-8 ġimgħat konsekuttivi. Din tkun għodda importanti sabiex jiġi evitat it-telf ta' ħamrija u sabiex in-nutrijenti ma jitħallewx iniġġsu l-ambjent akwatiku.

**Modulazzjoni**

Diskussjoni kruċjali oħra fir-rigward tat-tħaddir hija dwar il-kwistjoni tal-modulazzjoni. Kemm għandu jkun hemm fondi mill-Pilastru I disponibbli għall-modulazzjoni għall-Pilastru II? Il-Kummissjoni tipproponi 10 %, iżda ma jidhirx ċar x'inhu l-argument għal dan in-numru. Il-modulazzjoni hija volontarja u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni valida għalfejn l-Istati Membri m'għandhomx jitħallew jiddeċiedu huma stess x'livell ta' modulazzjoni jixtiequ mill-Pilastru I għall-Pilastru II.

Ir-rapporteur jipproponi li tinteħħa l-possibilità ta' modulazzjoni bil-kontra li teżisti għal xi Stati Membri fil-proposta tal-Kummissjoni. Illum din il-possibilità ma teżistix u l-introduzzjoni ta' tali possibilità fil-fatt tkun waħda problematika ħafna minn perspettiva ambjentali.

**Lejn agrikoltura aktar sostenibbli**

L-UE, fl-istrateġija 2020 tagħha impenjat ruħha li tiżgura li t-tkabbir ekonomiku jkun wieħed sostenibbli. F'dan il-kuntest l-UE stabbiliet għan li "Twaqqaf it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi ekosistemiċi fl-UE sal-2020, u li tirrestawrahom safejn ikun fattibbli". U fil-"Pjan direzzjonali għal ekonomija b'użu baxx ta' karbonju" tagħha, impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra mis-settur agrikolu b'bejn 42 u 48 % fl-2050.

Sabiex dawn l-għanijiet ma jibgħux sempliċement paroli biss l-UE trid tagħmel riforma ambizzjuża tal-mod kif qed jintużaw il-pagamenti diretti fil-PAK. Il-flus pubbliċi jridu jappoġġaw il-beni pubbliċi. L-għan tagħna għandu jkun li niżguraw dan il-prinċipju fir-

[1] Ara fost l-oħrajn: Naturschutzbund Deutschland (NABU), Jannar 2008: "Die Bedeutung der obligatorischen Flächenstilllegung für die biologische Vielfalt". Berlin.

riforma tal-PAK.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Biex jitqiesu elementi ġodda speċifiċi ***u*** biex tkun garantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-benefiċjarji, is-setgħa biex l-atti delegati jiġi adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-istipular ta' aktar definizzjonijiet dwar l-aċċess għall-appoġġ skont dan ir-Regolament, ***u jiġi stabbilit qafas li fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu*** l-attivitajiet minimi li għandhom jitwettqu f'żoni li b'mod naturali jinżammu fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni kif ukoll il-kriterji li jridu jilħqu l-bdiewa biex jitqies li rrispettaw l-obbligu taż-żamma taż-żona agrikola ***fi stat tajjeb għall-produzzjoni*** u l-kriterju biex tiġi determinata l-predominanza ta' ħxejjex u foraġġ ***erbaċew*** ieħor fir-rigward ***tal-bwar*** permanenti. | (9)***Ir-regoli adottati għandhom jiżguraw li l-eliġibbiltà tal-art tirrifletti l-kundizzjonijiet uniċi prevalenti f'kull Stat Membru f'termini kemm ta' kultivazzjoni kif ukoll ta' użu għal skopijiet agrikoli, u l-karatteristiċi fiżiċi tal-mergħat tradizzjonali sabiex jiġi evitat l-abbandun u jinżammu l-bijodiversità u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ.*** Biex jitqiesu elementi ġodda speċifiċi biex tkun garantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-benefiċjarji ***u biex jiġi żgurat il-provvediment ta' beni pubbliċi***, is-setgħa biex l-atti delegati jiġu adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-istipular ta' aktar definizzjonijiet dwar l-aċċess għall-appoġġ skont dan ir-Regolament, l-attivitajiet minimi li għandhom jitwettqu f'żoni li b'mod naturali jinżammu fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni ***u l-attivitajiet minimi li għandhom jitwettqu bl-iskop li tiġi konservata n-natura skont in-netwerk Natura 2000 jew skont programmi ta' konservazzjoni ekwivalenti***, kif ukoll il-kriterji li jridu jilħqu l-bdiewa biex jitqies li rrispettaw l-obbligu taż-żamma taż-żona agrikola ***f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) għall-produzzjoni*** u l-kriterju biex tiġi |

| | |
|---|---|
| | determinata l-predominanza ta' ħxejjex u foraġġ ieħor fir-rigward ***tal-mergħat*** permanenti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni attwali ta' attività agrikola hija sodisfaċenti peress li tirrikonoxxi kemm il-produzzjoni ta' komoditajiet agrikoli mill-biedja kif ukoll il-beni pubbliċi ambjenatali bażiċi li l-KAAT tista' tiżgura. Peress li s-sodisfar tar-rekwiżiti tal-KAAT se jibqa' kundizzjoni għall-biċċa l-kbira tal-pagamenti diretti tal-Pilastru I, dan għandu jifforma wkoll parti ewlenija mid-definizzjoni ta' attività agrikola.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jittrasferixxu ammont li jagħżlu huma stess mill-Pilastru I għall-Pilastru II. L-ammont li jintgħażel jista' jogħla kull sena b'konformità mal-Artikolu 14 jekk Stat Membru jkun jixtieq jagħmel dan. Din il-flessibilità bejn iż-żewġ pilastri għandha tiżgura li l-Politika Agrikola Komuni tikkontribwixxi għal żvilupp ambjentali pożittiv fl-Unjoni.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Wieħed mill-objettivi tal-PAK il-ġdida huwa t-titjib ***ta' prestazzjoni*** ambjentali permezz ta' komponent ta' "titjib ekoloġiku" obbligatorju ta' pagamenti diretti ***li għandu jkun ta' appoġġ għal prattiki*** agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent ***applikabbli*** mal-Unjoni kollha. Għal dak *il-għan*, l-Istati Membri għandhom jużaw | (26) Wieħed mill-objettivi ***ewlenin*** tal-PAK il-ġdida huwa ***t-trawwim ta' agrikoltura sostenibbli u*** t-titjib ***tal-prestazzjoni*** ambjentali ***tiegħu*** permezz ta' komponent ta' "titjib ekoloġiku" obbligatorju ta' pagamenti diretti. ***Il-prattiki*** agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima***, il-bijodiversità*** u l-ambjent ***għaldaqstant se jkunu appoġġati*** mal- |

parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali ***flimkien*** mal-pagament bażiku, għal prattiki obbligatorji li għandhom ikunu segwiti mill-bdiewa li jindirizzaw, bħala prijorità, miri ta' politika kemm dwar il-klima kif ukoll l-ambjent. Dawk il-prattiki għandhom jieħdu l-għamla ta' azzjonijiet sempliċi, ġeneralizzati, mhux kuntrattwali u annwali li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità u għandhom rabta mal-agrikoltura ***bħad-diversifikazzjoni*** tal-uċuħ tar-raba', il-manutenzjoni ta' ***bwar*** permanenti u żoni ta' fokus ekoloġiku. In-natura obbligatorja ta' dawn il-prattiki għandha tinteressa wkoll lill-bdiewa li l-impriżi tagħhom ikunu għalkollox jew parzjalment f'żoni ta' "Natura 2000" koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, sakemm dawn il-prattiki jkunu kompatibbli mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi. Il-bdiewa li jħarsu b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 għandhom jibbenefikaw mill-komponent ta' "titjib ekoloġiku" mingħajr ma jħarsu kull obbligu ieħor, meta jitqiesu l-benefiċċji ambjentali rikonoxxuti tas-sistemi ta' biedja organika. In-nuqqas ta' ħarsien tal-komponent ta'"titjib ekoloġiku" għandu jwassal għal penalitajiet abbażi tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR].

Unjoni kollha***, filwaqt li se jinżamm il-bilanċ f'termini ta' użu tal-art bejn is-sigurtà tal-ikel u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali***. Għal dak *l-għan*, l-Istati Membri għandhom jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali ***b'rabta stretta*** mal-pagament bażiku, għal prattiki obbligatorji li għandhom ikunu segwiti mill-bdiewa li jindirizzaw, bħala prijorità, miri ta' politika kemm dwar il-klima kif ukoll l-ambjent. Dawk il-prattiki għandhom jieħdu l-għamla ta' azzjonijiet sempliċi, ġeneralizzati, ***kontrollabbli,*** mhux kuntrattwali u annwali li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità u għandhom rabta mal-agrikoltura ***bħar-rotazzjoni*** tal-uċuħ tar-raba', il-manutenzjoni ta' ***mergħat*** permanenti***, il-kopertura tal-ħamrija*** u żoni ta' fokus ekoloġiku. natura obbligatorja ta' dawn il-prattiki għandha tinteressa wkoll lill-bdiewa li l-impriżi tagħhom ikunu għalkollox jew parzjalment f'żoni ta' "Natura 2000" koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi , sakemm dawn il-prattiki jkunu kompatibbli mal-objettivi ta' dawk id-Direttivi. Il-bdiewa li jħarsu b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/9121 għandhom jibbenefikaw mill-komponent ta' "titjib ekoloġiku" mingħajr ma jħarsu kull obbligu ieħor, meta jitqiesu l-benefiċċji ambjentali rikonoxxuti tas-sistemi ta' biedja organika. In-nuqqas ta' ħarsien tal-komponent ta'"titjib ekoloġiku" għandu jwassal għal penalitajiet abbażi tal-Artikolu 65 tar-

Regolament (UE) Nru [...] [HZR].

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pagament għat-titjib ekoloġiku m'għandux jieħu l-forma ta' supplementazzjoni iżda għandu jkun marbut mal-pagament bażiku sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u t-twassil tiegħu madwar l-UE kollha.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Biex ikun żgurat li l-obbligi msemmija fil-miżura dwar ***id-diversifikazzjoni*** tal-uċuħ tar-raba' jkunu applikati b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorju u li jwassal għal titjib fil-protezzjoni tal-ambjent, is-setgħa biex l-atti delegati jiġi adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-adozzjoni tad-definizzjoni "uċuħ tal-tar-raba'" u għar-regoli rigward l-applikazzjoni tal-miżura. | (27) Biex ikun żgurat li l-obbligi msemmija fil-miżura dwar ***in-newba*** tal-uċuħ tar-raba' jkunu applikati b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorju u li jwassal għal titjib fil-protezzjoni tal-ambjent, is-setgħa biex l-atti delegati jiġi adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-adozzjoni tad-definizzjoni "uċuħ tal-tar-raba'" u għar-regoli rigward l-applikazzjoni tal-miżura. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Biex ikun żgurat li l-art taħt bwar permanenti tinżamm bħala tali mill-bdiewa, is-setgħa biex l-atti delegati jiġi adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-adozzjoni ta' regoli dwar l-applikazzjoni tal-miżura. | (28) Biex ikun żgurat li l-art taħt ***mergħat*** permanenti tinżamm bħala tali mill-bdiewa, is-setgħa biex l-atti delegati jiġu adottati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-adozzjoni ta' regoli dwar l-applikazzjoni tal-miżura. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) Biex ikun żgurat li l-obbligi msemmija fil-miżura dwar id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' jkunu implimentati b'mod ġust u mhux diskriminatorju u jwasslu għal titjib fil-protezzjoni tal-ambjent tal-ilma u jiġi evitat it-telf tal-ħamrija, is-setgħa biex jiġu adottati atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-adozzjoni tar-regoli rigward l-applikazzjoni tal-miżura.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Biex issir promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura f'żoni b'restrizzjonijiet naturali speċifiċi, l-Istati Membri għandhom ikun jistgħu jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għall-pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali abbażi tal-erja flimkien mal-pagament bażiku, lill-bdiewa kollha li joperaw f'żoni bħal dawn. Dak il-pagament ma għandux jissostitwixxi l-appoġġ mogħti taħt programmi ta' żvilupp rurali u ma għandux jingħata lil bdiewa f'żoni li ġew allokati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) iżda li ma ġewx magħżula skont l-Artikolu 46(1) ***tar-Regolament (UE) Nru*** | (30) Biex issir promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura f'żoni b'restrizzjonijiet naturali speċifiċi, l-Istati Membri għandhom ikun jistgħu jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għall-pagamenti diretti biex jagħtu pagament annwali abbażi tal-erja flimkien mal-pagament bażiku, lill-bdiewa kollha li joperaw f'żoni bħal dawn. ***L-Istati Membri jistgħu jagħżlu, abbażi ta' kriterji ambjentali oġġettivi, bħalma hu l-Valur Naturali Għoli, li jillimitaw dawn il-pagamenti għall-bdiewa msemmija fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali minn-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [RŻR].*** Dak il-pagament ma għandux jissostitwixxi |

| | |
|---|---|
| ***[...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali minn-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [RDR].*** | l-appoġġ mogħti taħt programmi ta' żvilupp rurali u ma għandux jingħata lil bdiewa f'żoni li ġew allokati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) iżda li ma ġewx magħżula skont l-Artikolu 46(1) ***tar-Regolament (UE) Nru [...] [RŻR]***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bdiewa minn żoni b'limitazzjonijiet naturali li qed jikkontribwixxu b'mod attiv għaż-żamma tal-pajsaġġ u l-protezzjoni u ż-żamma tal-bijodiversità, il-ħamrija, il-klima u l-ilma għandhom jiġu appoġġati permezz ta' din il-miżura. Is-sistemi ta' biedja assoċjati maż-Żoni l-Iktar Żvantaġġati, bħall-biedja ta' Valur Naturali Għoli, jistgħu jipproduċu prodotti tal-ikel ta' kwalità għolja u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-beni pubbliċi ambjentali fosthom il-ħżin tal-karbonju, l-ilma nadif, il-kwalità tal-pajsaġġ u l-bijodiversità.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti għal appoġġ akkoppjat f'ċerti setturi f'każijiet definiti b'mod ċar. Ir-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati għal livell xieraq, waqt li appoġġ bħal dan jitħalla jingħata fl-Istati Membri jew fir-reġjuni speċifiċi tagħhom li jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet partikolari, fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi, ambjentali u/jew soċjali. L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 5 % mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal dan l-appoġġ, jew 10 % fil-każ li l-livell tagħhom ta' appoġġ akkoppjat f'sena waħda mis-snin tal-perjodu mill-2010 sal- | (33) L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw parti mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti għal appoġġ akkoppjat f'ċerti setturi f'każijiet definiti b'mod ċar. Ir-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati għal livell xieraq, waqt li appoġġ bħal dan jitħalla jingħata fl-Istati Membri jew fir-reġjuni speċifiċi tagħhom li jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet partikolari, fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi, ambjentali u/jew soċjali. L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 5 % mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom għal dan l-appoġġ, jew 10 % fil-każ li l-livell tagħhom ta' appoġġ akkoppjat f'sena waħda mis-snin tal-perjodu mill-2010 sal- |

2013 ikun aktar minn 5 %. ***Madankollu, f'każijiet ġustifikati kif imiss fejn jintwerew ċerti ħtiġijiet sensittivi f'reġjun, u wara approvazzjoni mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw aktar minn 10 % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom. L-appoġġ akkoppjat għandu jingħata biss sakemm ikun meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali ta' produzzjoni f'dawk ir-reġjuni. Dan l-appoġġ għandu wkoll ikun disponibbli għall-bdiewa li jkollhom, fil-31 ta' Diċembru 2013, drittijiet speċjali għall-pagamenti allokati skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-Regolament (KE) Nru 73/2009 u li ma jkollhomx ettari eliġibbli għall-attivazzjoni ta' drittijiet għall-pagament. Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-appoġġ akkoppjat volontarju li jkun aktar minn 10 % tal-limitu massimu nazzjonali ffissat għal kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa biex tadotta atti ta' implimentazzjoni mingħajr ma tapplika r-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

2013 ikun aktar minn 5 %. ***Il-possibilità ta' appoġġ akkoppjat għandha tkun limitata għal setturi żgħar bi bżonnijiet speċjali u m'għandhiex tintuża bħala għodda ġenerali. B'rabta ma' dan, il-pagamenti akkoppjati għandhom jitneħħew gradwalment mill-aktar fis possibbli.***

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) ***Għandha*** tiġi stabbilita skema sempliċi u speċifika għall-bdiewa żgħażagħ biex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-ġestjoni u l-kontroll tal-appoġġ dirett. Għal dak il-għan, għandu jkun stabbilit ħlas ta' ammont f'daqqa li jissostitwixxi l-pagamenti diretti kollha. Għandhom jiddaħħlu regoli ta' simplifikazzjoni tal-formalitajiet biex jitnaqqsu, fost affarijiet oħra, l-obbligi imposti fuq il-bdiewa żgħar bħal dawk relatati mal-applikazzjoni għall- | (38) ***Għandu jkun possibbli li*** tiġi stabbilita skema sempliċi u speċifika għall-bdiewa żgħar biex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-ġestjoni u l-kontroll tal-appoġġ dirett. ***Minkejja dan, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu għalihom infushom dwar jekk idaħħlux fis-seħħ skema speċifika.*** Għal dak il-għan, għandu jkun stabbilit ħlas ta' ammont f'daqqa li jissostitwixxi l-pagamenti diretti kollha. Għandhom jiddaħħlu regoli ta' simplifikazzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| appoġġ, ***ma' prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent, ma' kundizzjonalità*** u ma' kontrolli kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], mingħajr ma jkun hemm periklu għall-kisba tal-objettivi globali tar-riforma, hekk kif jinftiehem li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif imsemmija fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR] tapplika għall-bdiewa żgħar. L-objettiv ta' dik l-iskema għandu jkun li tappoġġa l-istruttura agrikola eżistenti tal-azjendi agrikoli żgħar fl-Unjoni mingħajr ma tmur kontra l-iżvilupp lejn strutturi aktar kompetittivi. Għal dik ir-raġuni, l-aċċess għall-iskema għandu jkun limitat għall-impriżi eżistenti. | formalitajiet biex jitnaqqsu, fost affarijiet oħra, l-obbligi imposti fuq il-bdiewa żgħar bħal dawk relatati mal-applikazzjoni għall-appoġġ u ma' kontrolli kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], mingħajr ma jkun hemm periklu għall-kisba tal-objettivi globali tar-riforma, hekk kif jinftiehem li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif imsemmija fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru [...] [HZR] tapplika għall-bdiewa żgħar. ***Minkejja li huwa possibbli li jitnaqqsu l-obbligi tal-bdiewa ż-żgħar fir-rigward tal-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u l-klima kif definit fit-Titolu III, Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament, ir-regoli dwar il-kondizzjonalità xorta għandhom jibqgħu japplikaw għall-bdiewa ż-żgħar.*** L-objettiv ta' dik l-iskema għandu jkun li tappoġġa l-istruttura agrikola eżistenti tal-azjendi agrikoli żgħar fl-Unjoni mingħajr ma tmur kontra l-iżvilupp lejn strutturi aktar kompetittivi. Għal dik ir-raġuni, l-aċċess għall-iskema għandu jkun limitat għall-impriżi eżistenti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li jaf ikun ġustifikat li jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' titjib ekoloġiku għall-bdiewa ż-żgħar sabiex tiġi promossa l-agrikoltura fuq skala żgħira, xorta huwa xieraq li l-bdiewa jissodisfaw ir-regoli ta' kondizzjonalità minħabba li dawn jiżguraw livell minimu ta' protezzjoni ambjentali.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-politika tal-iżvilupp rurali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jittrasferixxu fondi mil-limitu massimu | (43) Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-politika tal-iżvilupp rurali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jittrasferixxu fondi mil-limitu massimu |

| | |
|---|---|
| tagħhom tal-pagamenti diretti għall-appoġġ assenjat għall-iżvilupp rurali. ***Fl-istess ħin, l-Istati Membri fejn il-livell ta' appoġġ dirett għadu aktar baxx minn 90 % tal-livell medju ta' appoġġ tal-Unjoni għandhom jingħataw il-possibbiltà li jittrasferixxu fondi mill-appoġġ tagħhom assenjat għall-iżvilupp rurali għal-limitu massimu tagħhom tal-pagamenti diretti.*** Dawn it-tipi ta' għażliet għandhom isiru darba u għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, fi ħdan ċerti limiti. | tagħhom tal-pagamenti diretti għall-appoġġ assenjat għall-iżvilupp rurali. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) "attività agrikola" tfisser: | (c) "attività agrikola" tfisser: |
| – it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, it-taħlib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għall-finijiet ta' biedja, | – it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, it-taħlib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għall-finijiet ta' biedja, |
| – iż-żamma ta' żona agrikola ***fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr ebda azzjoni partikolari li tmur lil hinn mill-metodi agrikoli u makkinarji tradizzjonali, jew*** | – iż-żamma ta' żona agrikola ***f'kundizzjoni agrikola u ambjenatli tajba (KAAT) kif definit fl-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru […][HZR],*** |
| – it-twettiq ta' attività minima li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri fuq żoni agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; | – it-twettiq ta' attività minima li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri fuq żoni agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni ***jew it-twettiq ta' attivitajiet fuq art agrikola bl-iskop li tiġi kkonservata n-natura skont in-netwerk Natura 2000 jew skont programmi ta' konservazzjoni ekwivalenti***; |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – inċiż 3a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***- l-irkupru ta' art agrikola abbandunata.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "żona agrikola" tfisser kull żona meħuda minn raba' li jinħarat, bwar permanenti jew uċuħ tar-raba' permanenti; | (e) "żona agrikola" tfisser kull żona meħuda minn raba' li jinħarat, ***mergħat*** permanenti jew uċuħ tar-raba' permanenti; |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) "uċuħ tar-raba'" permanenti" tfisser uċuħ tar-raba' li mhumiex taħt sistema ta' rotazzjoni ħlief ***bwar*** permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew iżjed u jagħtu ħsad repetut, inklużi mixtliet, u msaġar b'rotazzjoni qasira; | (g) "uċuħ tar-raba'" permanenti" tfisser uċuħ tar-raba' li mhumiex taħt sistema ta' rotazzjoni ħlief ***mergħat*** permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew iżjed u jagħtu ħsad repetut, inklużi mixtliet, u msaġar b'rotazzjoni qasira; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) "***bwar*** permanenti" tfisser art użata biex jitkabbru ħxejjex jew foraġġ ***erbaċew*** ieħor ***b'mod naturali (jitilgħu waħedhom) jew permezz ta' kultivazzjoni (jinżergħu) u*** li ma jkunux inklużi fir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża għal ***ħames*** snin jew aktar; ***jistgħu jinkudu*** speċijiet ***oħrajn*** | (h) "***mergħat*** permanenti" tfisser art użata biex jitkabbru ħxejjex***, pjanti lenjużi*** jew foraġġ ieħor, li ma ***tkunx inħartet jew inżergħet mill-ġdid*** għal ***seba'*** snin jew aktar ***u li tkun tinkludi wkoll*** speċijiet ***li jistgħu jintużaw għall-mergħa għajr ħxejjex*** u foraġġ ieħor; |

| | |
|---|---|
| ***tajbin għar-ragħa sakemm il-ħxejjex*** u foraġġ ***erbaċew*** ieħor ***jibqgħu predominanti***. | |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) "biedja b'Valur Naturali Għoli" tfisser sistemi ta' biedja b'attivitajiet ta' biedja u art agrikola li, minħabba l-karatteristiċi tagħhom, jistgħu jkunu mistennija jappoġġaw livelli għoljin ta' bijodiversità jew speċijiet u ħabitats ta' tħassib fir-rigward tal-konservazzjoni. Dawn is-sistemi huma kkaratterizzati minn biedja ta' intensità baxxa u proporzjonijiet għoljin ta' veġetazzjoni naturali jew seminaturali. Jistgħu jkunu kkaratterizzati wkoll minn diversità kbira ta' kopertura tal-art.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Abbażi tal-Emenda 16 tar-Rapporteur.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 tat-Trattat għall-finijiet ta': | 2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 tat-Trattat għall-finijiet ta': |
| (a) l-istipular ta' aktar definizzjonijiet dwar l-aċċess għall-appoġġ skont dan ir-Regolament; | (a) l-istipular ta' aktar definizzjonijiet dwar l-aċċess għall-appoġġ skont dan ir-Regolament; |
| (b) l-istabbiliment ta' qafas li ***fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu*** l-attivitajiet minimi li għandhom jitwettqu | (b) l-istabbiliment ta' qafas li ***jiddefinixxi*** l-attivitajiet minimi li għandhom jitwettqu f'żoni li jinżammu fi stat tajjeb għar-ragħa |

| | |
|---|---|
| f’żoni li jinżammu fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; | jew għall-kultivazzjoni ***u l-attivitajiet minimi li jridu jitwettqu bl-objettiv tal-konservazzjoni tan-natura skont in-netwerk Natura 2000 jew skont programmi ta’ konservazzjoni ekwivalenti kif imsemmi fl-inċiż 3 tal-paragrafu 1(c)***; |
| (c) l-istabbiliment tal-kriterji li għandhom jintlaħqu mill-bdiewa biex ikun meqjus li rrispettaw l-obbligu taż-żamma taż-żona agrikola ***fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni*** kif imsemmi ***fil-paragrafu 1(c)***; | (c) l-istabbiliment tal-kriterji li għandhom jintlaħqu mill-bdiewa biex ikun meqjus li rrispettaw l-obbligu taż-żamma taż-żona agrikola ***f’kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT)*** kif imsemmi ***fl-inċiż 2 tal-paragrafu 1(c)***; |
| (d) l-istabbiliment tal-kriterji li jiddeterminaw il-predominanza tal-ħxejjex u foraġġ ***erbaċew*** ieħor għall-fini tal-paragrafu 1(h). | (d) l-istabbiliment tal-kriterji li jiddeterminaw il-predominanza tal-ħxejjex u foraġġ ieħor għall-fini tal-paragrafu 1(h) . |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ma għandu jingħata ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi***, fejn japplika wieħed minn dawk li ġejjin:*** | 1. Ma għandu jingħata ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi ***li*** ma jwettqux l-attività minima skont l-Artikolu 4(1)(c) ***fiż-żoni agrikoli tagħhom***. |
| ***(a) l-ammont annwali tal-pagamenti diretti huwa inqas minn 5 % tal-irċevuti totali li nkisbu minn attivitajiet mhux agrikoli fis-sena fiskali l-aktar riċenti; or*** | |
| ***(b) iż-żoni agrikoli tagħhom huma fil-biċċa l-kbira żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u*** ma jwettqux l-attività minima stabbilita mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4(1)(c) ***f'dawk iż-żoni***. | |
| ***2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-bdiewa li jkunu rċevew anqas minn EUR 5 000 f’pagamenti diretti għas-sena ta’ qabel.*** | |
| ***3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-*** | |

***Artikolu 55 tat-Trattat għall-finijiet tal-istipular ta':***

***(a) kriterji biex jiġi stabbilit l-ammont ta' pagamenti diretti rilevanti għall-fini tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari fl-ewwel sena tal-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti fejn il-valur tad-drittijiet għall-pagamenti għadu mhux stabbilit b'mod definittiv kif ukoll għall-bdiewa żgħażagħ;***

***(b) eċċezzjonijiet mir-regola li l-irċevuti matul l-aktar sena fiskali riċenti għandhom jitqiesu meta dawk iċ-ċifri mhumiex disponisbbli; u***

***(c) kriterji biex jiġi stabbilit meta ż-żona agrikola ta' bidwi għandha titqies bħala żona li prinċipalment hija miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni.***

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli appoġġ addizzjonali għal miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [*RDR*], ***sa 10 %*** tal-limiti nazzjonali annwali tagħhom għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2019 kif stipulat fl-Anness II għal dan ir-Regolament. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-għoti tal-pagamenti diretti. | 1. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għal miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [*RŻR*], ***ċertu persentaġġ*** tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2019 kif stipulat fl-Anness II għal dan ir-Regolament. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-għoti tal-pagamenti diretti. |
| Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun innotifikata lill-Kummissjoni sad-data msemmija f'dak is-subparagrafu. | Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun innotifikata lill-Kummissjoni sad-data msemmija f'dak is-subparagrafu. |
| Il-perċentwali nnotifikat skont it-tieni | Il-perċentwali nnotifikat skont it-tieni |

| | |
|---|---|
| subparagrafu għandu jkun l-istess għas-snin imsemmija fl-ewwel subparagrafu. | subparagrafu għandu jkun l-istess għas-snin imsemmija fl-ewwel subparagrafu. |
| | ***1a. Wara l-2014, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, qabel l-1 ta' Awwissu ta' kull sena, li jgħollu l-persentaġġ tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom disponibbli għal miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR għas-sena ta' wara.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti skont dan ir-Regolament, sa 5 % tal-ammont allokkat bħala appoġġ għall-miżuri skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali ffinanzjat skont il-FAEŻR għall-perjodu 2015-2020 kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru [...] [RDR]. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti ma għandux jibqa' disponibbli għall-miżuri ta' appoġġ skont l-ipprogrammar dwar l-iżvilupp rurali.*** | ***imħassar*** |
| ***Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun innotifikata lill-Kummissjoni sad-data msemmija f'dak is-subparagrafu.*** | |
| ***Il-perċentwali nnotifikat skont it-tieni*** | |

***subparagrafu għandu jkun l-istess għas-snin imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-modulazzjoni bil-kontra m'għandhiex tkun permessa minħabba li dan jikkostitwixxi pass lura apparagun mal-leġiżlazzjoni attwali. Għalhekk, il-fondi tal-Pilastru 2 m'għandhomx jintużaw biex jikkumpensaw għar-ridistribuzzjoni inġusta fil-Pilastru 1.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw drittijiet għall-pagament, bħala kwistjoni ta' prijorità, lill-bdiewa żgħażagħ li jibdew l-attività agrikola tagħhom. | 4. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw drittijiet għall-pagament, bħala kwistjoni ta' prijorità, lill-bdiewa żgħażagħ li jibdew l-attività agrikola tagħhom. ***Id-drittijiet għall-pagament massimu għandhom jingħataw lill-bdiewa żgħażagħ li jimpenjaw ruħhom li jużaw prattiki agrikoli li ma jkunux ta' ħsara għall-ambjent: kontroll integrat tal-organiżmi li jagħmlu l-ħsara, biedja b'valur naturali għoli (HNV) u biedja organika.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) ireġġgħu lura l-art agrikola abbandunata għal stat kultivabbli.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafi 1 u 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. ***Il-bdiewa intitolati għal*** pagament skont l-iskema ta' pagament bażiku msemmi fil-Kapitolu 1 għandhom jirrispettaw għall-ettari eliġibbli tagħhom kif iddefiniti fl-Artikolu 25(2) il-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent li ġejjin: | 1. ***Sabiex jirċievu*** pagament skont l-iskema ta' pagament bażiku msemmija fil-Kapitolu 1, ***il-bdiewa intitolati għal tali pagament*** għandhom jirrispettaw għall-ettari eliġibbli tagħhom kif iddefiniti fl-Artikolu 25(2) il-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent li ġejjin: |
| ***(a) li jkollhom tliet uċuħ tar-raba' differenti fir-raba' li jinħarat tagħhom meta r-raba' li jinħarat tal-bidwi jkopri aktar minn 3 ettari u ma jkunx użat kollu għall-produzzjoni ta' ħaxix (miżrugħ jew naturali), jitħalla kollu mistrieħ jew ikkultivat kollu b'uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti kbira tas-sena;*** | ***(a) li jiżguraw in-newba tal-uċuħ tar-raba' kif imsemmi fl-Artikolu 30;*** |
| (b) li jżommu ***l-bwar*** permanenti eżistenti fl-impriża tagħhom; ***u u*** | (b) li jżommu ***l-mergħat*** permanenti eżistenti fl-impriża tagħhom ***kif imsemmi fl-Artikolu 31***; |
| (c) li jkollhom erja b'fokus ekoloġiku fiż-żona agrikola tagħhom. | (c) li jkollhom erja b'fokus ekoloġiku fiż-żona agrikola tagħhom ***kif imsemmi fl-Artikolu 32; u*** |
| | ***(ca) li ma jħallux l-art tagħhom mhux maħduma għal iktar minn tmien ġimgħat konsekuttivi kif imsemmi fl-Artikolu 31a;*** |
| 2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3 u 4 u għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja, it-tnaqqis lineari skont l-Artikolu 7, u kull tnaqqis jew penalità imposta skont ir-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], l-Istati Membri għandhom jagħtu l-pagament imsemmi f'dan il-Kapitolu lill-bdiewa li josservaw dawk il-prattiki ***mit-tlieta*** msemmija fil-paragrafu 1 li huma rilevanti għalihom, u fil-funzjoni tal-konformità tagħhom mal-Artikoli 30, 31 u 32. | 2. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 3 u 4 u għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja, it-tnaqqis lineari skont l-Artikolu 7, u kull tnaqqis jew penalità impost skont ir-Regolament (UE) Nru [...] [HZR], l-Istati Membri għandhom jagħtu l-pagament imsemmi f'dan il-Kapitolu lill-bdiewa li josservaw dawk il-prattiki ***mill-erbgħa*** msemmija fil-paragrafu 1 li huma rilevanti għalihom, u fil-funzjoni tal-konformità tagħhom mal-Artikoli 30, 31 u 32. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba'*** | ***Newba*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fejn ir-raba' li jinħarat tal-bidwi jkopri aktar minn 3 ettari u ma jkunx użat ***kollu*** għall-produzzjoni ta' ħaxix (miżrugħ jew naturali), jitħalla ***kollu*** mistrieħ jew ikkultivat ***kollu*** b'uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti kbira tas-sena, il-kultivazzjoni tar-raba' li jinħarat għandha tkun magħmula minn ***tal-anqas tliet uċuħ tar-raba' differenti***. ***Ebda wieħed minn dawk l-uċuħ tar-raba' ma għandu jkopri anqas minn 5 % tar-raba' li jinħarat u dak ewlieni ma għandux ikopri aktar minn 70 % tar-raba' li jinħarat.*** | 1. Fejn ir-raba' li jinħarat tal-bidwi jkopri aktar minn 3 ettari u ma jkunx użat għall-produzzjoni ta' ħaxix (miżrugħ jew naturali), jitħalla mistrieħ jew ikkultivat b'uċuħ tar-raba' ***permanenti bħal imsaġar tas-siġar taż-żebbuġ, dwieli jew imsaġar tas-siġar tal-frott*** jew b'uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti kbira tas-sena, il-kultivazzjoni tar-raba' li jinħarat għandha tkun magħmula minn ***rotazzjoni ta' tliet uċuħ tar-raba' xierqa għall-kundizzjonijiet lokali ta' klima, ħamrija u ilma, fuq tliet snin konsekuttivi***. ***Għandhom jiġu inklużi uċuħ leguminużi fir-rotazzjoni.*** |
| | ***1a. B'deroga mill-paragrafu 1, fiż-żoni fejn ma jkunx agronomikament possibbli, pereżempju minħabba kundizzjonijiet klimatiċi kiesħa, li jiġu kkultivati tliet uċuħ fuq tliet snin konsekuttivi, il-koltivazzjoni fuq art li tinħarat għandha tikkonsisti minn rotazzjoni ta' żewġ uċuħ tar-raba' differenti.*** |
| | ***1b. B'deroga mill-paragrafu 1, fiż-żoni fejn ma jkunx agronomikament possibbli li jkunu inklużi uċuħ leguminużi fir-rotazzjoni, il-bdiewa għandhom ikunu eżentati minn dan.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Artikolu 31 | Artikolu 31 |
| ***Bwar*** *permanenti* | **Mergħat** *permanenti* |
| 1. Il-bdiewa għandhom iżommu bħala ***bwar*** permanenti ż-żoni tal-impriżi tagħhom iddikjarati hekk fl-applikazzjoni magħmula skont l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) Nru XXX (HZ) għas-sena ta' talba ***2014***, minn issa 'l quddiem imsejħin 'żoni ta' referenza ta' ***bwar*** permanenti'. | 1. Il-bdiewa għandhom iżommu bħala ***mergħat*** permanenti ż-żoni tal-impriżi tagħhom iddikjarati hekk fl-applikazzjoni magħmula skont l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) Nru XXX (HZ) għas-sena ta' talba ***2011***, minn issa 'l quddiem imsejħin 'żoni ta' referenza ta' ***mergħat*** permanenti'. |
| Iż-żoni ta' referenza ta' ***bwar*** permanenti għandhom jiżdiedu f'każijiet fejn il-bidwi għandu obbligu li jerġa' jbiddel iż-żoni lura għal ***bwar*** permanenti fl-2014 u/jew fl-2015 kif imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR]. | Iż-żoni ta' referenza ta' ***mergħat*** permanenti għandhom jiżdiedu f'każijiet fejn il-bidwi għandu obbligu li jerġa' jbiddel iż-żoni lura għal ***mergħat*** permanenti fl-2014 u/jew fl-2015 kif imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (UE) Nru […] [HZR]. |
| 2. ***Il-bdiewa*** għandhom ikunu jistgħu jbiddlu lura sa massimu ta' 5 % taż-żoni ta' referenza tagħhom ta' ***bwar*** permanenti. Dak il-limitu ma għandux japplika f'każ ta' *force majeure* jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali. | 2. ***L-Istati Membri*** għandhom ikunu jistgħu jbiddlu lura sa massimu ta' 5 % taż-żoni ta' referenza tagħhom ta' ***mergħat*** permanenti ***fil-livell reġjonali***. ***F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jiddokumentaw li ż-żoni kkonvertiti mhumiex fost iż-żoni bl-iktar valur għoli minn perspettiva ambjentali***. Dak il-limitu ma għandux japplika f'każ ta' *force majeure* jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali. |
| 3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 li jistabbilixxi regoli dwar iż-żieda taż-żoni ta' referenza ta' ***bwar*** permanenti kif stipulat fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, it-tiġdid ta' ***bwar*** permanenti, il-bidla mill-ġdid ta' żoni agrikoli fi ***bwar*** permanenti f'każ li t-tnaqqis awtorizzat | 3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 li jistabbilixxu regoli dwar iż-żieda taż-żoni ta' referenza ta' ***mergħat*** permanenti kif stipulat fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, it-tiġdid ta' ***mergħat*** permanenti, il-bidla mill-ġdid ta' żoni agrikoli ***f'mergħat*** permanenti f'każ li t- |

| | |
|---|---|
| imsemmi fil-paragrafu 2 jinqabeż, kif ukoll għall-modifika taż-żoni ta' referenza ta' ***bwar*** permanenti f'każ ta' trasferiment tal-art. | tnaqqis awtorizzat imsemmi fil-paragrafu 2 jinqabeż, kif ukoll għall-modifika taż-żoni ta' referenza ta' ***mergħat*** permanenti f'każ ta' trasferiment tal-art. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31a*** |
| | ***Il-kopertura tal-ħamrija*** |
| | ***1. Il-bdiewa għandhom jiżguraw li l-art eliġibbli kollha tagħhom ma titħalliex mingħajr kopertura ta' veġetazzjoni għal iktar minn ħames ġimgħat konsekuttivi, u f'kundizzjonijiet speċifiċi ta' ariditā jew meta jkun irid jitneħħa l-ħaxix ħażin għal mhux iktar minn tmien ġimgħat konsekuttivi. Jista' jiġi aċċettat perjodu ta' żmien itwal bħala eċċezzjoni biex jiġi kkontrollat il-ħaxix ħażin f'sena unika meta l-limitu ta' ħames ġimgħat ikun irrispettat meta kkalkulat fuq perjodu ta' ħames snin. Strixex ta' art mhux maħduma huma aċċettabli wkoll minħabba li huma element ta' ġestjoni tan-natura. ll-kopertura ta' veġetazzjoni tal-ħamrija tista' tinkludi: veġetazzjoni naturali, uċuħ li jikbru malajr, art qasbija, ħaxix jew kopertura ta' veġetazzjoni oħra taħt l-uċuħ tar-raba' permanenti.*** |
| | **2.** ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 li jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw obbligi skont il-miżura ta' kopertura tal-ħamrija kif imsemmi fil-paragrafu 1.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-bdiewa għandhom jiżguraw li tal-anqas 7 % tal-ettari eleġibbli tagħhom kif definiti fl-Artikolu 25(2), esklużi żoni ta' ***bwar*** permanenti, huma erjas b'fokus ekoloġiku bħala art li titħalla mistrieħa, terrazzi, iż-żamma ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ, strixex ta' lqugħ u ***żoni afforestati kif imsemmi fl-Artikolu 25(2)(b)(ii).*** | 1. Il-bdiewa għandhom jiżguraw li tal-anqas 7 % tal-ettari eleġibbli tagħhom kif definiti fl-Artikolu 25(2), esklużi żoni ta' ***mergħat*** permanenti, huma erjas b'fokus ekoloġiku bħalaart li titħalla mistrieħa, terrazzi, iż-żamma ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ, strixex ta' lqugħ u ***ħabitats seminaturali. Sabiex jitqiesu bħala żoni ta' fokus ekoloġiku, dawn iż-żoni m'għandhomx jinħartu, jinżergħu jew jiġu ffertilizzati b'fertilizzant mhux organiku jew imbexxa, iżda jistgħu jintużaw bħala mergħa, għall-ħsad jew ħsad bil-minġel fl-istaġun xieraq li jkun kompatibbli mal-bżonnijiet ta' konservazzjoni tal-bijodiversità.*** |
| | ***1a. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-perċentwali minimu fil-paragrafu 1 jitnaqqas għal 5% f'każijiet ta' impriżi konġunti ta' gruppi ta' bdiewa li jużaw erjas ta' fokus ekoloġiku adjaċenti b'mod kontinwu.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 liż-żoni kollha li jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-paragrafu jew, | 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-pagament imsemmi fil-paragrafu 1 liż-żoni ***jew is-sistemi ta' biedja*** kollha li jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il- |

| | |
|---|---|
| alternattivament, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li jillimitaw il-pagament għal xi wħud miż-żoni msemmijin fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [*RDR*]. | paragrafu jew, alternattivament, abbażi ta' kriterji ambjentali ***u ta' sostenibilità*** oġġettivi u mhux diskriminatorji, ***bħalma hi l-biedja b'Valur Naturali Għoli,*** li jillimitaw il-pagament għal xi wħud miż-żoni msemmijin fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [*RŻR*]. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bdiewa minn żoni b'limitazzjonijiet naturali li qed jikkontribwixxu b'mod attiv għaż-żamma tal-pajsaġġ u l-protezzjoni u ż-żamma tal-bijodiversità, il-ħamrija, il-klima u l-ilma għandhom jiġu appoġġati permezz ta' din il-miżura. Is-sistemi ta' biedja assoċjati maż-Żoni l-Iktar Żvantaġġati, bħall-biedja ta' Valur Naturali Għoli, jistgħu jipproduċu prodotti tal-ikel ta' kwalità għolja u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-beni pubbliċi ambjentali fosthom il-ħżin tal-karbonju, l-ilma nadif, il-kwalità tal-pajsaġġ u l-bijodiversità.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 5 - subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħal dawk tal-karatteristiċi ta' restrizzjonijiet naturali tagħhom u kundizzjonijiet agronomiċi. | F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħal dawk tal-karatteristiċi ***ambjentali u*** ta' restrizzjonijiet naturali tagħhom, u kundizzjonijiet agronomiċi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bdiewa minn żoni b'limitazzjonijiet naturali li qed jikkontribwixxu b'mod attiv għaż-żamma tal-pajsaġġ u l-protezzjoni u ż-żamma tal-bijodiversità, il-ħamrija, il-klima u l-ilma għandhom jiġu appoġġati permezz ta' din il-miżura. Is-sistemi ta' biedja assoċjati maż-Żoni l-Iktar Żvantaġġati, bħall-biedja ta' Valur Naturali Għoli, jistgħu jipproduċu prodotti tal-ikel ta' kwalità għolja u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-beni pubbliċi ambjentali fosthom il-ħżin tal-karbonju, l-ilma nadif, il-kwalità tal-pajsaġġ u l-bijodiversità.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu pagament annwali lill-bdiewa żgħażagħ li huma intitolati għal pagament skont l-iskema ta' pagament bażiku msemmija fil-Kaptiolu 1. | 1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu pagament annwali lill-bdiewa żgħażagħ li huma intitolati għal pagament skont l-iskema ta' pagament bażiku msemmija fil-Kapitolu 1. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. L-appoġġ akkoppjat jista' jingħata biss lil setturi jew lil reġjuni ta' Stat Membru fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jgħaddu minn ċerti diffikultajiet u jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi u/jew soċjali ***u/jew*** ambjentali. | 2. L-appoġġ akkoppjat jista' jingħata biss lil setturi jew lil reġjuni ta' Stat Membru fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi jgħaddu minn ċerti diffikultajiet u jkunu partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi u/jew soċjali ***u*** ambjentali. |

**Emenda 33**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. Biex tkun żgurata ġestjoni effiċjenti tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 dwar regoli u kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' art u ta' varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton. | 3. Biex tkun żgurata ġestjoni effiċjenti tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 55 dwar regoli u kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' art u ta' varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton. ***Dawn ir-regoli għandhom jinkludu r-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tal-użu kbir ħafna ta' pestiċidi u l-konsum tal-ilma għall-irrigazzjoni tat-tkabbir tal-qoton, huwa xieraq li jkun hemm rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali qabel ma tiġi*

*awtorizzata kwalunkwe art għall-produzzjoni tal-qoton.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ skema għall-bdiewa żgħar b'konformità ma' dan it-Titolu. Minkejja dan, meta l-proporzjon tal-benefiċjarji potenzjali tal-appoġġ fi Stat Membru jkun inqas minn 5 % tal-bdiewa tiegħu, dak l-Istat Membru m'għandux għalfejn japplika l-iskema għall-bdiewa żgħar.*** |

*Ġustifikazzjoni*

Sabiex tiġi evitata l-burokrazija żejda, it-twaqqif ta' skema għall-bdiewa żgħar għandha tkun f'idejn l-Istati Membri.

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-PAK |
| **Referenzi** | COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>25.10.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>25.10.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Dan Jørgensen<br>23.11.2011 |
| **Eżami fil-kumitat** | 7.5.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.9.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 33<br>–: 16<br>0: 12 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Martina Anderson, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Milan Cabrnoch, Martin Callanan, Nessa Childers, Esther de Lange, Bas Eickhout, Edite Estrela, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Marina Yannakoudakis |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Nikos Chrysogelos, José Manuel Fernandes, Christofer Fjellner, Jacqueline Foster, Jutta Haug, Vittorio Prodi, Michèle Rivasi, Marita Ulvskog, Andrea Zanoni |

19.10.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli

għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni
(COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Grèze

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Flimkien mal-proposta għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali għall-2014 - 2020, il-Kummissjoni ppreżentat sett ta’ Regolamenti li jistabbilixxu l-qafas leġiżlattiv għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) fil-perjodu 2014-2020. Ġew stabiliti tliet sfidi ewlenin fi ħdan dan il-qafas, b'mod speċjali 1) il-produzzjoni vijabbli tal-ikel; 2) il-ġestjoni sostenibbli ta’ riżorsi naturali u ta’ azzjoni klimatika; u 3) l-iżvilupp territorjali bbilanċjat. Kif iddikjarat il-Kummissjoni, iż-żewġ Pilastri tal-PAK se jkunu essenzjali biex tingħata risposta xierqa għal dawn il-kwistjonijiet li huma ta' tħassib kbir ukoll għar-reġjuni u t-territorji Ewropej. Ir-regoli l-ġodda għall-pagamenti diretti għandhom jiżguraw tqassim ġust u sostenibbli tar-riżorsi.

Ir-Rapportuer tiegħek jappoġġja bis-sħiħ l-idea ta' titjib ekoloġiku ambizzjuż ta' pagamenti diretti lill-bdiewa. Huma waħda mit-tweġibijiet għall-isfidi ambjentali u soċjali attwali. Madankollu, ir-Rapporteur tiegħek jikkunsidra li l-proposti attwali huma dagħjfa wisq biex iwasslu għal bidla għal sistemi agrikoli sostenibbli avvanzati li huma kruċjali għal żvilupp territorjali sostenibbli f'żoni rurali. F'dan ir-rigward, ir-Rapporteur tiegħek jipproponi l-implimentazzjoni ta' miżuri li jippermettu konsiderazzjoni aħjar tat-territorji rurali Ewropej.

Rigward l-iżvilupp reġjonali, ir-Rapporteur tiegħek jappella għal sehem akbar mil-limiti massimi annwali nazzjonali allokati għal appoġġ addizzjonali għall-iżvilupp rurali. Bl-istess raġunament, ir-Rapporteur tiegħek huwa kontra kwalunkwe tnaqqis fl-ammonti allokati għall-iżvilupp rurali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat dwar l-Istrutturi Agrikoli u l-Iżvilupp Rurali , bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tevita kompetizzjoni inġusta jew diskriminazzjoni fost il-bdiewa, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta': l-iffissar tal-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku; l-adozzjoni ta' regoli dwar l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament; l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward tar-riverżjoni tad-drittijiet għall-pagamenti mhux attivati għar-riżerva nazzjonali; l-adozzjoni tar-rekwiżiti relatati man-notifika ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pagament lill-awtoritajiet nazzjonali u d-dati ta' skadenza li fihom għandha sseħħ notifika bħal din; l-istabbilment ta' limitu massimu annwali għall-pagament ***għall-prassi agrikoli li huma*** benefiċjali ***għall-klima*** u l-ambjent; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-pagament għall-bdiewa żgħażagħ; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-pagament għall-appoġġ akkoppjat volontarju; l-adozzjoni ta' regoli dwar il-proċedura għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' deċiżjonijiet fil-qafas tal-appoġġ akkoppjat volontarju; l-adozzjoni ta' regoli dwar il-proċedura tal-awtorizzazzjoni u n-notifiki għall-produtturi relatati mal-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton; il-provvediment għal regoli dwar il-kalkolu tat-tnaqqis tal-ammont tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton; l-adozzjoni ta' regoli li jirrigwardaw rekwiżiti ġenerali ta' notifika. | (5) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tevita kompetizzjoni inġusta jew diskriminazzjoni fost il-bdiewa, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta': l-iffissar tal-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku; l-adozzjoni ta' regoli dwar l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament; l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward tar-riverżjoni tad-drittijiet għall-pagamenti mhux attivati għar-riżerva nazzjonali; l-adozzjoni tar-rekwiżiti relatati man-notifika ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pagament lill-awtoritajiet nazzjonali u d-dati ta' skadenza li fihom għandha sseħħ notifika bħal din; l-istabbilment ta' limitu massimu annwali għall-pagament ***għall-implimentazzjoni ta' sistema agrikola sostenibbli avvanzata u*** benefiċjali ***li trażżan u timmitiga l-bidla fil-klima*** u ***li tħares*** l-ambjent; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-pagament għall-bdiewa żgħażagħ; l-istipular tal-limitu massimu annwali għall-pagament għall-appoġġ akkoppjat volontarju; l-adozzjoni ta' regoli dwar il-proċedura għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' deċiżjonijiet fil-qafas tal-appoġġ akkoppjat volontarju; l-adozzjoni ta' regoli dwar il-proċedura tal-awtorizzazzjoni u n-notifiki għall-produtturi relatati mal-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' tal-qoton; il-provvediment għal regoli dwar il-kalkolu tat-tnaqqis tal-ammont tal-pagament speċifiku għall-uċuħ |

| | |
|---|---|
| Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. | tar-raba' tal-qoton; l-adozzjoni ta' regoli li jirrigwardaw rekwiżiti ġenerali ta' notifika. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-esperjenza mill-applikazzjoni tad-diversi skemi ta' appoġġ għall-bdiewa wriet li, f'għadd ta' każijiet, l-appoġġ ingħata lill-benefiċjari li l-fini tan-negozju tagħhom ma kinitx immirata lejn l-attività agrikola, jew kienet immirata b'mod marġinali biss, bħall-ajruporti, il-kumpaniji ferrovjarji, il-kumpaniji ta' proprjetà immobbli u l-kumpaniji ta' ġestjoni tal-grawnds tal-isports. Biex jiżguraw l-immirar aħjar tal-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jevitaw li jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn. Il-bdiewa part-time żgħar jikkontribwixxu direttament għall-vitalità taż-żoni rurali, u għalhekk ma għandhomx jiċċaħdu milli jingħataw pagamenti diretti. | (13) L-esperjenza mill-applikazzjoni tad-diversi skemi ta' appoġġ għall-bdiewa wriet li, f'għadd ta' każijiet, l-appoġġ ingħata lill-benefiċjari li l-fini tan-negozju tagħhom ma kinitx immirata lejn l-attività agrikola, jew kienet immirata b'mod marġinali biss, bħall-ajruporti, il-kumpaniji ferrovjarji, il-kumpaniji ta' proprjetà immobbli u l-kumpaniji ta' ġestjoni tal-grawnds tal-isports. Biex jiżguraw l-immirar aħjar tal-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jevitaw li jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn. Il-bdiewa part-time żgħar jikkontribwixxu direttament għall-vitalità taż-żoni rurali, u għalhekk għandu jiġi garantit li jingħataw pagamenti diretti. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) L-implimentazzjoni ta' pagamenti għal sistemi agrikoli sostenibbli avvanzati, ġestjoni ambjentali u mitigazzjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***klima f'livell reġjonali kif previst minn dan ir-Regolament tista' tkun akkumpanjata mill-introduzzjoni ta' ftehimiet territorjali ffirmati bejn l-awtoritajiet reġjonali u l-bdiewa. Il-ftehimiet territorjali jistgħu jwasslu għall-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin speċifiċi bbażati fuq inċentivi, imwettqa b'mod kollettiv fuq l-art agrikola eliġibbli, u bil-għan li ir-riżorsi tal-ilma, il-bijodiversità u l-ħamrija jkunu protetti, suġġett għall-ispeċifiċitajiet lokali u abbażi ta' objettivi kondiviżi u li jistgħu jitkejlu.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(44a) F'sitwazzjonijiet fejn il-produzzjoni agrikola u l-bdiewa jkunu affettwati minn emerġenza jew diżastru naturali, il-Kummissjoni tista' tadotta tali miżuri skont kif jitqiesu neċessarji u ġustifikabbli biex, permezz ta' deroga mir-regoli ta' dan ir-regolament, jissolvew il-problemi speċifiċi,*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Artikolu 11 ma għandux japplika għar-reġjuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat, minn issa 'l quddiem imsejħa bħala "reġjuni l-aktar imbiegħda" u għall-pagamenti diretti mogħtija fil-gżejjer minuri tal-Eġew skont ir-Regolament (KE) Nru 1405/2006. | L-Artikoli 10 u 11 ma għandhomx japplikaw għar-reġjuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat, minn issa 'l quddiem imsejħa bħala "reġjuni l-aktar imbiegħda" u għall-pagamenti diretti mogħtija fil-gżejjer minuri tal-Eġew skont ir-Regolament (KE) Nru 1405/2006. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 - titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Bidwi attiv*** | ***Esklużjoni minn pagamenti diretti*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-iskema ta' pagament bażiku f'livell reġjonali. F'dak il-każ huma għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-karatteristiċi agronomiċi u ekonomiċi tagħhom u l-potenzjal agrikolu reġjonali tagħhom, jew l-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom. | 1. Qabel l-1 ta' Awwissu 2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-iskema ta' pagament bażiku f'livell reġjonali. F'dak il-każ huma għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-karatteristiċi agronomiċi, ambjentali ekonomiċi u ambjentali tagħhom u l-potenzjal agrikolu reġjonali tagħhom, jew l-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom. ***Sabiex jiġu evitati differenzi sinifikanti fl-allokazzjoni reġjonali tal-pagamenti, kull skema ta' pagament u definizzjoni sottostanti għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt ex-ante ambjentali u soċjoekonomika.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm riskju sinifikanti li l-isforzi ta' żvilupp lokali u reġjonali jiġu ostakolati jew ristretti jekk ħlasijiet preċedenti li jwasslu għal distribuzzjoni inġusta u mhux sostenibbli ta' riżorsi jkomplu jkunu mezz ta' referenza għal iktar ħlasijiet.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 28a*** |
| | ***L-implimentazzjoni tal-pagamenti għal sistemi agrikoli avvanzati sostenibbli, l-immaniġġjar ambjentali u l-mitigazzjoni tal-klima fil-livell reġjonali, kif previst fl-Artikoli 20 u 29, jistgħu jkunu akkumpanjati mill-introduzzjoni ta' ftehimiet territorjali ffirmati bejn l-awtoritajiet reġjonali u l-bdiewa, suġġett għal limitu massimu ta' 30 % stipulat fl-Artikolu 33. Il-ftehimiet territorjali jistgħu jwasslu għall-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin speċifiċi bbażati fuq inċentivi, imwettqa b'mod kollettiv fuq l-art agrikola eliġibbli, u bil-għan li ir-riżorsi tal-ilma, il-bijodiversità u l-ħamrija jkunu protetti, suġġett għall-ispeċifiċitajiet lokali u abbażi ta' objettivi kondiviżi u li jistgħu jitkejlu.*** |
| | *(għandha tiddaħħal bħala Artikolu ġdid qabel l-Artikolu 29)* |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-bdiewa li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandhom jippreżentaw applikazzjoni sal-15 ta' Ottubru 2014. | Il-bdiewa li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandhom jippreżentaw applikazzjoni sad-data li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri iżda mhux aktar tard: |
| | ***1.*** mill-15 ta' Ottubru 2014 b'effett mill-2014, |
| | ***or*** |

| | |
|---|---|
| | ***2. mill-15 ta' Ottubru 2015 b'effett mill-2015.*** |
| | Id-data ffissata mill-Istati Membri ma tistax, madankollu tkun qabel l-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-iskema ta' pagament bażiku. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' sistema ġdida, b'mod partikolari f'Stati Membri ġodda li għadhom ma applikawx is-sistema bbażata fuq drittijiet, tista' tikkawża problemi kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-ammministrazzjonijiet. Il-bdiewa jkollhom jagħżlu bejn żewġ sistemi differenti mhux magħrufa. Għalhekk biex jiġi żgurat li l-għan tal-mekkaniżmu jinkiseb, id-dħul fl-iskema għall-bdiewa żgħar għandu jkun possibbli tal-anqas għal darb oħra matul il-perspettiva finanzjarja.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri li jkunu kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'emerġenza, għar-riżoluzzjoni ta' problemi speċifiċi. Miżuri bħal dawn jistgħu jidderogaw minn dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, iżda biss sakemm, u għal dak il-perjodu li fih ikunu strettament meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 56(2). | 1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri li jkunu kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'emerġenza jew diżastru naturali li jaffettwaw il-produzzjoni agrikola u l-bdiewa, għar-riżoluzzjoni ta' problemi speċifiċi. Miżuri bħal dawn jistgħu jidderogaw minn dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, iżda biss sakemm, u għal dak il-perjodu li fih ikunu strettament meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 56(2). |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-PAK |
| **Referenzi** | COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>25.10.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>25.10.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Catherine Grèze<br>23.11.2011 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 18<br>–: 4<br>0: 17 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Jean-Jacob Bicep, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Ana Miranda, Jan Olbrycht, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Lena Kolarska-Bobińska, Czesław Adam Siekierski, Giommaria Uggias |

# PROĊEDURA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu** | Pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-PAK | | | |
| **Referenzi** | COM(2011)0625 – C7-0336/2011 – 2011/0280(COD) | | | |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 12.10.2011 | | | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>25.10.2011 | | | |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>25.10.2011 | BUDG<br>25.10.2011 | CONT<br>25.10.2011 | EMPL<br>25.10.2011 |
| | ENVI<br>25.10.2011 | REGI<br>25.10.2011 | | |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | EMPL<br>27.10.2011 | | | |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Luis Manuel<br>Capoulas Santos<br>26.9.2011 | | | |
| **Eżami fil-kumitat** | 23.1.2012 | 23.4.2012 | 19.6.2012 | 11.3.2013 |
| **Data tal-adozzjoni** | 30.9.2013 | | | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 31<br>8<br>2 | | |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | John Stuart Agnew, Eric Andrieu, Liam Aylward, José Bové, Luis Manuel Capoulas Santos, Vasilica Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Robert Dušek, Hynek Fajmon, Mariya Gabriel, Iratxe García Pérez, Martin Häusling, Peter Jahr, Elisabeth Jeggle, Jarosław Kalinowski, George Lyon, Mairead McGuinness, Wojciech Michał Olejniczak, Marit Paulsen, Britta Reimers, Ulrike Rodust, Alfreds Rubiks, Giancarlo Scottà, Czesław Adam Siekierski, Sergio Paolo Francesco Silvestris, Alyn Smith, Csaba Sándor Tabajdi, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski | | | |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pilar Ayuso, María Auxiliadora Correa Zamora, Karin Kadenbach, Sandra Kalniete, Christa Klaß, Giovanni La Via, Petri Sarvamaa, Dimitar Stoyanov | | | |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | María Muñiz De Urquiza | | | |
| **Data tat-tressiq** | 5.11.2013 | | | |